Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 312 / 2018

Il-Pulizja

Spettur Ian Joseph Abdilla

Spettur Anna Marie Micallef

Spettur Yvonne Farrugia

Vs

Michael Borg

Omissis

Omissis

Omissis

Omissis

Illum 15 ta Jannar 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Michael Borg ta' 38 sena detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 98875M u Omissis, Omissis, Omissis u Omissis, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1) fil-11 ta' Lulju 2013, u fil-gimghat u x-xhur ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer, kif ukoll barra minn dawn il- Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet

differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

a) Ippromovew, ikkostitwew, organizzaw, jew iffinanzjaw ghaqda ta' zewg persuni jew aktar bil-hsieb li jaghmlu reati kriminali li ghalihom jistghu jehlu l-piena ta' prigunerija ghal zmien erba' snin jew iktar (liema reati jinkludu kutrabandu ta' ssigaretti);

b) U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkostanzi, appartjenew ghal ghaqda msemmija fis-Subartikolu (1) ta' l-Artikolu 83A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Fuq talba tad-Direttur Generali (Dwana), akkuzati wkoll talli:**

2) Fil-11 ta' Lulju 2013, flimkien, bil-komplicita' u l-ko-operazzjoni ta' xulxin, kontra l-Ligi, zbarkaw u/jew kellhom x' jaqsmu f' illi jigu mportati jew imdahhla f' Malta kif ukoll gew fil-pussess u/jew laqghu ghandhom, zammew kif ukoll kellhom b' xi mod x' jaqsmu billi ghinu jew assistew fil-garr, twarrib, habi jew depost ta' sigaretti bla dazju, fi kwantita' kif deskritt hawn taht, u dan, bil-hsieb li jigi iffrodat il-Gvern minn Dazji u t-Taxxa li jkun imiss jithallas fuqhom jew biex tinheles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dawn is-sigaretti li nstabu mill-Pulizija gewwa Santa Venera fil-vettura Toyota Dyna bin-numru tar-registrazzjoni HQZ 083, liema sigaretti kienu iddahhlu gewwa San Pawl il-Bahar bil-bastiment mv BLUE DOLPHIN 1.

Sigaretti misjuba fil-vettura Toyota Dyna bin-numru tar-registrazzjoni HQZ 083:

- 99 kaxxa, b' 50 kartuna kull kaxxa, b' 200 sigarett kull kartuna (Business Royals); u

- 4 kaxxi, b' 50 kartuna kull kaxxa, b' 200 sigarett kull kartunia (Tradition).

B' valur ta' €29,870.00, Dazju ta' Importazzjoni ta' €17,205.12, Dazju tas-Sisa ta' €145,487.50, u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) ta' €34,661.27, liema Dazju tas-Sisa, Dazju ta' Importazjoni u t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) dovuti fuq dawn is-sigaretti ma gewx imhallsa u/ jew kawtelati;

**Fuq talba tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), akkuzati wkoll talli:**

3) Fil-11 ta' Lulju 2013, flimkien, bil-komplicita' u il-ko-operazzjoni ta' xulxin, kontra l-Ligi, zbarkaw u/jew kellhom x' jaqsmu f' illi jigu mportati jew imdahhla f' Malta kif ukoll gew fil-pussess u/jew laqghu ghandhom, zammew kif ukoll kellhom b' xi mod x' jaqsam billi ghinu jew assistew fil-garr, twarrib, habi jew depost ta' sigaretti bla dazju, fi kwantita' kif deskritt hawn taht, u dan, bil-hsieb li jigi iffrodat il-Gvern minn Dazji u t-Taxxa li jkun imiss jithallas fuqhom jew biex tinheles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dawn is-sigaretti li nstabu mill-Pulizija gewwa Santa Venera fil-vettura Toyota Dyna bin-numru tar-registrazzjoni HQZ 083, liema sigaretti kienu iddahhlu gewwa San Pawil il-Bahar bil-Bastiment mv BLUE DOLPHIN 1.

Sigaretti misjuba fil-vettura Toyota Dyna bin-numru tar-registrazzjoni HQZ 083:

- 99 kaxxa, b' 50 kartuna kull kaxxa, b' 200 sigarett kull kartuna (Business Royals); u
- 4 kaxxi, b' 50 kartuna kull kaxxa, b' 200 sigarett kull kartuna (Tradition).

B' Valur ta' €29,870.00, Dazju ta' Importazzjoni ta' €17,205.12, Dazju tas-Sisa ta' €145,487.50, u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) ta' €34,661.27,

liema Dazju tas-Sisa, Dazju ta' Importazzjoni u t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) dovuti fuq dawn is-sigaretti ma gewx imhallsa u/jew kawtelati;

**Michael Borg akkuzat wahdu:**

4) Fuq talba tad-Direttur Generali (Dwana), talli fic-cirkostanzi fuq imsemmija, wara tfittxija li saret mill-Ufficjali tal-Pulizija, fil-15 ta' Lulju 2013 fuq il-bastiment bl-isem mv BLUE DOLPHIN 1, gewwa Ta' Kandja instab li, apparti is-sigaretti fuq imsemmija kellu x' jaqsam ukoll f' illi jigu mportati jew imdahhla f' Malta:

- 4 kartuniet, b' 200 sigarett kull kartuna (Business Royals)

B' Valur ta' €23.20, Dazju ta' Importazzjoni ta' €13.36, Dazju tas-Sisa ta' €113.00, u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) ta' €26.92, liema Dazju tas-Sisa, id-Dazju ta' Importazzjoni u t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (V.A.T.) dovuti fuq dawn is-sigaretti ma gewx imhallsa u/jew kawtelati;

5) Fuq talba tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjed), talli fic-cirkostanzi fuq imsemmija, wara tfittxija li saret mill-Ufficjal tal-Pulizija, fil-15 ta' Lulju 2013 fuq il-bastiment bl-isem mv BLUE DOLPHIN 1, GEWWA Ta' Kandja instab li, apparti is-sigaretti fuq imsemmija kellu x' jaqsam ukoll f' illi jigu mportati jew imdahhla f' Malta:

- 4 kartuniet, b' 200 sigarett kull kartuna (Business Royals)

B' Valur ta' €23.20, Dazju ta' Importazzjoni ta' €13.36, Dazju tas-Sisa ta' €113.00, u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) ta' €26.92, liema Dazju tas-Sisa, id-Dazju ta' Importazzjoni u t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (V.A.T.) dovuti fuq dawn is-sigaretti ma gewx imhallsa u/jew kawtelati;

6) Fuq talba tad-Direttur tad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura, talli fil-11 ta' Lulju 2013, u fil-granet ta' qabel, il-bastiment tal-kategorija long liner bl-isem ta' Blue Dolphin I, bin-numru ta' l-identifikazzjoni MFA8053, li jtajjar bandiera Maltija u li l-kaptan tieghu huwa l-istess Michael Borg, li huwa wkoll sid il-bastiment, kien involut f' illegalitajiet li ghat-tharis kontrihom responsabbli huwa responsabbli dan id-Dipartiment.

Tali attivitajiet involuti huma illegali stante l-provvedimenti tal-Artikolu 13 tal-Kapitolu 425 u tar-Regolamenti 3 u 4 tal-L.S. 425.08, u dan peress li nstabu abbord disa' hutiet tat-tip pixxispad b' rashom maqtghuha u dan bi ksur tal-artikoli 7 u 8 tal-2011-03, RECOMMENDATION BY ICCAT FOR MANAGEMENT MEASURES FOR MEDITERRANEAN SWORDFISH IN THE FRAMEWORK OF ICCAT, kif ukoll bi ksur ta' kondizzjoni imposta mid-Dipartiment permezz ta' "Permess tas-sajd specjali ghall-konz tal-pixxispad" ghal perjodi fis-sena 2013 fir-rigward tad-daqs u/jew it-tul tal-pixxispad.

Wkoll talli, id-Dipartiment la gie notifikat li l-bastiment hiereg ghas-sajd u lanqas ma gie informat li l-bastiment kien diehel lura l-port kif kellu jaghmel 4 sieghat qabel jidhol il-port, u dan kif huwa obbligu li jsir skond il-permess surriferit u l-kondizzjonijiet tieghu.

U b' hekk l-imputat Omissis kiser ordni ta' Probation, meta wettaq reat fi zmien il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' Probation, hekk kif ikkontemplat f' Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' malta, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell, liema sentenza saret definittiva u ma tistax jigi mibdula;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tapplika mutatis id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti;

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-21 ta' Gunju, 2018, fejn il-Qorti wara li fil-konfront tal-hames imputati rat l-Artikoli 17, 18, 23, 23A, 23B, 23C, 31, 83 A (1), (2) u (4) u 5333 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 5 tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 60, 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k), 64, 65, 66, 67, 68, 69 tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 16 (1)(j)(n), 16(4), 17(1)(a)(d), 17(2) u 17(5) tal-Kap 382 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 80 u 81 tal-Kap 406 tal-Ligijet ta' Malta;

Fil-konfront ta' Michael Borg wahdu rat l-Artikoli 13, 2 A, 30, 31 u 35 tal-Kap 425 u ir-Regolamenti 3 u 4 ta' Legislazzjoni Sussidjarja 425.08, taht Kap 425 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fil-konfront ta' Omissis wahdu rat l-Artikoli 7 u 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ma sabitx lill-imputati Omissis u Omissis hatja, u ghaldaqstant illiberathom;

Sabet lill-imputati Michael Borg, Omissis u Omissis hatja tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ikkundannathom ghal piena ta' tlitt (3) snin prigunerija kull wiehed.

Inoltre ikkundannathom ukoll kull wiehed ghal multa ta' erba' mija w tmienja w tmenin elf, sebgha w sebghin Ewro, sitta w tmenin centezmu (€488,077.86), li terz

minnhom, u cioe' mija w tnejn u sittin elf, sitt mija w tnejn u disghin Ewro, tnejn u sittin centezmu (€162,692.62) huma dovuti bhala dejn civili lid-Dwana.

Lil Michael Borg wahdu ikkundannatu ukoll ghal multa ta' tlitt mija w disgha w sebghin Ewro, tmien centezmi (€379.08), li terz minnhom, u cioe' mija w sitta w ghoxrin Ewro, sitta w tletin centezmu (€126.36) huma dovuti bhala dejn civili lid-Dwana.

Ordnat l-konfiska tad-dghajsa ' Blue Dolphin I' , kif ukoll tas-somma ta' hames mitt Ewro (€500.00) rappresentanti l-vettura HQZ 083, u tas-sigaretti kollha maqbuda.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputati.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Michael Borg, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-10 ta' Lulju, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha tilqa dan l-appell billi thassar u tirrevokaha s-sentenza appellata fejn sabitu hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u minflok tiddikjarah mhux hati taghhom u konsegwentament tilliberah minn kull imputazzjoni htija u piena jew sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghal dak appena espost, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timpani piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-appellant hass ruhu aggravat bis-sentenza moghtija fil-konfront tieghu, u b' hekk qieghed jinterponi dana l-umli appell quddiem dina l-Onorabbli Qorti.

Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

A. **<u>Dwar l-inammisabilita' tal-istqarrija tal-imputati kollha</u>**

Hekk kif jixhdu l-atti processwali, fil-mori tal-investigazzjoni tal-kaz odjern, kemm l-appellant Borg kif ukoll il-ko-imputati l-ohra rrilaxxaw diversi stqarriji. Fil-fatt l-imputat Shannon Cauchi rrilaxxa zewg stqarriji wahda nhar il-11 ta' Lulju, 2013 kif ukoll nhar is-17 ta' Lulju, 2013, l-imputati Robert Agius u Paul Anthony Pisani rrilaxxaw l-istqarrija taghhom nhar it-16 ta' Lulju, 2013, l-imputat Anthony Cremona rrilaxxa zewg stqarriji; l-ewwel wahda nhar il-11 ta' Lulju, 2013 u sussegwentament rrilaxxa t-tieni stqarrija nhar is-17 ta' Lulju, 2013. *Di piu'* l-esponenti rrilaxxa wkol zewg stqarrija, l-ewwel wahda nhar it-12 ta' Lulju, 2013 u t-tieni stqarrija nhar is-17 ta' Lulju, 2013.

Kif jixhdu l-atti processwali fil-waqt li l-esponenti kif ukoll il-ko-imputati Shannon Cauchi, Robert Agius u Paul Anthony Pisani ghazlu li ma jiehdux parir legali qabel ma rrilaxxaw tali stqarrija il-ko-imputat Anthony Cremona ikkonsulta mal-konsulent legali tal-fiducja tieghu.

Madanakollu, fid-dawl ta' dak li jissiponi l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, fid-dal tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll fid-dawl ta' diversi sentenzi kemm domestici kif ukoll Ewropej, l-appellant jemmen bis-shih illi vkemm l-istqarrija minnu rilaxxata kif ukoll l-istqarriji rilaxxati mill-ko-imputati l-ohra huma ' provi' inammissibbli u dana stante li jilledu d-drittijiet taghhom hekk kif imharsa mill-artikoli 6(1) u (3) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u dana fid-dawl tal-fatt li fiz-zmien meta ttiehdu tali stqarrijijiet, la l-esponenti u lanqas il-ko-imputati l-ohra ma kellhom l-opportunita legali li jitolbu li jkollhom, u kwindi lanqas qatt ma setgha kellhom, konsulent legali tal-ghazla taghhom **<u>prezenti fizikament matul it-tehid tal-imsemmija stqarrijiet</u>**.

Id-dritt ghal smiegh xieraq skond fl-artikolu 6(1) u l-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja gie estiz mill-gurisprudenza Ewropeja mhux biss ghad-dritt li ghalih hija intitolata l-persuna akkuzata matul il-proceduri penali

fil-Qorti izda ukoll ghal *pre-trial stage* u cioe' ghall-istadju meta persuna tkun giet arrestata u interrogata.

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza fl-ismijiet Stojkovic vs France and Belgium[1] rriteniet illi huwa dritt ghal kull min qed jigi akkuzat b' reat kriminali li jkun effettivament assistit minn avukat u fejn hemm bzonn dan l-avukat ghandu jigi mahtur ufficjalment.

Il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, f' kull decizjoni li titratta assistenza legali, issostni li l-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni ma jkunx gie osservat kull meta persuna arrestata ma tkunx inghatat assistenza legali qabel u **matul l-interrogazzjoni taghha**, fejn permezz ta' dina l-istess interrogazzjoni, l–akkuzat jkun jista' jinkrimina lilu nnifisu.

B' hekk jidher illi r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat mal-artikolu 6(3)(c) jitlob u jesigi li s-suspettat mhux biss ghandu dritt li jikkonsulta ma' avukat biss qabel ma tittiehed l-istqarrija tieghu, izda **UKOLL WAQT** l-istess tehid tal-istqarrija.

Illi permezz ta' dan l-aggravvju, l-esponenti mhux qed jikkontendi illi l-esponenti u l-ko-imputati l-ohra ma nghatawx il-fakolta' li jikkonsultaw ma' avukat qabel ma rrilaxxaw l-imsemmija stqarrijiet, pero' l-esponenti qieghed jilmenta illi waqt li rrilaxxaw l-istqarrijijiet taghhom, l-imputati ma kellhomx u ma setghax ikollhom avukat prezenti **maghhom matul it-tehid tal-istqarriji taghhom.**

[1] Deciza nhar is- 27 ta' Ottubru,2011

Illi dan il-hsieb jemergi a bazi ta' gurisprudenza kopjuza mahluqa mill-ECHR, fosthom u mhux biss il-kaz ta' Dayanan vs Turkey (13/102009) u l-kaz ta' A.T. vs Luxembourg (no. 30460/13, 09/04/2015).

Il-fatt li l-esponenti u wisq anqas l-imputati l-ohra la kellhom is-setgha li jitolbu li l-konsulent legali taghhom jkun fizikament prezenti u wisq anqas li kieku talbu, xorta wahda ma kienux sejrin jinghataw tali opportunita, tivvijola d-drittijiet tal-esponenti hekk kif sanciti mill-Konvenzjoni Ewropea.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz Il-Pulizija vs Louis Lia[2] rriteniet,

> **"..l-artikolu 6(3)(c) li jipprovdi dwar l-assientenza legali ghandu isib applikazzjoni anke fl-istadju ta' l-interrogazzjoni tal-persuna suspettata. Dana ghaliex huwa principju stabbilit fis-sistema penali taghna illi persuna ghandha titqies li hija innocenti sakemm ma tigix misjuba hatja minn qorti gudizzjarja. Kwindi hija ghandha dritt illi ma tinkriminax ruhha bl-ebda mod u dana sa mill-istadju inizjali tal-interrogazzjoni. Sabiex dana id-dritt jigi salvagwardjat ghalhekk kull persuna ghandha d-dritt li tikseb l-assistenza legali u dana sabiex tkun fl-ahjar pozizzjoni illi thejji id-difiza taghha. Dana huwa vitali billi fis-sistema penali taghna il-konfessjoni tal-persuna akkuzata hija prova ewlenija fil-process gudizzjarju istitwit kontra taghha."**

Tajjeb jinghad illi fid-9 ta` Mejju 2017 il-Qorti Kriminali tat decizjoni fil-kaz **' Ir-Repubblika ta` Malta vs Martino Aiello'** . Fit-trattazzjoni tal-kawza sar l-argument illi l-akkuzat ma kellux avukat prezenti mieghu meta hu rrilaxxa l-istqarrija fid-19 ta` Ottubru 2014. It-tezi ta` Aiello kienet li meta sar ir-rilaxx ta`

[2] Il-Pulizija vs Louis Lia, 22/09/2016, Qorti tal-Appell Kriminali, Imhallef Dr. Edwina Grima

l-istqarrija, huwa ma kellux id-dritt ta` prezenza tal-avukat bil-konsegwenza li l-istqarrija ghandha tkun inammissibbli. L-Avukat Generali ghamel l-argument illi Aiello kien inghata d-dritt li jikkonsulta avukat ta` fiducja tieghu izda rrifjuta dan id-dritt, ma kkonsulta ma` hadd, u liberament u volontarjament irrilaxxja l-istqarrija de qua. Il-Qorti Kriminali qalet hekk :-

> "Illi din il-Qorti tosserva li s-sentenza Borg v Malta (hawn fuq citata) ma kinitx biss titkellem fuq id-dritt li wiehed ikollu ljedd li jikkonsulta ma` avukat qabel tigi rilaxxata stqarrija. Dik is-sentenza tghid illi f`kull stadju ta` l-investigazzjoni l- persuna suspettata jew akkuzata jrid ikollha d-dritt ta` lavukat. Kien ghalhekk li gie promulgat l-Att numru LI tal-2016. Illi fil-fehma ta` din il-Qorti l-istess principji li gew applikati fis-sentenzi hawn fuq imsemmija ghandhom japplikaw f` dan il-kaz ukoll. **Dan ifisser li anki jekk ir-rikorrenti rrifjuta d-dritt li jikkonsulta avukat ma jfissirx li hu kien ser jirrifjuta l-prezenza ta` avukat fl-istess kamra ta` l-interrogatorju, tenut kont tal-fatt li l-artikolu fuq citat isemmi li l-avukat prezenti ghall-interrogatorju "…jippartecipa b`mod effettiv fl-interrogazzjoni…"**
>
> **Kif wiehed jista` japprezza din hi sitwazzjoni kompletament differenti minn dawk li huma in vigore llum. Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tilqa` l-eccezzjoni tar-rikorrenti. Tiddikjara li l-istqarrija tad-19 ta` Ottubru 2014 rilaxxat mir-rikorrenti bhala inammissibbli.** Tali stqarrija ma tistax tigi prodotta waqt il-guri jew kopja taghha moghtija lill-gurati."

Qieghda ssir referenza wkoll ghal decizjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet **' Il-Pulizija [Spt. M. Bondin] vs Aldo**

**<u>Pistella'</u>** deciza nhar is-27 ta' Gunju, 2017 mill-Onor. Imhallef J. Zammit McKeon fejn il-Qorti ddecidiet illi:

> **"Ghal din il-Qorti, il-fatt li persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt linterrogazzjoni jwassal ghal sitwazzjoni fejn l-uzu ta` l-istqarrija mehuda minghajr l-assistenza legali tammonta ghal lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq tal-imputat skont l-Art 6 tal-Konvenzjoni.**
>
> **Din il-Qorti tqis li ghall-kaz odjern ghandha tapplika l-gurisprudenza l-aktar ricenti tal-ECHR u tal-qrati taghna fejn inghad kjarament li d-dritt ta` l-applikant jigi rrimedjabbilment ippregudikat meta hu jirrilaxxa stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni meta ma kienx assistit minn avukat u in segwitu dawk l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu.**

Illi *di piu'* ghandu jigi rilevat illi stante li l-artikolu 534AF tal-Kodici Kriminali gie inkorporat fil-Ligijiet penali Maltin permezz tal-Att Numru 4 tal-2014 u tali stqarriji gew rilaxxati qabel tali introduzzjoni, kwalunkwe stqarrija rilaxxata mill-esponenti giet rilaxxata minghajr mal-appellant kellu access ghall-evidenza materjali kollha li tinsab fil-pussess tal-Pulizija u cioe minghajr ma kellu ' disclosure' tal-evidenza gia migbura.

Ghaldaqstant a bazi tas-su espost, bir-rispett qieghed jigi sottomess illi a bazi tal-fatt illi stante li l-ebda wiehed mill-imputati ma nghata d-dritt li jkollu avukat tal-fiducja tieghu fl-istess kamra tal-interrogatorju sabiex l-istess konsulent legali jkun jista jippartecipa b' mod effettiv kif ukoll fid-dawl tal-fatt illi tali stqarrijiet ittiehdu bi ksur tal-artikolu 534AF tal-Kodici Kriminali tali stqarrijiet hawn fuq imsemmija ttiehdu bi ksur tal- Artikolu 6(1) abbinat mal-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem

u tal-Libertajiet Fondamentali u konsegwentament sabiex l-interessi tal-esponenti jibqghu intatti, kien/huwa mehtieg li l-imsemmija stqarrijiet ma jigux ikkunsidrati bhala provi ammissabbli u ma jkollhom l-ebda piz probatorju.

**B. <u>Dwar l-ammissibbilita' o meno tad-deposizzjoni ta' Kusmodo u l-istqarriji rilaxxati mill-ko-imputati l-ohra</u>**

Dan l-aggravju qieghed jigi mressaq ' il quddiem minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti.

Fil-mori ta' dawn il-proceduri, il-ko-imputati Agius, Pisani, Cremona u Cauchi rrilaxxaw diversi stqarriji, liema stqarriji jinsabu ezebiti fl-atti processwali. Di piu' fis-seduta ta' nhar is-17 ta' Lulju, 2013 ta x-xhieda tieghu Kusnodo[3].

Illi l-istess Kusnodo, fl-istess deposizzjoni tieghu ta' nhar is-17 ta' Lulju, 2013 jikkonferma taht gurament illi huwa kien komplici b' dak illi kienu qeghdin jigu akkuzati bih il-ko-imputati l-ohra.

Fid-dawl tad-diversi stqarriji rilaxxati mill-ko-imputati l-ohra kif ukoll fir-rigward tax-xhud Kusnodo, l-appellant qieghed jaghmel referenza ghall-artikolu 658 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Tali artikolu jistipula illi:

*"658. <u>**Kull haga li imputat jew akkuzat jistqarr, kemm bil-miktub, b' mezzi awdjovizwali jew b' mezzi ohra, tista' tittiehed bi prova kontra jew favur**</u>*

[3] Vide fol.50 et seq tal-Atti Processwali

***min, skont kif ikun il-kaz, ikun stqarrha,*** *kemm-il-darba jinsab li din il-konfessjoni giet maghmula minnu volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b' theddid jew b' biza, jew b' weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi."*

Di piu' l-artikolu 661 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta jistipula li:

***"661. Konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha, u mhix ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra."***

**A bazi tas-su espost, il-pozizzjoni legali hija li jghidu x' jghidu ko-imputati jew ko-akkuzati kontra xulxin qatt ma jista' jiswa bhala prova kontra l-ko-imputat/i jew ko-akkuzat/i iehor jew ohrajn**. Din ir-regola giet sahansitra interpretata u estiza mill-gurisprudenza biex anki tkopri kazijiet fejn persuni li jkunu akkuzati bl-istess reat imma fi proceduri separati ma jkunux meqjusa bhala xhieda kompetenti u producibbli kontro ko-akkuzati jew ko-imputati ohrajn, hlief meta l-process tax-xhud ikun gie deciz definittivament.[4]

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Omissis u Saada Sammut"[5] rriteniet li:

> **"Hekk di fatti kien gie ritenut mill-Qorti Kriminali b' Digriet tat-22 ta' Dicembru, 1998 fil-kawza "Ir-Repubbkika ta' Malta vs. Ian Farrugia". Dik il-Qorti, f' dak id-Digriet, wara li ghamlet riferenza ghall- gurisprudenzahemm citata, rriteniet li persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur,bl-istess reat migjub kontra dak l-akkuzat liehor ma tistax tingieb bhala xhud**

[4] Vide passim, "Il-Pulizija s Joseph Grech et." deciza nhar id-19 ta' Ottubru, 2016 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Onor. Mag. Dr. N. Camilleri

[5] Deciza nhar is-16 ta' Novembru, 2006 per Onor. Imhallef J. Galea Debono

**favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz u li dan il-principju japplika sija jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b' mod li jkun hemm "koakkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sija jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan il-principju hu l-argument "a contrario sensu" li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali. Konsegwentement dik il-Qorti kienet iddecidiet li dak ix-xhud li kien akkuzat bhala ko-awtur bl-istess reat li bih l-akkuzat kien jinsab akkuzat, ma hux kompetenti li jixhed, qabel ma l-kaz tieghu jghaddi in gudikat. (Ara ukoll fl-istess sens Digriet tal-Qorti Kriminali fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Brian Vella" [4.2.2004] u ohrajn.) L-unika eccezzjoni ghal dir-regola hi proprju dik kontenuta fl-art. 636 (b) li tirrendi tali xhud kompetenti biex jixhed ghalkemm ikun imputat tal-istess reat li fuqu tkun mehtiega x-xhieda tieghu, meta l-Gvern ikun weghdu jew tah l-impunita' sabiex hekk ikun jista' jixhed."**

Illi riferenza ghandha ssir ukoll ghad-digiet imsemmi fid-decizjoni appena kwotata liema digriet inghata fit-22 ta' Dicembru 1998 fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ian Farrugia", fejn il-Qorti Kriminali qalet hekk:

**"Il-gurisprudenza hi cara fuq dan il-punt: persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b' mod li jkun hemm "ko-akkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun akkuzata fi procedure separate. Il-bazi ta' dan il- principju hu l-**

**argument a contrario sensu li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali,**

**"[la quale disposizione non pone alcuna distinzione circa il grado in cui il teste fosse stato imputato, se, cioé, come autore o coautore del delitto o come complice, essendo solo importante per i fini della ammissibilita' della sua deposizione che egli, non avendo a temere alcuna azione criminale per quanto va a deporre, non abbia l-interesse di scagionarsi e di incriminare altri" (R. v. Carmelo Cutajar ed altri, 18/1/1927, Kollezz. Deciz.XXVI.iv.758, 760).**

**Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-segwenti decizjonijiet: R. v. Filippo Pace, Qorti Kriminali, 14/11/1890, Kollezz. Deciz. XII.531l; P. v. Toni Pisani App. Krim., 11/11/1944, Kollezz. Deciz. XXXII.iv.792; R. v. Karmnu Vella, Qorti Kriminali, 3/12/47, Kollezz. Deciz. XXXIII.iv.547; P. v. Alfred W. Luck et., App. Krim., 25/4/1949, Kollezz. Deciz. XXXIII.iv.870, u Rep. v. Domenic Zammit et, Qorti Kriminali, 15/12/1997 kif integrata bid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-istess ismijiet tal-31/7/1998.**

**Carmel Attard, li kien akkuzat bhala ko-awtur bl-istess reat li bih l-akkuzat odjern jinsab akkuzat, ma hux kompetenti li jixhed (sia bhala xhud tal-Prosekuzzjoni sia bhala xhud tad-difiza) qabel ma l-kaz tieghu jghaddi in gudikat. Sa ma jintlahaq dak l-istadju, Carmel Attard hu inammissibbli bhala xhud indipendement minn jekk huwa stess iridx jixhed."**

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Zammit et." rriteniet illi:

**"Kwantu ghal dawk ix-xhieda li qed jintalbu mill-ko-akkuzati, il-gurisprudenza, ibbazata kemm fuq il-ligi kif ukoll fuq il-buon sens, hi cara. Persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b' mod li jkun hemm "ko-akkuzat" fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun giet akkuzata fi proceduri separati. Fi kliem il-kompjant Imhallef William Harding:**

**"Maltese law, in fact, in section 632, Chapter 12 (Illum 636; Kap. 9), considers as incompetent to give evidence (except of course, on his own behalf) anyone charged with the same offence in respect of which his deposition is required, unless the proceedings against him are put an end to. Maltese law does not make any distinction as to whether the evidence of the co-defendant is required by the prosecution or by another defendant.""**

F' dan il-kuntest jehtieg issir referenza ghall-verbal ta' nhar it-23 ta' Lulju, 2013 fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti ppronunzjat ruhha f' dan ir-rigward u ddecidiet illi:

**"Il-Qorti tiddikjara l-istess xhud Kusnodo bhala komplici ta' dan il-kaz u ghalhekk f' dan l-istadju huwa xhud inammissibbli."[6]**

F' dan l-isfond u fid-dawl tal-fatt li Cremona, Cauchi, Agius u Pisani kienu ko-imputati fil-proceduri quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti kif ukoll li x-

[6] Vide fol.81 tal-Atti Processwali

xhieda ta' Kusnodo mhiex wahda ammissibbli u skond il-Ligi, dak kollu li minnhom intqal favur jew kontra l-esponenti Michael Borg, ma jista' qatt jitqies li jaghmel prova ammissibbli kontra l-appellant.

A bazi tas-su espost l-esponenti jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti, sabiex tiddikjara l-istqarrijiet kollha taghhom kif ukoll kwalunkwe dikjarazzjoni maghmula minn Kusnodo bhala provi inammissibbli fil-konfront tieghu.

Minghajr pregudizzju ghas-su espost u fl-eventwalita' li dina l-Onorabbli Qorti tiskarta dak hawn fuq imsemmi, ghandu jigi rilevat illi x-xhieda tal-istess Kusnodo la hi wahda cara u wisq anqas kredibbli. Tant hu hekk illi l-ewwel Onorabbli Qorti a fol. 7 tas-sentenza appellatta dwar ix-xhieda ta' Kusmodo fil-konfront tal-imptuati Robert Agius u Paul Anthony Pisani ssostni:

> "Kienet biss it-testimonjanza ta' Kusnodo li rabtet lil Pisani u lil Agius ma dan ir-reat, izda fix-xhieda tieghu Kusnodo ma kienx car ghall-Qorti…"

Tant hu hekk illi effettivament l-ewwel Onorabbbli Qorti ma sabetx lill-imputati Paul Anthony Pisani u Robert Agius hatja u ghaldaqstant illiberathom minn kull akkuza.

## C. Dwar l-Apprezzament tal-Provi

### C.1 Dwar il-Merkanzija Misjuba fuq il-vettura Toyota Dyna

Dan l-aggravju qieghed jingieb ' il quddiem minghajr pregudizzju ghall-aggravvji precedenti.

Skond l-imputazzjonijet migjuba kontra l-esponenti kif ukoll mid-diversi dokumenti prodotti minn diversi xhieda ghan-nom u in rapprezentanza tad-Dipartimenti tad-Dwana u tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, l-esponenti qeghdin jigu akkuzati illi xjentement ittentaw jimportaw jew idahlu fil-Gzejjer Maltin ' sigaretti bla dazju.' Fil-fatt, skond il-Prosekuzzjoni u x-xhieda prodotti minnha, tali merkanzija li allegatament iddahlet gewwa Malta abbord il-"Blue Dolphin I" kienet tikkonsisti fi:

a) 99 Kaxxa, b' 50 kartuna kull kaxxa, b' 200 sigarett kull kartuna – BUSINESS ROYALS
b) 4 Kaxxi, b' 50 kartuna kull kaxxa, b' 200 sigarett kull kartuna – TRADITION
c) 4 kartuniet, b' 200 sigarett kull kartuna – BUSINESS ROYALS

Jibda' biex jinghad illi kemm l-Ordinanza tad-Dwana kif ukoll l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jonqsu milli jaghtu definizzjoni tal-kelma ' sigarett' , ghaldaqstant l-esponenti sejjer jaghmel referenza ghall-Kap 382 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe ghall-Att Dwar Dazju tas-Sisa. Illi ghalkemm lanqas dan l-Att ma jaghti definizzjoni tal-kelma ' sigaretti' f' dak li jirrigwarda d-definizzjoni ta' dan il-prodott, dan l-Att jaghmel referenza ghall-Artikoli 4(1) u 7(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 95/59 KE.

L-artikolu 4 tad-Direttiva *supra* riferita jistipula illi:

*"1. Is-sostanzi li ġejjin għandhom jiġu meqjusa bħala sigaretti; (a) rollijiet ta' tabakk li jistgħu jitpejpu kif inhuma u li mhumiex sigarri jew sigarillos fit-*

*tifsira ta' l-Artikolu 3; (b) rollijiet ta' tabakk li, b' sempliċi maniġġjar mhux industrijali, huma mdaħħla f' tubu tal-karti; (ċ) rollijiet ta' tabakk li, b' sempliċi maniġġjar mhux industrijali, huma mgeżwra f' karti tas-sigaretti."*

Minn qari akkurat ta' din id-definizzjoni jemergi bic-car illi sabiex prodott ikun jista' jissejjah ' sigarett' u konsegwentament isir suggett ghal-ligijiet doganali u fiskali Maltin, jehtieg jigi determinat illi tali prodott irid ikun maghmul kompletament jew in parti minn tabakk.

Illi tifli kemm tifli l-atti processwali, minn imkien ma jirrizulta ppruvat x' kien il-kontenut tal-merkanzija illi allegatament kienet qieghda tingarr mill-esponenti u li allegatament inhattet ghal fuq il-vettura Toytota Dyna bin-numru ta' Registrazzjoni HQZ 083.

In oltre il-Prosekuzzjoni baqghet qatt ma ppruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni illi l-istess merkanzija kienet tikkonsisti kompletament jew in parti minn tabakk u li ghad-dirittura l-istess merkanzija kienet suggetta ghal-ligijiet doganali u fiskali Maltin.

Fis-sentenza kkontestata l-ewwel Onorabbli Qorti dwar il-merkanzija in kwistjoni tikkummenta illi:

> "Fit-tieni lok, fl-istqarrija rilaxxata minnu, l-imputat Anthony Cremona (stqarrija dok IA7 a fol 125) hin minnhom jammetti li fil-vann kellu sigaretti f' numru kbir ta' kaxxi (fol.126), u kien iffirma wkoll ricevuta ta' dan. Din il-prova ghalhekk torbot lil Cremona ma' dan ir-reat mhux biss ghax kien hu li saq l-istess vann minn Ghajn Fekruna sa Santa Venera, fejn gie mwaqqaf mill-Pulizija tal-RIU, izda twassal lill-Qorti

sabiex fil-fatt tikkonferma li l-oggetti fil-kaxxi kienu sigaretti, u mhux xi haga ohra"

Bir-rispett dovut pero' fid-dawl tal-fatt illi l-Prosekuzzjoni akkuzat lill-esponenti b' kuntrabandu ta' sigaretti, kif ukoll fid dawl tal-principju legali '*onus probandi incubit ei qui dicit'* , l-obbligu bazilari tal-Prosekuzzjoni kien li li tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li effettivament il-kontenut tal-merkanzija.

Madanakollu dan baqa qatt ma sar u konsegwentament il-Qorti kellha tistrieh fuq dikjarazzjoni illi ghamel ko-imputat!!!

Fil-fatt ghalkemm fil-mori ta' dawn il-proceduri gew esebiti numru ta' ritratti[7] tal-merkanzija hekk kif stivata fil-vann *de quo* u jidher bic-car illi l-imsemmija merkanzija giet ippakkjata f' kaxex illi normalment huma uzati ghas-sigaretti, il-Prosekuzzjoni assumiet illi galadarba humma ppakjati b' dan il-mod, il-kaxex kienu jikkontjenu sigaretti.

Mhux il-Prosekuzzjoni biss ghamlet tali assunzjoni, izda tali assunzjoni ghamilha wkoll il-ko-imputat Cremona wara li l-ufficjali tal-Pulizija qattghu t-tgezwir tal-plastic iswed li bih kienet imgezwra l-merkanzija mertu tal-proceduri odjerni.

Ghandu jigi mfakkar la fil-kamp civili u iktar u iktar fil-kamp penali ma hemm l-ebda lok ghal assunzjonijiet!

[7] Vide fol. 764 et. seq. tal-Atti Processwali u cioe r-relazzjoni ta' PS 1392 Kevin Buhagiar immarkata bhala Dok KB1

Fil-fatt tifli kemm tifli l-atti processwali, imkien ma jigi ppruvat illi l-imsemmi kartun kien jikkontjeni pakketti tas-sigaretti u *in oltre* imkien ma gie ppruvat illi l-imsemmija pakketti kienu effettivament jikkontjenu sigaretti maghmula mit-tabakk!!

Dan ghandu jigi kkunsidrat fid-dawl tal-fatt li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipproduci imqar ritratt wiehed tal-kontenut tal-imsemmija pakketti sabiex b' hekk minn tal-anqas setgha jigi kkonfermat illi l-konteneti tal-merkanzija *de quo* kienu sigaretti u dan minghajr ma nidhlu fil-mertu jekk imbaghad l-imsemmija sigaretti kienux maghmula minn tabakk jew xort' ohra!!

Fid-dawl ta' dawn in-nuqqasijiet kolla, li indubbjament kellhom jigu interpretati favur l-appellanti, jigi mfakkar illi l-Artikolu 638(1) tal-Kodici Kriminali jistipula li:

> *"Bhala regola, ghandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar shiha u sodisfaċenti illi l-każ ikun jaghti, u li ma jithalla barra ebda xhud li x-xiehda tieghu tkun importanti."*

*Di piu'* kif inhu indikat mill-bran supra citat mis-sentenza appellate, sabiex tikkonferma l-kontenut tal-merkanzija *de quo*, l-ewwel Onorabbli Qorti striehet fuq dak li stqarr il-ko-imputat Cremona. Pero' bid-dovut rispett, illi tali dikjarazzjoni maghmula mill-ko-imputat Cremona ma setghet qatt titqies bhala prova kontra l-appellant galadarba kemm Cremona kif ukoll l-appellant kienu ko-imputati tal-istess kaz.

Tali taghlim jemergi car mil-Ligi kif ukoll mill-gurisprudenza, liema gurisprudenza tinsab elenkata fl-aggravju immarkat bhala B.

L-esponenti fid-dawl ta′ dawn in-nuqqasijiet kollha ghal darb ohra jistaqsi:

a) **Kif jista′ qatt jinghad illi l-Prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni meta qed tibbaza l-allegazzjonijiet taghha fuq assunzjonijiet u xejn aktar?**

b) **Kif jista′ qatt jinghad illi l-prodott illi kien qieghed jingarr kien jikkonsisti f′ sigaretti maghmula mit-tabakk meta lanqas biss sar ezami forensiku jew imqar ritratt wiehed illi jipprova dan?**

c) **Fid-dawl tal-fatt illi ma saru l-ebda ezamijiet xjentifici u forensici fuq tali merkanzija sabiex jigi stabbilit minn xiex jikkonsisti tali prodott, kif tista′ l-Prosekuzzjoni tipprova l-kaz taghha billi tassumi li tali merkanzija kienet sigaretti u tmur pass altru minn hekk billi tistabilixxi l-kwantita tal-istess sigaretti?**

d) **Kif jista′ qatt jinghad li l-merkanzija misjuba kienet suggetta ghal-ligijiet fiskali u doganali Maltin meta lanqas biss gie stabbilit sal-grad rikjest mil-Ligi fiex kienet tikkonsisti tali merkanzija?**

e) **Kif jista qatt jinghad illi l-Prosekuzzjoni gabet il-prova l-aktar shiha u sodifacenti meta fl-ebda punt fil-mori ta′ dawn il-proceduri, ma talbet sabiex jinhatar espert u janalizza l-kontenut ta′ tali merkanzija u jikkonferma o meno illi tali merkanzija ma kienetx tikkonsisti f′ sigaretti?**

f) **Kif jista′ qatt jinghad li tezisti xi prova ammissibbli fil-konfront tal-appellant dwar il-kontenut tal-istess merkanzija meta l-ewwel Onorabbli Qorti stess tikkonferma illi hija bbazat id-decizjoni taghha**

**fuq dak mistqarr mill-ko-imputat Cremona, liema dikjarazjoni ma ghandha qatt titqies bhala prova ammissibbli kontra l-esponenti?**

**Il-fatt li l-prosekuzzjoni tul dawn il-proceduri baqghet qatt ma ppruvat il-kontenut ta' tali merkanzija u/jew ghad-dirittura baqghet qatt ma talbet li jsiru l-ezamijiet forensici necessarji sabiex jigi stabbilit il-kontenut tal-imsemmija merkanzija turi kif l-istess prosekuzzjoni aktarx hija mbezza' mir-rizultanzi tal-istess!! Dubbju dan li *ex lege* jmur favur l-esponenti u mhux kontrih!!**

Ghaldaqstant, fin-nuqqas ta' prova xjentifika u oggettiva minn espert indipendenti u imparzjali illi tipprova lil hin minn kull dubju dettat mir-raguni li tali merkanzija kienet kontenenti sigaretti kif ukoll fin-nuqqas ta' imqar provi ohrajn li jipprovaw x' kien il-kontenut gewwa l-istess kaxex u kartun, fin-nuqqas ta' prova li l-kontenut tal-imsemmija merkanzija kienet suggetta ghal ligijiet doganali u fiskali Maltin, l-esponenti huwa tal-fehma li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu sal-grad tac-certezza morali.

### C.2 Dwar l-4 kartuniet misjuba fil-pussess ta' Kusnodo

Dan l-aggravvju qieghed jingieb ' il quddiem minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti

Ghandu jigi rilevat illi fid-deposizzjoni tieghu quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, ix-xhud Kusnodo meta mistqosi in kontro ezami[8] ammetta illi huwa kien heba ammont ta' pakketti tas-sigaretti fix-xbieki tas-sajd. Huwa ammetta wkoll illi dan ghamlu ghaliex siehbu, bahhar Indonezjan iehor, ma kienx

[8] Vide fol. 78 et. seq tal-atti processwali

thallas mill-esponenti u konsegwentament Kusnodo ddecieda illi jahbi tali kartun bhala kumpens xieraq ghal siehbu, u dan dejjem bil-mohbi tal-esponenti.

Minkejja dan kollu l-Ispettur Anne Marie Micallef li kienet inkarigata tiehu l-istqarrija ta' Kusnodo mal-mument tal-arrest, ikkonfermat bil-gurament nhar it-23 ta' Lulju, 2013 illi effettivament meta primarjament ittehditlu l-istqarrija, Kusnodo naqas milli jsemmi l-erba' kartuniet mohbijin minnu. Meta rinfaccjat ghat-tieni darba dwar dawn l-erba' kartuniet u dwar il-fatt illi huwa kien naqas milli jsemmihom, Kusnodo kien stqarr illi huwa qieghed go pajjiz barrani, kien ghadu kif gie arrestat, ma kienx jaf x' kien qed jigri jew ma jigrix u kien nesa kompletament dik il-merkanzija illi huwa stress kien heba"[9]

In oltre jemergi bic-car illi minkejja li quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, Kusnodo jistqarr illi kien jaf li tali merkanzija kienet tappartjeni lill-esponenti, lill-ispettur Xuereb huwa fl-ebda moment ma jikkonferma illi kien konxju ta' min kien is"sid" ta' tali merkanzija izda stqarr illi ma kienx jaf min hu s-sid.[10]

**Kif jista' qatt Kusnodo jitqies bhala xhud kredibbli meta kontinwament ibiddel il-verzjoni tieghu? Liema verzjoni ghandha mis-sewwa? Dik li ta' a tempo vergine jew inkella dik li ta fuq il-pedana tax-xhieda?**

Fid-dawl ta' dawn id-divergenzi u inkonsistenzi fix-xhieda ta' Kusnodo certament li ma jistax jinghad li gie ppruvat lil hin minn kull dubju dettat m-rraguni illi tali merkanzija kienet tappartjeni lill-esponenti u li konsegwentament li l-appellant kien naqas milli jhallas it-taxxi relattivi specjalment fid-dawl tal-fatt illi l-pulizija naqsu milli jiehdu passi kriminali a

[9] Vide fol. 159 tal-Atti Processwali
[10] Vide fol. 164 tal-Atti Processwali

bazi ta' serq jew raggion fattasi fil-konfront ta' Kusnodo.

## D. Dwar il-Piena

### D.1 In linea generali

Minghajr pregudizzju ghal dak kollu su espost u fl-eventwalita' biss li l-punti precedenti jigu skartati minn dina l-Onorabbli Qorti, fl-umli fehma tal-esponenti, tenut kont ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, il-piena ta' tlett snin prigunerija maghduda mal-multa imposta fuq l-esponenti ma hijiex wahda ekwa u gusta ghal kaz odjern u b' hekk timmerita temperament.

Illi in linea generali jibda biex jinghad li **"l-piena m' ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.**

**Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."**[11]

L-istess Qorti fis-sentenza moghtija fil-kawzi ' Il-Pulizija vs Maurice Agius' [12] sahqet illi "h**uwa car...., li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b' mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta**

[11] Ir-Repubblika ta' Malta vs rene sive Nazzareno Micallef deciza nhar it-28 ta' Novembru, 2006 mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef V. DeGaetano, Onor Imhallef J. A. Filletti u Onor. Imhallef D. Scicluna

[12] Deciza nhar it-13 ta' Novembru, 2009 per Onor. Imhallef V. DeGaetano

**applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa.**

**D.2 L-element ta' Proporzjonalita bejn ir-Reat u l-Piena nflitta**

L-appellant Borg, bhal kull persuna ohra tas-socjeta' , ghandu d-dmirijiet kif ukoll id-drittijiet fundamentali tieghu li ghandhom jigu dejjem salvagwardjati, anke jekk *dato ma non concesso* jisntab hati. Ghaldaqstant, l-esponenti m' ghandux ikun suggett ghal piena harxa u sproporzjonata. F' cirkostanzi li huwa jigi suggett ghal piena sproporzjonata, ikun hemm lezjoni tad-drittijiet tieghu.

Artikolu 49(3) tal-**Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea** jistipula li **"Is-severità tal-piena m' ghandhiex tkun sproporzjonata ghar-reat.**

Sabiex wiehed jistabilixxi jekk piena tosservax il-principju tal-propozjonalita' jezistu diversi ezamijiet. Fil-fatt, il-**Linja Gwida tal-Kunsill Ewropew tal-Kompatibilita ta' Drittijiet Fundamenta**li jispjega li "*the proportionality principle requires the measure to have a direct and logical link with the purpose of achieving the objective pursued*".

Ghalkemm il-kalibrar tal-piena jaqa' taht il-kompetenza tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, madanakollu tali piena xorta' wahda jehtieg li tkun wahda proporzjonata. Dan johrog bic-car fil-kas, **Ute Reindl, ipprezenttat minn MPREIS Warenvertriebs GmbH v Bezirkshauptmannschaft Innsbruck,** deciza nhar it-13 ta' Novembru 2014, fejn il-Qorti qalet,

**"According to settled case-law, whilst the choice of penalties remains within their discretion, Member States must ensure that infringements of EU law are penalised under conditions, both procedural and substantive, which are analogous to those applicable to infringements of national law of a similar nature and importance and which, in any event, make the penalty effective, proportionate and dissuasive.**

**In the present case, the measures imposing penalties permitted under the national legislation at issue in the main proceedings must not exceed the limits of what is appropriate and necessary in order to attain the objectives legitimately pursued by that legislation…"**

Illi permezz tas-sentenza, giet imposta fuq l-appellant *inter alia* multa ta' erba' mija u tmienja u tmenin elf, sebgha u sebghin Ewro, u sitta u temnin centezmu (€488,077.86).

Illi l-esponenti ma jista' qatt jaqbel mal-mod illi bih giet ikkalkulata tali multa.

Qieghda ssir referenza ghad-diversi dokumenti esebiti mid-diversi xhieda li xehdu fil-mori ta' dawn il-proceduri quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti

Primarjament qieghda ssir referenza ghad-dokument esebiet nhar it-23 ta' Lulju, 2013 fejn gie esebit minn John Camilleri, ufficjal fi hdan id-Dipartiment tad-Dwana, Dok JC1[13]. Illi skont l-istess dokument il-valur kumplessiv tal-allegati ' sigaretti' misjuba fuq il-vettura Toyota kien ta' €29,870.00, fil-waqt li il-valur tal-allegati ' sigaretti' misjub fuq il-lanca ' Blue Dolphin I' kien ta' €23.20

[13] Vide fol. 85 tal-Atti Processwali

A bazi tal-istess kalkolu, sussegwentament id-Dipartiment tad-Dwana ikkonkluda illi galadarba l-valur totali tal-imsemmija sigaretti misjuba gewwa l-vettura Toyota Dyna kien ta' €29,870.00, id-Dazju tas-Sisa dovut kien ta €145,487.50 kif ukoll id-Dazju ta' Importazzjoni kien jammonta ghal €17,205.12.

Similarment fir-regward tal-merkanzija misjuba fuq il-lanca ' Blue Dolphin I' , id-Dipartiment tad-Dwana kkonkluda id-Dazju tas-Sisa dovut kien ta' €113 kif ukoll li d-Dazju ta' Importazzjoni kien jammonta ghal €13.36

Madanakollu stante li tifli kemm tifli l-atti processwali baqa' qatt ma gie ppruvat illi fiex kienet tikkonsisti il-merkanzija *de quo*, kif setgha qatt jigi kkalkulat il-valur tal-istess merkanzija????

*In oltre* u a bazi tal-istess raguni, galadarba l-Kap 382 tal-Ligijiet ta' Malta jisspecifika rati differenti ta' Dazju tas-Sisa skont il-merkanzija li tkun gejja importata, u fil-kaz odjern il-kontenut tal-merkanzija ghadu misteru sal-gurnata tal-lum, is somma kumplessiva ta' €145,600.50 allegatament dovuta bhal dazju tas-Sisa hija bbazata biss fuq assunzjoni u xejn aktar.

L-appelant jsostni illi sabiex l-ammont dovut setgha jigi kkalkulat b' mod korrett, il-Prosekuzzjoni primarjament kellha tipprova sal-grad tac-certezza morali fiex kienet tikkonsisti l-istess merkanzija, stante li dan baqghet qatt ma ghamlitu, l-ammont dovut ma setgha qatt jigi kkalkulat b' mod preciz u skond il-Ligi!

**D.4 Il-Multa mposta kellha tkun Multa kollettiva u mhux wahda Individwali**

Illi permezz tas-sentenza appella giet imposta fuq kull wiehed mill-imputati Cremona, Cauchi u l-appellant Borg *inter alia* multa ta' erba' mija u tmienja u tmenin elf, sebgha u sebghin Ewro, u sitta u temnin centezmu (€488,077.86).

Illi l-esponenti bir-rispett jissottometti illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kienetx korretta meta imponiet l-imsemmija multa fuq kull wiehed mill-imputati supra riferiti

L-esponenti jsostni illi *dato ma non concesso* illi minn tali operazzjoni ta' kuntrabandu kienet sejra taghmel gwadann assoccjazzjoni kriminali wahda, il-multa imposta kellha tkun wahda u imposta kollettivament fuq il-membri kollha tal-istess assoccjazzjoni kriminali.

*In oltre* stante li a bazi tas-sentenza appellata giet imposta multa individwali fuq tlett imputati u d-Dipartiment tad-Dwana huwa intitolat jircievi terz tal-imsemmija multa minn kull imputat, ossia l-ammont ta' €162,692.62[14], jirrizulta illi id-Dipartiment sejjer jircievi l-ammont kumplessiv ta' €488,077.86.

*Di piu'* fid-dawl tal-fatt illi l-istess Dipartiment ikkonferma illi l-ammont dovut huwa ta' €162,692.62, u bl-imposizzjoni tal-imsemmija multa jigi li d-Dipartiment ser jircievi l-ammont ta' €488,077.86, dan jammonta ghal arrikament mhux gustifikat u fl-umli fehma tal-esponenti l-imsemmija multa

[14] Tali ammont jinkludi kemm id-Dazju tas-Sisa kif ukoll id-Dazju tal-Importazzjoni

tonqos milli tosserva il-principju ta' Proporzjonalita' hekk kif sancit fil-Ligi Ewropea.

Ikkunsidrat;

Illi meta l-Prosekuzzjoni prezentat l-imputati taht arrest, esebiet estratti mill-Atti tat-Twelid kif ukoll il-Fedina Penali tal-imputati.

Fis-sbatax (17) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja xehed Kusnodo fuq rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija. **Kusnodo** xehed fil-prezenza ta' Interpretur li traduciet ix-xhieda tieghu fil-lingwa Ingliza. Huwa xehed ilu Malta ghal madwar hames (5) xhur u li din it-tieni darba tieghu hawn Malta. Xehed li kien gie Malta l-ewwel darba f'Gunju jew Lulju tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn kien dam hdax (11)-il xahar. Jghid li jahdem bhala 'fisherman' u li gabu Michael Borg li huwa gharaf fl-awla bhala wiehed mill-imputati. Gabu Malta ghax qallu li se jaghmel affarijiet relatati mas-sajd. Jghid li kien Michael Borg li hallaslu dawn iz-zewg vjaggi. Kien jahdem fuq id-dghajsa bl-isem Blue Dolphin u jghid li Michael Borg huwa s-sid ta' din id-dghajsa. Jghid li kien anke abbord tad-dghajsa bl-isem Free Willie fejb Michael Borg huwa kemm s-sid u l-kaptan tad-dghajsa bl-isem 'Free Willie'. Hu kkonferma li kien arrestat mill-Pulizija fil-hdax (11) ta' Lulju matul il-lejl. Jghid li kien ix-Xemxija fuq id-dghajsa Blue Dolphin. Jghid li mar fuq id-dghajsa il-gurnata tat-Tnejn fejn telaq ghal habta tal-hdax ta' filghodu (11:00am) minn Marsaxlokk. Jghid li telqu mill-Port biex imorru jistadu u preparaw il-lixka, jghid li l-'*bait*' ma jafx x'kienet imma kienet huta zghira u bdew jistadu ghal pixxispad. Jghid li marru *North* ghal erba' (4) sieghat u waddab il-linji ghas-sajd, kellhom jistennew lejl umbghad l-ghada filghodu fl-erbgha (4:00) inehhuhom. Jghid li qabdu pixxispad, wahda kbira u tlieta ta' qies medju u ftit hut zghir. Michael Borg kien qieghed jaghti l-ordnijiet fuq id-dghajsa. Mistoqsi kif ikkomunika mal-kaptan jekk la hu u lanqas il-kaptan ma jafu Ingliz jghid, l-interpretu qalet '*We communicated with Tarzan language, you know signs.*'. Jghid li gabar il-'lines' umbaghad Michael Borg ircieva telefonata u wara telqu. Jghid li ma

kienx jaf id-direzzjoni. Jghid li kien hemm erba' (4) linji u li ghandha mija u sebghin (170) linja. Jghid li s-Sur Borg ircieva t-telefonata b'*satellite telephone*. Jghid li hemm zewg satellite telephones abbord. Jghid li wiehed iswed u iehor kannella. Ma jafx x'beda jintqal. Xehed li wara li giet ricevuta din it-telefonata ma komplewx jistadu u telqu ghalkemm kienu preparaw il-linji. Jghid li kienu madwar tnax (12)-il siegha. Wara li rcevew it-telefonata, raqad u naddaf. Ma jafx liema direzzjoni kienu qeghdin jivjagaw u jghid li gew trasferiti sigaretti bejn zewg (2) dghajes li kienu vicin ta' xulxin. Kienu ghaddew madwar hmistax (15)- il siegha bejn il-hin li Michael Borg ircieva t-telefonata sakemm iltaqa' ma' din id-dghajsa u kien dlam, ftit wara inzul ix-xemx. Jghid li d-dghajsa l-ohra kienet tal-injam u izghar minn taghhom. Mistoqsi jekk ftit izghar minn Blue Dolphin, wiegeb li ftit ikbar. Jghid li d-dghajsa ma kinitx minn Malta ghax l-isem kien bl-Gharbi. Kien hemm tlett (3) persuni fuq din id-dghajsa u l-kulur tad-dghajsa kien ahdar skur. Ma jafx ta' liema nazzjonalita kienu imma jghid li jista' jkun li libjani. Jghid li gew vicin xulxin u Michael kellem lil kaptan tad-dghajsa l-ohra u gew trasferiti s-sigaretti. Mistoqsi kif Michael Borg tkellem mal-kaptan l-iehor jghid li ma jafx ezattament ghax ma rahomx ezatt u ma jafx liema lingwa imma jista' jkun bl-Gharbi jew tahlita ta' Gharbi u Malti. Ma jafx Gharbi u Malti izda mill-hoss jista' jaghraf Malti jew Gharbi. Jghid li s-sigaretti kienu f'basket iswed u kien hemm mitt (100) kaxxa. Mistoqsi minn trasferihom fuq id-dghajsa, wiegeb li kulhadd fuq id-dghajsa kien involvut fit-trasferiment. Ma rax flus jew pagament ghaddej fuq id-dghajsa u ma jafx kif thallsu. It-trasferiment ha madwar siegha umbghad telqu lejn Malta. Jghid li ghen biex refa l-kaxxi u li l-*boss* tieghu igifireri Michael Borg qallu. Jghid li vjaggaw ghal gurnata u lejl ghax il-velocita' ma kinitx dejjem l-istess, xi kultant bil-mod u xi kultant mghaggla. Ma jafx lejn fejn kienu qeghdin jivjaggaw ghax ma kellux kompass. Jghid li waqfu go post vicin Ghawdex fil-port imma fuq il-bahar. Hu rrealizza li kien Ghawdex mill- '*cliffs and not mountains*' u waqfu hemm ghal madwar hames (5) sieghat umbghad telqu biex imorru x'imkien madwar Ghawdex biex jigbru lil xi hadd minn hemm izda ma jafx min hu ezattament. Jghid li minn meta telqu minn dik l-*area* u biex telqu biex jigbru persuna jekk irceviex telefonata wiegeb li iva u ma jafx kemm izda fuq it-telefon l-iswed tas-satelita. Jghid li kienu vicin il-port u din il-persuna marret fuq id-dghajsa minn fuq l-art u telqu lejn ix-Xemxija. Huwa ma gharaf l-ebda mill-imputati

bhala l-persuna li giet fuq id-dghajsa. Jghid li wara li gie din il-persuna fuq id-dghajsa trasferew is-sigaretti. Mistoqsi jekk meta din il-persuna giet fuq id-dghajsa jekk kienx hemm xi hadd iehor, ix-xhud indika lill-imputat Robert Agius bhala l-persuna li kien fuq l-art meta l-persuna l-ohhra marret fuq id-dghajsa. Mistoqsi jekk hem persuni ohra fuq l-art f'Ghawdex wiegeb le u kkonferma li telqu tlieta li huma minn Ghawdex u marru x-Xemxija. Ma jafx ghala ddeciedew li jmorru x-Xemxija, huwa kemm segwihom. Jghid li fit-triqthom ghax-Xemxija kien hemm telefonati ohra izda ma jafx kemm u fuq liema telefon. Michael Borg wiegeb it-telefon darba jew darbtejn. Meta waslu x-Xemxija trasferew is-sigaretti. Mistoqsi '*...Do you know where they berthed?*' Wiegeb '*He didn't know exactly the place and after that a truck came and transferred the cigarettes.*' Ma jiftakarx x'tip ta' trakk izda jghid kien hemm ukoll karozza privata izda peress li kien dlam ma jiftakarx il-kulur jew it-tip.

Xehed li kien hemm tlett (3) persuni fuq id-dghajsa u tlieta (3) fuq l-art. Mistoqi jekk qieghed jaghraf lil uhud mill-persuni hawnhekk wiegeb li le ma hemm hadd mit-tlett (3) persuni Jghis li kien id-dlam u ma jistax jaghraf il-persuni. Ma jafx min kien qed isuq il-karozza izda gharaf lil imputat Robert Agius bhala l-persuna li kien qieghed isuq il-karozza privata. Xehed li meta marru fuq l-art gew trasferiti il-kaxxi u hu baqa' fuq id-ghajsa u ghenhom jitrasferrixu l-kaxxi. Dan it-trasferiment ta' kaxxi ha madwar siegha. Hu tefa l-kaxxi minn fuq id-dghjasa ghal fuq l-art. Huwa ma jgharaf lil hadd. Il-kaxxi fuq id-dghajsa kien uhud minnhom fl-isleeping room tal-kaptan u ohrajn barrra. Wara it-trasferiment telqu u wara hames minuti arrestaw. Jghid li ghen biex jigu trasferiti l-kaxxi peress li huwa impjegat mad-dghajsa u jrid isegwi l-kmand tal-kaptan. Xehed li Michael Borg ihallsu erba' mitt ewro (€400) fix-xahar u li jghix fuq id-dghajsa u li Michael Borg jiprovdi l-ikel u li hu ma jhallas ghalih. Jghid li din ma kinitx l-ewwel darba li grat tas-sigaretti izda grat tlett (3) darbiet. Mistoqsi '*So this was the third time of the fourth time?*' wiegeb '*The third one.*'

Ikkonferma li hu jpejjep u li din grat darbtejn ohra. Ma jiftakarx meta grat l-ewwel darba. Jghid li grat matul it-tieni darba li kien Malta jigifieri fl-ahhar hames (5) xhur. Jghid li l-ewwel darba xtraw xorb u partuhom ma sigaretti. Ma jiftakarx meta kien dan izda fuq kien fuq id-dghajsa 'Free Willie'. Xehed li kien hemm tlett (3) persuni,

hu, Michael Borg u impjegat iehor li kien Indonesjan. Jghid li kien gab l-alcohol minn hawn Malta umbaghad hadhom hemm u trasferihom, partathom jigifieri. Michael Borg gab dan l-alcohol li kien trasportat f'trakk zghir u ma jafx ta' min hu t-trakk. Xehed li din l-operazzjoni sehhet f'nofs il-lejl, jghid li normalment jorqod dak il-hin izda qam meta gie l-*boss* li gar dawn l-affarijiet u li x-xhud poggihom fuq id-dghajsa kif talbu. Ma jafx kif thallas l-alcohol izda jaf li t-tip kien bhal JB, Smirnoff, birra. Din sehhet gewwa Marsaxlokk u li apparti s-Sur Borg, l-Indonesjan l-iehor u hu ma kien hemm hadd aktar. Jghid li telqu wara zewg (2) jew tlett (3) sieghat. Spjega li darba telqu l-ghada filghodu u darba wara zewg (2) jew tlett (3) sieghat. L-ewwel darba telqu l-ghada filghodu, fejn kien hemm madwar mitejn u hamsin (250) kaxxa, telqu izda ma marrux jistadu u ltaqghu ma dghajsa fin-nofs. Jghid li d-dghajsa kienet differenti u li probably dghajsa Libjana. Jghid li gew trasferiti mitej (200), mitejn u hamsin (250) kaxxa sigaretti fuq id-dghajsa taghom u li niezluhom Ghawdex.

Mistoqsi '*Do you reconise anyone here who was involved in this transfer of cigarettes apart from Mr. Borg*?' wiegeb '*No he doesn't recognise.*' Mistoqsi '*So this first time you not recognise?*' wiegeb '*Yes he said two (3) persons he recognises*' u indika lil Robert Agius u lil Paul Anthony Pisani. Mistoqsi x'gara f'Ghawdex, jghid li trasferew l-istess bhax-Xemxija, is-sigaretti gew trasferiti fuq trakk. Jghid li gew trasferiti l-istess bhax-Xemxija. Is-sigaretto gew trasferiti lit-trakk. Ma jgharafx jekk kienx l-istess trakk. Iz-zewg persuni li gharaf jghid ghenu biex jigu trasferiti l-oggetti Ghawdex u wara telqu lejn Marsaxlokk.

Mistoqsi jekk thallas xi haga zejda ghal dan ix-xoghol, wiegeb li le. Jghid li ma nghatax mis-sigaretti izda kieku talab Michael Borg kien jaghtih mill-but tieghu ghax ippejpu flimkien. Jghid li t-tieni incident sehh ezatt l-istess. Jghid li kienu tlieta (3) *crew* u li l-ewwel darba hattew' f'Ghawdex matul l-lejl u hadet siegha. It-tieni darba telqu immedjatament minn Marsaxlokk u l-istess trakk intuza. Xehed li hadu mitejn (200) kaxxa sigaretti minn fuq id-dghajsa l-ohra li kienet dghajsa differenti u li kien fuq id-dghjsa 'Free Willie' fejn il-kaptan kien Michael Borg. Xehed li meta gew lura niezlu s-sigaretti Marsalokk u dan matul il-lejl. Jghid li hadet aktar minn siegha biex tnizzlu l-oggetti. Huwa gharaf l-istess zewg imputati Robert Agius u Paul Anthony

Pisani. Jghid li meta jkun hemm id-dghajsa, dawn iz-zewg (2) persuni dejjem mal-karozza. Jghid li regghu ghenu u meta kien hemm id-dghajsa kienu diga bil-wieqfa. Jghid li apparti dawn it-tlett (3) okkazzjonijiet, ma kienx hemm drabi ohra li trasporta sigaretti. Mistoqsi jekk dawn iz-zewg persuni kienu hemm jghid '*yes the third one.*' Umbaghad mistoqsi jekk kienx hemm is-Sur Pisani jghid li '*And the second one*' umbaghad '*only the second one.*' u kkonferma li Pisani ma kienx hemm l-ewwel darba. Ix-xhud jghid li hu ghandu Seaman visa. Jghid li jpejjep nofs pakkett sigaretti kull jum u li waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija pejjep tlett (3) pakketti.

Fil-kontro-ezami mistoqsi jekk heba numru ta' pakketti ta' sigaretti fil-'*fishing line*' wiegeb li iva ghalih u ghal siehbu li ma thallsux. Jghid li ha l-pakketti tas-sigareti minn wara dahar Michael Borg peress li habib tieghu ma thallas ghal xahrejn minn Michael Borg.

Illi f'din l-istess seduta tas-sbatax (17) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) gie vverbalizzat ukoll li:

'*Il-Prosekuzzjoni jivverbalizzaw li l-ebda procedure m'huma se jittiehdu kontra dan ix-xhud ghax wara li gie debitament investigat, ma nstabet l-ebda prova ta' mens rea li fuqha l-Prosekuzzjoni thoss li ghandha tiehu passi kriminali kontra l-istess.*

*Id-difiza tirrileva illi jirrizulta bl-akar mod car mix-xhieda ta' Kusnodo, illi jekk verament sehhew dawn il-fatti, issa li anke qieghed jghid li graw drabi ohra, dan kien komplici u ghalhekk mhux xhud kompetenti, stante illi mhux ko-akkuzat biss, minhabba decizjoni arbitrarja tal-Prosekuzzjoni. Ghaldaqstant, ix-xhieda tieghu, ghandha tigi skartata.*

*Il-Prosekuzzjoni taghmel referenza ghal dak li diga' vverbalizzat u jiddikjaraw li m'ghandhom xejn aktar x'izidu.*

*Il-Qorti tordna li x-xhieda tax-xhud titkompla b'dan illi tirriserva li tiprovdi fuq din id-disposizjoni fi stadju ulterjuri.*'

Fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehed **John Camilleri** ghan-nom tad-Dipartiment tad-Dwana li esebixxa *letter to prosecute* immarkata bhala Dok JC1 fil-konfront ta' Michael Borg, Anthony Cremona, Shannon Cauchi, Robert Agius u Paul Anthony Pisani u gharaf il-firma tad-Direttur Generali tad-Dwana.

L-**Ispettur Ian Abdilla** xehed fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) fejn spjega li fl-ghaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) dahlet informazzjni lil Korp tal-Pulizija li setghet kienet ser ssir fis-sieghat li kien imiss dwar kutrabandu ta' sigaretti li kellhom jiddahhlu Malta permezz tal-bahar. Kienet dahlet infrmazzjoni li dawn is-sigareti kellhom jingabu Malta permezz ta' dghajsa tas-sajd li x'aktarx li kien jisimha Blue Dolphin I jew inkella l-Free Willy, liema dghajjes kienu propjeta ta' certu Michael Borg ID 98875(M). Ghal dan il-ghan, kienu tqabbdu membri mill-iskwadra tar-Rapid Intervention Unit tal-Pulizija u tal-ALE tal-Pulizija biex jaghmlu patrols fil-bahar bl-iskop li jintercettaw din id-dghajsa. Sussegwentement kellhom wkoll informazzjoni li x'aktarx din id-dghajsa kien hemm il-possibilta li jew tidhol Ghawdex u thott f'xi bajja gewwa Ghawdex jew f'Malta skont kif min kien qed jorganizza din l-operazzjoni, kif kellu jara l-affarijiet fuq ix-xatt. Ghal dan il-ghan ukoll kienet dahlet informazzjoni wkoll li l-persuni suspettati f'dan il-kaz setghu kienu qed jaghmlu uzu minn vann tat-Tip Toyota bin-numru ta' registrazzjoni HQZ 083. Dan il-vann kien jghajjat lil FX Garage u kien mikri lil terza persuna. Fis-sieghat bikrin ta' filghodu, id-dghajjes tal-ALE b'membri tar-Rapid Intervention Unit fuqhom kienu osservaw id-dghajsa Blue Dolphin I fil-vicinanzi ta' Kemmuna gejja minn Ghawdex u qasmet Kemmuna u sussegwenement bdew wara ftit hin isegwu din id-dghajsa li kienet osservata diehla taht il-Fekruna fil-limiti ta' San Pawl il-Bahr taht ix-Xemxija. F'dan l-mument Dinghys tal-ALE u r-Rapid intervention Unit marru biex jintercettaw din id-dghajsa. Gie nnutat li kien hemm vann fuq il-moll li sussegwentement malli gew il-Pulizija dan harab minn fuq il-post. Il-membri tar-Rapid Intervention unit telghu fuq id-dghajsa Blue Dolphin I u hemm hekk gie arrestat Michael Borg li kien l-iskipper jew il-kaptan ta' din id-dghajsa flimkien ma' impjegat ta' nazzjonalita Indonesjana bl-isem ta' Gusnot. Sussegwetement il-vann in kwistjoni kien gie ntercettat fil-limiti ta' Santa Venera l-

istess minn membri tar-rapid Intervention Unit u f'dan il-vann instabu zewg persuni, Anthony Cremona li kien qed isuq dan il-van u Shannon Cauchi li kien passiggier fl-istess vann. Mal-mument, dan il-vann infetah, gie skopert numru ta' kaxxi li *'ahna insejjhulhom master cases li kull master case ikun fiha 50 grossa sigaretti. F'dak l-istadju ma ntmiss xejn. Dawn il-kaxxi kienu wrapped go garbage bags u ma ntmiss* xejn. *Il-persuni kollha involuti gew arrestati u gew mehuda fil-kwartieri generali tal-pulizija u l-van gie ssigillat. Fl-istess operazzjoni ttiehdu xi affarijiet minn fuq id-dghajsa Blue Dolphin 1 fosthom satellite phones u l-GPS. Minn hawn hekk l-affarijiet kollha li gew mehuda minn fuq id-dghajsa, sussegwentement gew fotografati mid-Dipartiment tal-Forensika tal-Pulizija u mghoddija lil PS 186 Kristian Mintoff u l-van kif diga spjegajt gie ssigillat. Kien f'dan il-punt fejn dhalna ahna bhala economic crimes fejn gejna infurmati b'din il-qabda u b'dawn l-arresti u sussegwentement jiena u l-Ispettur Yvonne Farrugia u l-ispettur Anna Marie Micallef gejna imqabbdin biex nitkellmu ma dawn in-nies li kienu arrestati u persuni oha li wkoll kienet arrestata l-isem ta' Pierre Cremona li kien inqabad fil-vicinanzi ta' Kennedy Grove.'*

l-Ispettur Ian Abdilla spjega li s-suspettati kollha gew mghottija t-twissijiet skond il-ligi u nghataw id-drittijiet kollha taghhom u anke d-dritt li jikkonsultaw mal-avukat taghhom qabel l-interogazzoni. Xehed li sussegwentement fl-istess hin filghodu l-vann Toyota Dyna bin-numru ta' registrazzjoni HQZ 083 gie miftuh u spezzjonat minn membri tal-Economic Crimes assistiti minn membri tad-Drug Squd peress li kellna informazzjoni li setghet tidahhal Malta wkoll id-droga u sussegwentement instab li f'dan il-van kien hemm disgha u disghin (99) master case tad-ditta Business Royals sigaretti. Spjega li master case ikun fiha hamsin (50) stikka u kull stikka jkun fiha ghaxar (10) pakketti. Apparti dawn id-disgha u disghin (99) master case Business Royals, kienu nstabu wkoll erba' (4) master cases tad-ditta Tradition. Jghid li gie mfittex il-vann kollu. Droga ma nstabitx u sussegwentement il-plastic bags li kienu *wrapped* fihom u l-kaxxi taghhom gew mghoddija lis-surgent Hughes mill-*Forensic* biex jaghmel l-analizi tal-fingerprints taghhom. Sussegwentement bhala ufficjali investigattivi ghaddew biex ikellmu lis-suspettati.

L-Ispettur Abdilla spjega li Michael Borg kien gie mitkellem minnu fejn prattikament kien iddecieda li ma jikkonsultax mal-Avukat tal-Ghajnuna legali. L-Ispettur spjega li qabel, fid-dghajsa Blue Dolphin 1 meta niezlu il-pulizija tar-Rapid Intervention Unit, sabu madwar tnax (12) -il pixxispad f'din id-dghajsa. Il-hut kienu kbar u kien hemm ammont li kienu zghar. Kellhhom rashom maqtugha u huma gew infurmati peress li kienet l-ewwel esperjenza ghalihom li l-pixxispad ta' certu qies huwa projbit milli jinqabad u ghalhekk kellhom jinfurmaw lil Fisheries Department. Meta kellem lil Michael Borg huwa ddecieda li ma jitkellem xejn dwar il-kaz tas-sigaretti. Ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda domanda rigward dawn is-sigaretti. Imma dwar il-pixxispad kkonferma li l-pixxispad inqabad u kien jaf li kien ta' '*siz mhux skond il-ligi certu minnu.*' Qal li ma stadx direttament ghall-pixxispad zghir imma la nqabad ma hass li kellu jarmieh u kien ser izommu ghalih ghal konsum tieghu jew ghal qrabatu. L-Ispettur xehed li tkellem ukoll ma Anthony Cremona u Shannon Cauchi li kienu d-driver u l-passiggier rispettivament tal-vann li semma. Anthony ddecieda li qabel jigi nvestigat jiehu l-parir tal-Avukat tieghu u kkonsulta ma Dr Veronique Dalli mentri Shannon ddecieda li ma jiehux dan il-parir. Xehed li hadd minnhom ma ddecieda li jwiegeb ghal dak li ghandu x'jaqsam mas-sigaretti li nstabu fil-vann li kienu qed isuqu. Matul l-investigazzjoni skoprew li minghand l-FX Garage il-vann in kwistjoni kien mikri lis-Sur Anthony Cremona u s-Sur Cremona fl-istatement tieghu kkonferma li kera dan il-vann, kien krieh biex igorr xi injam imma ma tahomx iktar dettalji. Fil-kors ta' din l-investigazzjoni tkellmu wkoll mal-bahri Gusnoto[15] li anke kkonferma fix-xhieda tieghu li prattikament hu kien impjegat ma Michael Borg u li kellu Seaman Visa. Kien ilu impjegat din id-darba madwar erba' (4) xhur imma ma kinitx l-ewwel darba tieghu. Xehed li lil Gusnoto kellmuh fil-presenza tal-interpretu li spjegalhom dwar is-sigaretti li din kienet it-tielet (3) darba li kien involut fIt-trasport tas-sigaretti. M'huwiex cert f'liema perjodu qalilhom. Qalilhom li kienu johorgu u jiltaqghu ma dghajsa aktarx Libjana, mid-deskrizzjoni u l-kliem li kien jara u sussegwentement jinhatu dawn is-sigaretti fuq id-dghajsa. Spjegalhom li fiz-zewg okazzjonijiet precedenti kienu ghaddew lid-dghajsa Libjana fliexken tax-xorb mentri din id-darba ma kien hemm l-ebda exchange bejn iz-zewg dghajjes. Qalilhom li normalment kienu jinzlu Ghawdex imma din id-darba marru Ghawdex, xi hadd tela'

[15] Din il-Qorti li fejn fit-traskrizzjoni tirrizulta l-kelma 'Gusnoto' din kellha taqra' 'Kusnodo'

fuq id-dghajsa u ma setax jaghtihom iktar informazzjoni min seta kien dan il-persuna li tela' fuq id-dghajsa u din id-darba nizlu Malta u li sussegwentement grat l-operazzjoni fejn gew offloaded is-sigaretti. Komplew bl-investigazzjonijiet taghhom u sussegwentement gew mghoddija informazzjoni li x'aktarx il-persuni wara dan il-kutrabandu ta' sigaretti setghu kienu certu Robert Agius u li mieghu kien hemm dejjem Paul Anthony Pisani. Gew wkoll mghoddija informazzjoni li li ma Robert Agius u ma Paul Anthony Pisani seta' kien hemm ukoll certu Rupert Busuttil li minn informazzjoni li nghatat seta' kien il-persuna li telghet abbord din il-lanca li kien semmielhom Gusnoto. Sussegwentement arrestaw lil dawn it-tlett persuni lil Rupert Busttil, Robert Agius U Paul Anthony Pisani u talbuHom jigu l-kwartieri generali tal-pulizija. Maghhom l-Ispettur gabu wkoll lil Pierre Cremona peress li l-involviment tieghu f'dak l-istadju kien ghadu mhux daqshek certu u hemm hekk talab lil Magistrat tal-Ghassa Dr Audrey Demicoli biex taghmel *identitifcation parade* kif filfatt gara fis-sittax (16) ta' Lulju fejn il-Magistrat Audrey Demicoli giet il-kwartieri generali tal-pulizija ghal habta tan-nofs siegha u saret din l-*identification parade* fejn fiha apparti l-ufficjal prosekutur l-Ispettur Ian Abdilla u spetturi ohra kien hemm is-Sur Gusnoto flimkien mal-interpretu. L-*identitifcation parade* giet fotografata kompetament minn Ps 114 Patrick Grech tas-SOCO. F'din l-identification parade Gusnoto gharaf lil Robert Agius bhala l-persuna li rah dejjem fit-tliet okkazzjonijiet li kien involut fihom. Rah ukoll Ghawdex f'din it-tielet okazzjoni. Kien il-persuna li wassal lil dak il-persuna li tela' fuq id-dghajsa u sussegwentement rega rah Malta. Gharaf ukoll lil Paul Anthony Pisani bhala l-persuna li kien jghin f'dawn l-affarijiet. Il-persuni l-ohra jigifieri s-Sur Rupert Busuttil u lil Pierre Cremona, s-Sur Gusnoto m'gharafhomx. Sussegwentement l-erba' imputati gew mressqa l-Qorti biex jiffaccjaw dawn l-akkuzi.

L-Ispettur Ian Abdilla prezenta *letter to prosecute* mahruga mid-Dipartiment tal-VAT immarkata bhala Dok IA1, letter to prosecute mid-Dipartiment tal-Fisheries immarkata bhala Dok IA2, l-*istatement* ta' Shannon Cauchi li ttiehed fil-hdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013). Flimkien mal-istqarrija prezenta d-dikjarazzjoni tar-rifjut tal-avukat. Huwa gharaf il-firma tal-Ispettur Yvonne Farrugia u l-firma tax-xhud PC 896 Robert Zammit ghax huwa wiehed mill-kuntistabbli li huwa stazzjonat

moeghu imma ma jistax jikonferma iktar firem. L-*istatement* flimkien mad-dikjarazzjoni tal-Avukat giet prezentata u mmarkata bhala Dok IA3. Bhala Dok IA4 prezenta t-tieni *statement* ta' Shannon Cauchi li kien rrilaxxja fis-sbatax (17) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013). Din l-istqarrija kienet ittiehdet wara li nghata t-twissija skont il-ligi. Prezenta d-dikjarazzjoni tar-rifjut tal-avukat. Xehed li din l-*istatement* hadha fil-prezenza tal-Ispettur Yvonne Farrugia. Ikkonferma li din l-istatement ttiehdet wara li s-Sur Shannon nghata t-twissija skont il-ligi. Gharaf lill-imputar Shannon Cauhi bhala l-persuna li rrilaxxja din l-istqarrija. Gharaf il-firma tieghu u ta' Yvonne Farrugia li kienet xhud tal-istqarrija. L-imputat iddecieda li ma jiffirmax din l-istqarrija. Fid-dikjarazzjoni tal-avukat gharaf il-firma tieghu, il-firma ta' PC 896 Robert Zammit, il-firma ta' PC 1600 Gilbert Gatt u l-firma ta' Shannon Cauchi li ddecieda li jiffirma l-istqarrija. Din giet immarkata bhala Dok IA4. Bhala Dok IA5 prezenta l-istqarrija li rrilaxxja Robert Agius li ttiehdet wara li l-istess Agius nghata t-twissija skont il-ligi. L-istqarrija kien hadielu fis-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) li hi stqarrija ta' zewg faccati. Huwa gharaf il-firma tieghu u ta' PC 896 Robert Zammit bhala xhud tal-istqarrija li ttiehdet wara li Agius nghata t-twissija skont il-ligi. Huwa gharaf lil Robert Agius bhala wiehed mill-impuati f'dan il-kaz li kien iddecieda li ma jiffirmax din l-istqarrija u ma jwiegeb ghall-ebda domanda li saritlu. Prezenta d-dikjarazzjoni tal-Avukat li saret quddiem l-Ispettur Yvonne Farrugia. Prezenta l-istqarrija ta' Paul Anthony Pisani li ttiehdet minnu fil-presenza ta' PS 896 Robert Zammit wara li s-Sur Pisani nghata t-twissija skont il-ligi. Huwa gharaf il-firma ta' PC 896 Robert Zammit. Paul Pisani ddecieda li ma jiffirmax l-istarqija u ma wiegeb ghall-ebda domanda li saritlu. Giet prezentata dikjarazjoni tar-rifju tal-Avukat li ma ttiehditx minnu izda mill-Ispettur Yvonne Farrugia. Huwa gharaf lil Paul Pisani bhala wiehed mill-imputati. L-istqarrija giet immarkata bhala Dok.IA6.

Huwa prezenta l-istqarrija ta' Anthony Cremona li ttiehdet minghand l-Ispettur Yvonne Farrugia u gharaf l-imputat Anthony Cremona prezenti fl-awla izda qal li ma kienx prezenti ghall-istqarrija. Xehed li l-istqarrija jidher li ttiehdet wara li s-Sur Cremona nghata t-twissija skont il-ligi u li qabilha ddikjara li kkonsulta ma Dr

Veronique Dalli qabel l-interrogazzjoni. Din l-istqarrija flimkien mad-dikjarazzjoni li jixtieq jitkellem mal-avukat giet immarkata bhala Dok. IA7. Huwa prezenta l-kuntratt li ngabar minghand l-FX Garage ta' Hal Tarxien immarkat bhala Dok. IA8 fejn jidher li l-vann Toyota Dyna bin-numru tar-registrazzjoni HQZ 083 inkera lil Anthony Cremona skont rental agreement bin-numru 017736. Xehed li inkera fit-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) u kellu jidhol fid-disgha (9) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013). Prezenta ricevuta li nghatat lil Anthony Cremona tal-mija u tlett (103) kaxxi master cases sigaretti li nstabu fil-vann, disgha u disghin (99) master case Royals u erbgha (4) master cases Tradition flimkien mal-van li kien bin-numru tar-registrazzjoni HQZ 083 u z-zewg cwievet tal-istess vann. L-ircevuta mmarkata bhala Dok.IA9 kienet iffirmata minn Cremona. Huwa prezenta t-tieni stqarrija li ttiehdet lil Anthony Cremona, l-imputat li gharaf fl-awla bhala Dok. IA10. L-istqarrija ittiehdet wara li l-imputat nghata t-twissija skont il-ligi. L-istqarrija hadha hu fil-prezenza tal-Ispettur Yvonne Farrugia. Huwa gharaf il-firma tieghu u tal-Ispettur Yvonne Farrugia. Xehed li Anthony Cremona ddecieda li ma jiffirmax l-istqarrija. Prezenta d-dikjarazzjoni li Anthony Cremona ghamel li ma jixtieqx jikkonsulta mal-Avukat tieghu fuq dan il-kaz. Fuq din id-dikjarazzjoni gharaf il-firma tieghu u l-firem ta' PC1600 Gilbert Gatt u PC 896 Robert Zammit. Huwa prezenta formalment kaxxi master cases tas-sigaretti konsistenti f'disgha u disghin (99) master case Business Royals u erbgha (4) master cases Tradition bhala Dok IA11 u Toyota Dyna bin-numru ta' registrazzjoni HQZ 083. Dawn gew immarkati bhala Dok. IA12.

Rigwardanti Michael Borg, prezenta l-ewwel stqarrija rilaxxjata minn Michael Borg fit-tnax (12) ta' Lulju tas-sena elfej u tlettax (2013) wara mistoqsijiet li ghamillu u dan fil-presenza tax-xhud PS 1335 Duncan Schembri. Hija stqarrija ta' erba' (4) faccati li fiha gharaf il-firma tieghu, ta' Michael Borg u ta' PS 1335 Duncan Schembri. Huwa gharaf lil Michael Borg bhala wiehed mill-imputati. Jghid li hemm hafna mistoqsijiet li ma wegibx imma hemm ukoll twegibiet dwar il-pixxispad. L-istqarrija giet esebita u mmarkata bhala Dok.IA13. Giet prezentata dikjarazzjoni tar-rifjut tal-avukat li saret fil-prezenza tal-Ispettur. Huwa gharaf il-firma tieghu u ta' Michael Borg. Fuq

id-dikjarazzjoni gharaf il-firma ta' WPS103 Marcelle Mifsud u PC Robert Zammit. Huwa prezenta Dok IA14 li hi ricevuta ta' diversi oggetti li ttiehdu lil Michael Borg. Fuq l-ircevuta gharaf il-firma tieghu u ta' Michael Borg li giet immarkata bhala Dok.IA14. Prezenta Dok. IA15 li ghandu referenza 13BXQ201 li huma zewg pakketti tas-sigaretti Business Royals. Spjega li dawn instabu mill-ufficjali tar-Rapid Intervention unit fil-console tad-dghajsa Blue Dolphin I. Prezenta wkoll GPS navigator tad-ditta Furono bin-numru serjali 20702859 bin-numru ta' referenza 13BXQ202 prezentat bhala Dok IA16. Huwa prezenta satelite phone tal-marka Touraia bl-IMEI number 35697802149032-8, komplut b'batterija bin-numru serjali GJX03289 u li ghandu wkoll is-sim bin-numru 89882052012051264502. Dan is-Sat phone huwa ta' kulur iswed u ghandu n-numru ta' referenza taghhom 13BXQ203. Dan gie prezentat u mmarkat bhala Dok IA17. Prezenta SAT phone iehor ta' kulur griz tal-marka Touraia bin-numru tal-IMEI 356013006197597 komplut bil-batterija li ghandha numru B0110416 li ghandha s-sim bin-numru 89882052012051264510 u m'ghandux SD card avolja ghandu facilita li jiehu SD card. Dan ghandu r-referenza taghhom 13BXQ204 u mmarkat bhala Dok IA18. Prezenta mobile phone tad-ditta sasmsung li ghandu l-IMEI number 356097/05044702 komplut b'batterija LC1D128LS44B li ghandu sim card bin-numru 8935677012400494882 tal-Melita. Dan il-mobile phone huwa ta' kulur iswed u ghandu *2GB micro sd card*. Ghandu referenza taghhom bhala 13BXQ205 li gie prezentat bhala Dok.IA19. Prezenta Samsung mobile phone iehor bl-IMEi 355343041514915 komplut b'batterija bin-numru YAIA246SB bin-numru tas-sim 9835677012400531378 tal-Melita. Qal li dan il-mobile phone huwa ta' kulur iswed u ma ghandux SD go fih, gie mmarkat bhala DOK IA20.

Finalment prezenta tlett (3) dokumenti, wiehed *crew list* tal-bastment Blue Dolphin 1 fejn jidher li hemm Michael Borg, Certu Gusnoto[16] u persuna ohra ta' nazzjonalita Indonesjana bl-isem ta' Adi Wadirion[17]. Din giet ipprezentata bhala Dok IA21.

Prezenta licenzja tal-bastiment tas-sajd bn-numru M2091MFA8053 bhala Dok IA22, *diary* li ghandu titlu '*1990 The Casino Dragonara Palace Malta*' mmarkat bhala Dok IA23 u folder li fih tlett (3) dokuemnti bhala Dok IA24, wahda hija l-permess tas-sajd

---

[16] L-isem fuq il-crew list a fol 141 immarkata bhala Dok IA 21 jaqra Kusnodo

[17] L-isem fuq il-crew list a fol 141 immarkata bhala Dok IA 21 jaqra Adi Waryono

specjali ghal konz tal-pixxispad 2013 bin-numru B2178, ohra licence for use of specific fishing skont sl 425.01 Fisheries Regulation bin-numru B0562 u certificate of Malta Register bearing official 09475 ghal Blue Dolphin 1. Bhala Dok IA25 prezenta ricevuta ohra li nghatat lil Michael Borg ghal bastiment tas-sajd MV Blue Dolphin I bin-numru ta' registrazzjoni MFA 8053, liema ricevuta giet iffirmata mill-Ispettur, minn Michael Borg u PS305 Alfred Gauci mill-ALE li kien prezenti biex jaghmel din il-qabda, li maghha hemm anness elenku shih ta' ogetti kollha li nstabu fuq din id-dghajsa. Bhala Dok IA26 prezenta formalment dghajsa bl-isem ta' MV Blue Dolphin I bin-numru tar-registrazzjoni MFA 8053. Prezenta ricevuta li hargu l-Ministeru tar-Rizorsi u tal-Affarijiet Rurali, Sezzjoni Direttorat ghall-Kontroll tas-Sajd, ircevuta ghal tnax (12) il-pixxispad, sitt (6) kaxxi kavalli li huma l-ghalf tal-Pixxispad u erba' (4) kaxxi kbar longline li huma l-konzijiet li jintuza ghal pixxispad li skont kif huma infurmati huma suggett ghal konfiska f'kaz li jinstab hati li ghamel sajd ta' pixxispad illegalment. Xehed li disgha (9) minn tnax (12) il-pixxispad li hemm fl-ircevuta kienu pixxispad minghajr ir-ras taghhom. Il-pixxispad u kavalli gew mghoddija lil pixkerija mentri l-konzijiet nghataw lil Fisheries. L-ircevuta giet prezentata u mmarkata bhala Dok IA27. Formalment bhala Dok IA28 prezenta tnax (12)-il pixxispad u sitt (6) kaxxi kavalli u bhala Dok IA29, erba' (4) kaxxi konzijiet. Prezenta wkoll it-tieni stqarrija li rrilaxxja Michael Borg fis-sbatax (17) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013). Fiha gharaf il-firma tieghu u ta' PC896 Robert Zammit. Michael Borg ma ffirmax din l-istqarrija li ttiehdet wara li nghata t-twisiija skont il-ligi. Maghha hemm anness id-dikjarazzjoni ghar-rifjut tal-avukat fejn fiha gharaf il-firma tieghu, ta' Michael borg, PS 782 Sean Scicluna u ta' PC 896 Robert Zammit. Din l-istqarrija flimkien mad-dikjarazzjoni giet prezentata bhala Dok IA30. Huwa gharaf lil Michael Borg bhala wiehed mill-imputati f'din il-kawza u wkoll il-persuna li rrilaxxja dik l-istqarrija li prattikament ddecieda li ma jwiegeb ghall-ebda domanda. Qal li fit-tlettax (13) jew erbatax (14) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) mar flimkien ma pulizija ohra fil-kwartieri tal-Pulizija ta' Kandja fejn hemm storjata dghajsa Blue Dolphin I fil-presenza ta' Michael Borg u ufficjali ohra tal-pulizija, inqalghu xi oggetti ohra minn fuq id-dghajsa li kienu valuables bhal radar u affarijiet ohra u dawn ttiehdu for safe keeping fil-quarter master stores taghhom. Fl-istess operazzjoni, id-data kienet il-hmistax (15) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013), kienu gew tal-

Fisheries biex jiehdu l-konzijiet u waqt li qed jitnizzlu l-konzijiet instabu erba' (4) grossos tat-tip Business Royals go dan il-konz u dawn gew elevati minnu. Michael Borg immedjatament qal li dawn is-sigaretti ma kienux tieghu. L-Ispettur Abdilla fix-xhieda tieghu ghamel referenza ghax-xhieda li ta' Gusnoto fejn qal li kienu tieghu, fatt li ma kienux jafuh qabel. Sussegwentement gew kkuntattjati d-Dwana ta' Malta u peress li kienu biss 4 kartuniet, is-Sur Gusnoto nghata l-possibilita li jaghmel administrative settlement maghhom minflokk ma jghaddi proceduri u '*s-Sur Gusnoto ghazel li jaghmel administrative settlement u jhallas is-somma ta' 419 Euro ghal dawn is-sigaretti.*' Giet prezentata ricevuta ta' dan il-fatt flimkien mad-dokumenti relattivi kollha bhala Dok.IA31.

In kontro-ezami mistoqsi ghamilx ricerka dwar Gusnoto jekk huwiex imfittex jew kellux clashes mal-ligi u l-fedinna penali jghid li kelmu Dr Debono u gie nfurmat li dan il-punt jista' jitqajjem u ghamlu ricerkja fit-tliet (3) sistemi li ghandhom, wahda sistema diretta mal-Eurpol, sistema ohra imqabbda mal-Interpol u wahda imqabbda mas-Sistema SIS Shengen Information System u fl-ebda minn dawn it-tliet databases li huma l-unika databases li juzaw il-pulizija l-isem ta' Gusnoto ma tela' bhala *wanted* mil-pulizija Indonesjana. Jghid li ma jistax jghid kellux kazijiet ohra ghax ikunu iridu jmorru direttament l-Indonesja u anke permess ta' ittri rogatorji imma mhux wanted mill-Pulizija tal-Indonesja ghax kieku kien jitla' jew minn xi pulizija ohra madwar id-dinja ghax kieku kien jitla f'xi wahda minn dawn id-databases. Jghid li fedina penali mill-indonesja ma jistghux igibuha daqshekk facli. Xehed li kieku fl-Ewropa ghandhom facilita jaghmlu din it-tip ta' ricerkja imma mill-Indonesja le. Xehed li mill-mument li gie arrestat anke kien infurmat il-Konslu Malti tal-Indonesja jigifieri fit-tnax (12) ta' Lulju tas-sena elfejn u tletta (2013) u fl-ebda hin ma taghhom informazzjoni li din il-persuna huwa mfittex mill-Pulizija tal-Indonesja. Jghid li llum bhala interpretu gie rapprezentant mill-ambaxxata Indonesjana f'Ruma peress li kellhom problema bl-interpretu llum u wkoll ma taghhomx x'jifhmu. Jghid li l-interpretu huwa t-*third secretary* tal-Ambaxxata. L-Ispettur qal li ma ghandu l-ebda mod biex jicckeja l-fedina penali ta' Sur Gusnoto. Mistoqsi peress li hass li ghandu jerfa' responsabbiltajiet u quddiem il-Qorti iddikjara li ma ghandux mens rea jekk

qabel ghamel din il-konkluzjoni, wiegeb li ma kienx jafu qabel dan il-kaz, mistoqsi hass li ghandux jaghmel xi tip ta' ricerka wiegeb li l-unika ricerka li huma obligati li jaghmlu skont anke trattati internazzjonali huwa jekk il-persuna hux *wanted* ghax jekk ikun hemm international jew European Arrest Warrant, huma obbligati li jarrestaw lil persuna u jinfurmaw lill-awtoritajiet. Mistoqsi qabel is-seduta li ghaddiet ghamillux xi tip ta' domandi fuq dawk l-erba' (4) grossos li nstabu qal li ma ghamillux u li hu ma kellmux. Spjega li parti tal-interogazzjoni hadet hsiebha l-Ispettur Anna Marie Micallef. Mistoqsi x'gara wara l-ahhar seduta qal '*Li nista nghidlek detto del detto ghax wara din is-seduta hrigt bil-leave u dhalt il-bierah jigifieri hafna mill-affarijiet kompliet taghmilhom l-Ispettur Anna Marie Micallef. Jekk mhux sejjer zball naf li kellmitu u nfurmat lid-Dwana. Ghamlet dak kollu ni normalment naghmlu, nterrogatu jigifieri fuq dawn is-sigaretti*'. Ikkonferma li hallas multa amministrattiva minflokk ma ttiehdu proceduri kriminali. Mistoqsi jaqbilx li kien komplici fir-reat, wiegeb '*Le li kien fil-pussess ta' 4 grossos sigaretti tal-kutrabandu. Teknikament having a seaman's book is-Sur Gusnoto kien intitolat ghal kwalunkwe ammont ta' sigaretti minghajr dazju li jixtieq. Peress li s-Sur Gusnoto kien fuq seaman visa hawn Malta li ma jistax jinzel l-art, fuq il-vapur l-unika haga li jista jkollu kemm irid, sigaretti minghajr dazju, l-unika haga hija li jrid jiddikjarahom fil-pratka li ssir fuq il-vapur. Il-pratka ma saritx ghax gew arrestati. Bhal ma intit ista tmur Dubai u tnizzel bagalja kollha sigaretti, huwa dritt tieghek, kollha minghajr dazju. L-unika haga li trid taghmel li meta tigi l-airport tiddikjarahom. Ghandek allowance ta' wahda jekk ma tiddikjarahomx. Il-kumplament trid tiddikjarahom*'. Jghid li Gusnoto bis-seaman visa jigifieri li teknikament ma jistax jinzel l-art u jrid jibqa bil-fors fuq il-vapur, teknikament seta' jkollu numru kemm irid ta' sigaretti. Setgha jkollu ammont imma l-importanti li jigu dikjarati mal-pratka tal-vapur. Mistoqsi setghax ikollu containner wiegeb '*Hekk ma nghidlekx. Jiena infurmat li seta jkollu ammont imma l-importanti li jigu dikjarati mal-pratka tal-vapur.*' Jghid li ma hemmx ammont infinit ta' kemm jista' jissetilja dazju mad-Dwana jekk mhux sejjer zball sa 1000 ewro id-dwana jistghu jaghmlu administrative settlement, jaf li hemm figura izda d-dettalji ma jafhomx. Xehed li '*Il-kwistjoni kollha tas-Sur Gusnoto hija wahda, mensrea. Ahna anke fuq parir li hadna kemm mill-Kummissarju tal-Pulizija u anke ddiskutejnieha mal-avukat generali, naqblu, il-prosekuzzjoni taqbel li mensrea fl-akkuzi li ahna reessaqna, organised crime u kutrabandu ta' sigaretti, is-Sur Gusnoto ma kellux. Dwar Michael Borg m'ghadniex*

*ix-xhieda biss tas-Sur Gusnoto. Bhal ma qalilna is-sur Gusnoto fix-xhieda tieghu, ser jiririzultaw hafna affarijiet mill-GPS phones li mhux tas-Sur Gusnoto imma huma ta' Michael Borg. Ser jirrizultaw hafna affarijiet min-nies tal-ALE u Rapid Intervention unit li kienu fuq il-post li raw id-dghajsa u li ffolowjawha u telghu fq id-dghajsa. Is-Sur Gusnoto l-unika urgenza li kien hemm hija proprju biex jixhed f'dawn il-proceduri peress li effettivament at one point dan is-Sur Gusnoto jrid jigi deportat minn Malta. Ahna mhux qed norbtu dan il-kaz esklussivament fuq ix-xhieda tas-Sur Gusnoto...*'Jghid li ma qalx li kien emm kuntrabandu tas-sigaretti izda li kien fil-pussess ta' sigaretti minghajr dazju. Spjega li '*Att ta' kutrabandu ta' sigaretti hija att li fih ddahhal fil-pajjiz sigaretti minghajr dazju. Is-Sur Gusnoto kien fil-pussess ta' sigaretti minghajr dazju. Kull ma ried jaghmel is-Sur Gusnoto huwa li jiddikjarahom bhala personali items meta s-Sur Gusnoto lanqas seta' jinzel l-art.*'

Jghid li ma ghandux evidenza li s-sigaretti jigifieri l-kunsinna kollha kienu tas-Sur Gusnoto. Jikkonferma li Gusnoto kellu x'jaqsam ma dawk l-erba (4) pakketti biss. Mistoqsi li fix-xhieda qal li hu hadhom u hbiehom u li se mai hemm ir-ragion fattasi u jekk sejrin jittiehdu proceduri kriminali wiegeb li '*Meta jkollna rapport f'dan is-sens u jkollna owner ta' dawk is-sigaretti imbghad naraw is-sitwazzjoni minn hemm hekk*'. Mistoqsi jekk sejjer jiehu passi fir-rigward tas-Sur Gusnoto rigward serq, ragionfattsi ta' dawk il-pakketti tas-sigaretti, wiegeb li le sa dan l-istadju. Huwa arrestah mal-mument li telghu l-pulizija tar-Rapid intervention Unit fuq id-dghajsa Blue Dolphin 1 flimkien ma' Michael Borg. Ma damx arrestat aktar mill-hin tal-arrest u wara gie mghoddi lil ufficjali tal-immigrazzjoni peress li ma ghandux visa. Fil-hin tal-interrogazzjoni kien hemm interpretu pero' hu ma kellmu qatt. Jghid li l-interpretu kien is-Sinjur li kien hawn dakinhar peress li huwa l-unika persuna li titkellem Indonesjan f'Malta. Ma hadlu l-ebda statement lil Gusnoto, sa fejn jaf hu l-Ispettur Anna Marie Micallef haditlu wahda dettaljata tal-kaz u jista' jkun imma ma kienx prezenti, statement fuq is-sigaretti wara dan il-kaz. Gie deciz li ma jittiehu ebda passi kontra Gusnoto malli spiccaw l-investigazzjonijiet u qabel ressqu lil imputati u gie deciz billi tkellmu ma min kellhom jitkellmu u anke mal-Kummissarju tal-Pulizija.

Ikkonferma li din id-decizjoni regghet giet rikonsidrata wara li rrizultaw il-fatt li rrizultaw fl-ahhar seduta.

Fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehdet l-**Ispettur Anna Marie Micallef** fejn qalet li fil-hdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) giet delegata biex tidhol f'investigazzjoni mal-Ispettur Ian Abdilla u l-Ispettur Yvonne Farrugia rigward sejba ta' sigaretti li nstabu gewwa vann li kien imwaqqaf iktar qabel qrib il-mini ta' Santa Venera. Il-kompitu taghha kien li tinterroga lil Gusnoto. Waqt l-operazzjoni tal-Pulizija li saret mal-lejl kien qieghed fuq il-Blue Dolphin I li dahlet fejn il-Fekruna ix-Xemxija. Xehdet li staqsiet lil Gusnoto jekk jifhimx xi haga bl-Ingliz u jekk tistax tkellmu bl-Ingliz u qal li ma jifhem xejn. Cemplet il-konsolat ghax kienet diga nfurmathom rigward l-arrest ta' dan ir-ragel u talbithom sabiex jibghatulhom interpretu, tawhom d-dettalji ta' Roshman Arif li kien l-unika persuna *available* Malta li jaf jaghmel ix-xoghol ta' interpretu mill-Indonesjan ghall-Ingliz. Ghamlet kuntatt ma Roshman Arif biex jigi d-depot tal-pulizija fejn fil-fatt qabel ma bdiet tkellem il Gusnoto fehmet lil interpretu li ried jaghtih id-dritt jekk riedx Gusnoto li l-ambaxxata tkun infurmata bl-arrest tieghu. Fehmitu wkoll bid-dritt li kien ser jinghata tal-avukat u d-dritt tas-silenzju. Gusnoto kien irrifjuta li jkollu avukat u anke qalulu li jekk ma ghandux mezzi jitqabbad avukat tal-ghajnuna legali u rrifjuta. Staqsietu jek qieghed jifhmu sew lill-interpretu u qal li iva u bdiet tistaqsieh rigward l-involviment tieghu x'kien gara u x'ma garax. Qal li kien ilu hawn Malta ghall-ahhar hames (5) xhur. Kien gabu Malta Michael Borg, hallaslu l-flights u kollox u gie sabiex jahdem abbord il-Blue Dolphin I jghinu fis-sajd. Kien semma li Michael Borg kellu dghajsa ohra li jisimha Free Willy pero l-Free Willy l-iktar li kienet tintuza ghal vjaggi turistici minhabba l-fatt illi Free Willy hija ferm ikbar minn Blue Dolphin I. L-iktar li hadem u kien joqghod fuq il-Blue Dolphin I fejn gieli ghenu fu xoghol abbord il-Free Willy.

Rigward dak in-nhar meta inqabad mill-pulizija, staqsietu meta kienu hargu mil-port u x'kienu ghamlu u ma ghamlux fejn hu qal li kienu hargu mill-port ta' Marsaxlokk

abbord il-Blue Dolphin I it-Tnejn filghodu ta' qabel ma gew arrestati ghal habta tal-11:00am. Qalilha li damu xi erba' (4) sieghat hergin 'l barra u imbghad waqfu u bdew jistadu hemm hekk. Hargu jistadu ghall-pixxispad, hargu l-konzijiet biex jistadu u hallewhom hemm hekk ghal gurnata, lestew is-sajda u gabru l-konzijiet. Gusnoto beda jipprepara, haseb li ser ikun hemm sajda ohra pero Michael Borg kien qallu li le mhux ser ikun hemm sajda ohra u haseb li ser jergghu jidhlu lura lejn Malta. Kien qalilha li Michael Borg beda jircievi telefonati fuq satellite phone u flok dahlu lejn Malta, qabdu t-triq u hargu 'l barra xi tnax (12) -il siegha. Qalilha li waqfu, saqsietu jekk rawx xi art mill-boghod u qalilha li le u waqfu jistennew hemm hekk u giet dghajsa ohra bi skrittura Gharbija. Qalilha li l-kulur jaghti fit-Turkish blu b'linji sofor u li ma jafx min huma in-nies. Dan kellhom abbord dawn il-kaxxi li iktar tard qal li huma tas-sigaretti ghax kienu mghottija b'wrapper sewda u bdew jigu trasferiti minn fuq din id-dghajsa li giet tiltaqa' maghhom ghal fuq id-dghajsa taghhom. Staqsietu jekk fehmx b'liema lingwa tkellmu u hu assuma li b'xi lingwa vicin il-Malti ghax Michael Borg tkellem maghhom. Staqsietu jekk sarx xi hlas b'xi flus u qal li ma rax flus ghaddejin. Sar dan it-trasferiment u qabdu dehlin 'l gewwa. It-tasferiment ha madwar tletin (30) minuta skont hu. Staqsietu jekk kemm dam hemm barra jew huma u dehlin Michael Borg ghamilx uzu minn VHF jew xi sistema ta' radju tad-dghajsa u qal li le u dejjem intuza s-satellite phone l-iswed. Qal li kellu iehor griz imma l-griz rari juzah. Qal li bdew dehlin 'l gewwa, jaf li resqu qrib Ghawdex ghax jiftakar li ra xi rdum u kif resqu qrib ix-Xatt iftakar li kien hemm karozza li teptpilhom id-dawl u Michael Borg rceva telefonata. Qal li max-xatt kien hemm hafna nies u kien hemm *bbqs* ghaddejin. Dahlu iktar il gewwa u tela xi hadd maghhom, ma kienx kapaci jidentifikah pero kien liebes flokk abjad u bermuda tal-jeans, tela' abbord id-dghajsa u minn hemm hekk taghhom struzzjonijiet 'l fejn kellu jsuq Michael Borg u dahlu 'l gewwa l-Fekruna ix-Xemxija. Ghenuhom inizzlu l-kaxxi minn fuq id-dghajsa u ghadewhom lin-nies l-ohra li kienu hemm. Qal li l-istess persuna li kien hemm fil-karozza Ghawdex li teptpilhom id-dawl tal-karozza rega raha il-Fekruna. Staqsietu jekk kienx imhallas xi haga zejda biex jaghnel dan ix-xoghol u qal li le. Lestew dan ix-xoghol u qabdu hiergin 'l barra biex skont hu haseb li kienu sejrin lura lejn Marsaxlokk fejn torbot il-Blue Dolphin I. Kif bdew hiergin tellghu l-Pulizija abbord u arrestawhom. Qal li ma setax jirrifjuta li jaghnel dan ix-

xoghol ghax kull meta kien jipprova jaghmel xi haga jaf li Michael kien jirrabja mieghu. Staqsietu dwar il-fatt li ma jitkellimx Ingliz u Malti u Michael Borg ma jitkellimx bl-ingliz u kif jaf li meta Michael jirrabja jibda jidghi u qal '*Q*'*Ghal Madonna*'. Qal li meta tkellem ma shabu qalulu li meta l-Maltin juzaw dik il-kelma u juzawha b'ton, ikunu qed jirrabjaw. Qal li kull meta jisma' lil Michael isemmi din il-kelma anke l-esspressjoni tal-wicc, jiftah ghajnejh lejh u jibda' jghajjat, qed jaghmel xi haga hazina. Staqsietu ghal istanzi ohra u dak il-hin semma l-istanzi l-ohra meta hargu bil-Free Willy u mhux bil-Blue Dolphin fejn kien gie f'nofs ta' lejl Michael, dan kien rieqed abbord id-dghajsa ma kienx jaf x'gara u ma garax, qajmu biex jghinu igorru x-xorb. Tellghu ix-xorb li kien JB, Smirnoff u xi birer u l-ghada hargu u gabru s-sigaretti. Bhala ammont ta' sigaretti qal li kien ferm ikbar ghal fatt li l-Free Willy tiflah tiehu iktar anke bhala volum id-dghajsa u bl-istess mod pero' d-darbtejn ta' qabel is-sigaretti tnizzlu gewwa l-Gzira ta' Ghawdex. Qal li kien hemm indonesjan iehor maghhom pero ilu xahrejn ma jahdimx maghhom ghal fatt li Michael Borg ma kienx qed ihallsu u ddecieda li jitlaq. Wara dak li ntqal fil-Qorti u wara x-xhieda ta' Gusnoto u l-ammissjoni tieghu ta' dawk l-4 grossos sigaretti, regghet kelmitu, gabet interpetu, taghtu d-dritt tal-avukat u d-drittijiet kollha. Rega rrifjuta li jikkonsulta ma Avukat. Rigward dawk l-erba' (4) grosos sigaretti meta staqsietu ghalfejn ma qaliliex bihom qabel, spjega l-fatt li qieghed go pajjiz barrani, dakinhar li kelmitu kienu ghadhom kemm gew arrestati, ma kienx jaf x'qed jigri u ma jigrix ezattament u kien nesiehom totalment dawk l-erba' (4) grosos sigaretti. Qal li kien hadhom biex jghaddiehom lil shabu l-Indonesjani wkoll li hemm max-xatt u ghal dak l-Indonesjan li ma kienx hallsu Michael Borg biex jaghtih xi haga u jkollu s-sigaretti. Hu accetta li jkun hemm settlement mad-dwana. L-interpetu mar mieghu biex ikun jaf x'qed jiffirma u rigward s-settlement. Staqsietu jekk qattx gie mhedded minn Michael Borg u qal li bhala theddid qatt ma kien hemm fuq hajtu iz da meta gieli rrabja mieghu hu qallu li ser jibghatu lura l-indonesja. Gusnota kien accetta li jmur lura l-indonesja pero qatt ma sar xejn u baqa' hemm hekk fuq d-dghajsa. Qalilha li jpejjep madwar pakkett kuljum u qal li jipreferi jpejjep sigaretti Indonesjani li jgib mieghu u kulhadd jiehu ftit minn tieghu u meta jispiccaw jitlob lil Michael Borg jaghtih minn dawn is-sigaretti Business Royals li nstabu fuq id-dghajsa. Kien hemm okkazjonijiet li xtara pero iktar kien jaghtih sigaretti Michael Borg. Staqsietu kienx jaf li hemm ix haga

hazina f'dak li kien qed jaghmel u qalilha li ma kellux idea jekk kien qed jikser il-ligi jew le. Il-ligijit ta' Malta ma kienx jaf x'inhuma, kien qed jobdi biss lil kaptan li fl-ahhar mill-ahhar dan irid jaghtih il-paga tax-xahar u l-fatt li kien gabu hu hawn Malta. Staqsewh ghandux 419 euro u qalilhom li fuqu ma kellux izda shabu kienu lesti li jghinuh, taghha numru tal-mobile ta' habib tieghu, cemplulu u dan kien abbord dghajsa ohra, talbu lil kaptan jekk ghandux xi oggezjoni li jmorru ghalih u jnizzluh u ma kellu l-ebda oggezzjni. Infurmaw lil tax-Xatt Malta li kienu ser inizzlu crew member minn fuq dghajsa u jiehduh id-depot u jghaddilu l-flus u jergghu jtellghuh lura. Mal-kaptan tad-dghajsa baqghet li kif gej lura tinnfurmah li tiela abbord u hekk sar. Kellu l-flus u niezel id-dwana flimkien mal-interpretu u sar is-settlement.

In kontro-ezami qalet li l-kuntatt mal-intepretu gabuh mill-Konsolat ta' Malta, Indonesjana. Mhuwiex impjegat mal-Konsolat izda huwa impjegat mal-Universita ta' Malta, ghandu Dottorat fl-*engineering* u jitkellem bl-Ingliz u l-istqarrija ghalhekk ittiehdet bl-ingliz tramite l-interpretu. L-interpretu gieli serva ta' interpretu fi stqarrija tal-pulizija ma spetturi ohra jekk mhux sejra zball xi tlett (3) snin ilu hadem ma spettur partikolari f'dipartiment iehor. Mistoqsija jekk kinitx hi l-ewwel spettur tal-Economic Crimes li kelmitu u qalet li ma seta kellmu hadd ghax kif iddahhal il-lock up pruvaw anke jiehdu d-dettalji tiehu u jfehmuh id-dritt tal-avukat pero ma kienx hem komunikazzjoni. Tghid li hi biss investigatu lix-xhud. Id-difiza ssugeriet li fiz-zmien kien investigat mill-Ispettur Ferris u rrispondiet li ma tistax tghid ghax ma tafx. Ikkonfermat li l-Ispettur Ferris kien imsiefer sakemm tkelmet max-xhud u mistoqsi jekk il-membri tal-Economic Crimes u l-kuntistabbli nfurmawiex li f'xi zmien l-Ispettur Ferris kien kellem lil dan ix-xhud, wiegbet le. Ma ccekwatx jekk qattx telghu pulizija fuq il-Free Willy xi ftit gimghat qabel dan l-arrest, jekk ccekjaw Gusnoto mad-database taghhom. Ikkonfermat li qal li jpejjep pakkett sigaretti kujum. Mistoqsija jekk staqsietux kif kien jaffordja pakkett sigaretti kuljum qalet li s-sigaretti hafna mid-drabi kien jaghtihomlu Michael Borg minn tieghu stess li huma l-istess sigaretti, indikali Business Royals li gew maqbuda mill-pulizija. Kien jiddobba minghand Indonesjani ohra u okkazzjonijeit rari kien jixtri hu. Mistoqsija qaliliex li xi

kultant kien jisraq xi grossa 'l hemm u 'l hawn qalet li fuq dawn l-erbgha (4) iva u ma qal li seraq l-ebda grossa. Tghid li meta staqsietu ghalih min hu l-owner tas-sigaretti, hu ma jafx min hu sid is-sigaretti ghal fatt li kien ikun ma Michael Borg meta jghabbuhom u kien ikun hemm l-irgiel l-ohra meta jnizzluhom. Hu ma kienx jidhol fiha din il-haga tant li f'dawn it-tliet (3) okkazzjonijiet li hargu ghas-sigaretti, huwa ma kienx jaf li hergin ghas-sigaretti. Hu minghalih hergin jistadu bhas-soltu. Kif ilestu mis-sajd meta jara li Michael Borg jibqa' hiereg 'l barra u jiltaqghu mal-lanca, hemm kien jara li ser ikun hemm it-trasferiment tas-sigaretti. Xehdet li bhala seaman abbord dghajsa jista jkollu ammont ta' sigaretti. Tghid li lil Gusnoto ittiehdietlu stqarrija u mhux dikjarazzjoni, li stqarrija tittiehed lil persuna li tkun investigata. Dwar li gie deciz li mens rea ma ghandux tghid li d-decizjoni ttiehdet wara li gie investigat. Bhala tfittxijiet li saru fuq il-hwejjeg ta' Gusnoto dawn kienu kolha abbord il-Blue Dolphin. Filfatt meta marru mal-Ispettur Ian Abdila meta nstabu dawk l-erba' (4) grossos sigaretti, dik kienet parti mit-tfittxija wkoll li kien hemm abbord fejn kellu l-hwejjeg Gusnoto tieghu nnifsu. Mistoqsija jekk il-mobile ta' Gusnoto giex ezaminat u investigat fil-kuntest tal-investigazzjoni fuq kutrabandu wiegbte li 'Rigward in-numri u kuntatti li kellu Gusnoto, kienu Indonesjani ohra li qeghdin tul ix-xatt. Fil-fatt anke staqsiet lil Gusnoto jekk qatx tkellem ma shabu rigward dawn it-tliet okkazzjonijiet li kellu fejn hu tkellem ma persuna wahda u qalilha x'kien gara u ma garax u l-istess din il-persuna la qaltlu li kien qed jaghmel xi haga hazina, la qaltlu anke ahna qed naghmlu din il-haga, xejn. Hu hass li kellu jiehu dawk l-erba' (4) pakketi sigaretti sabiex jghaddihom lil shabu fosthom dak l-Indonesjan li ma kienx ghadu jahdem ma Michael Borg u ghamel xahrejn ma jhallsux. Kien jaf li mhux tieghu imma ma jafx ta' min huma. Ma jafx min hu s-sid taghhom imma ma kienux tieghu. Hu jaf li zbalja li qabad u hadhom. Tghid li '*Ma jafx ta' min huma u ma jistax imur jitlob lit-tali, isma ha niehu dawn l-4 pakketti sigaretti.*' Kienu abbord id-dghajsa u hemm kienu mohbijin. Id-dar tieghu kienet il-Blue Dolphin I. Mistoqsi kienx jaf ta' min hi l-Blue Dolphin I infurmaha li bhal Free Willy ta' Michael Borg. Staqsietu u qal li ma jafx ta min huma s-sigaretti. Ha mill-istess sigaretti li kien jaghtih Michael Borg meta kien ikollu bzonn is-sigaretti u ha erba' (4) grosos sigaretti sabiex ikun jista' jghaddiehom lil shabu Indonesjani li hemm max-xatt ukoll u kulhadd ikollu xi jpejjep. Wara dan kollu li nqala l-Qorti staqsietu kienx jaf ta' min huma dawn is-

sigaretti u qal li le ma jafx ta' min huma s-sigaretti. Ikkonfermat li ix-xhud l-ahhar darba qal li s-sigaretti hadhom ghax habib tieghu ma kienx thallas mill-imputat Michael Borg u hass li forsi b'ekwiparazzjoni jew haga jew ohra ha dawn is-sigaretti ghan-nom tieghu. Ikkonfermat li hadhom ghax il-habib tieghu ma kienx thallas minn Michael Borg. Maghha stqar li ma kienx jaf ta' min kienu s-sigaretti. Ikkonfermat li hi wahda mill-persuna li ddeciedew li fil-konfront ta' Gusnoto ma ghandhomx jittiehdu passi u kienet involuta fis-settlement ta' Gusnoto. Ikkonfermat li kien hemm ghazla jekk jitressaqx il-Qorti. Mistoqsija min jiehu d-decizjoni qalet '*Dak huwa dritt tieghu. Inti tghidtlu li ghandu dritt li jissetilja, tohrog mill-Ordinanza tad-Dwana. Issir talba lid-Direttur Generali tal-Customs u jsir settement min-naha tal-Customs. Dik min-naha tal-Customs jidhlu fiha*'.

Fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) wara li xehdet l-Ispettur Anna Maria Micallef gie vverbalizzat li:

*'Id-difiza, f'dan l-istadju qieghda ghall-ennezimo darba, terga' toggezjona ghall-ammissibilta' tax-xhud Kusnodo u konsegwentement umilment titlob l-isfilz ta' tali xhieda u dan minhabba li kif diga' ntqal, hareg ampjament pruvat mill-provi prodotti s'issa, illi l-istess xhud Kusnodo, huwa ko-akkuzat u quindi ghandu jitqieghed taht att ta' akkuza u a bazi ta' gurisprudenzi bhal Pulizija kontra Jeremy Farrugia deciza fit-23 ta' Mejju 2001 Appell Kriminali VDG, Repubblika ta' Malta vs Domenic Zammit et- Appell Superjuri deciz fil-31 ta' Lulju 1998 u ohrajn, hu mhux xhud ammissibli.*

*Il-Prosekuzzjoni tirrileva diversi punti, li dan il-kaz mhux imsejjes biss fuq ix-xhieda ta' Kusnodo u l-ideja li tela' jixhed f'dan l-istadju, hu propju li l-posizzjoni li jinsab fiha f'dan l-istadju, peress illi l-post ta' residenza tieghu hawn Malta hu illegali u li jekk l-istess jinzamm Malta ghal aktar tul, l-istess drittijiet tieghu jkunu qed jinkisru. Il-Prosekuzjoni terga' tissottometti li fid-dawl tal-provi kollha migbura f'din l-investigazjoni, u mhux biss fuq xhieda ta' persuna wahda, u wara li hadet il-pariri kollha, terga' tiddikjara li mhux se tiehu passi kontra Kusnodo.*

*Il-Qorti, tiddikjara l-istess xhud Kusnodo bhala komplici ta' dan il-kaz u ghalhekk F'dan l-istadju huwa xhud inammissibli. Madankollu, tirriserva li tiprovdi fi stadju ulterjuri dwar l-isilz o meno tax-xhieda gja mghotija minnu.'*

Fl-istess seduta gie vverbalizzat ukoll li '*Id-difiza, in vista tal-fatt, illi ghadha ma gietx sorvolata l-eccezzjoni dwar l-ammissibilita' tax-xhud Kusnodo, li minghajr pregudizzju ghadu ma sarlux il-kontro ezami tal-istess xhud, umilment titlob illi din il-Qorti toghgobha torna li l-istess xhud jibqa' hawn Malta u jzomm kuntatt mal-ufficjali prosekuturi.'*

Fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehed ukoll l-**Ispettur Nerzen Grixti** li qal li fl-ghaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) gie moghti struzzjonijiet mill-Kummissarju tal-Pulizija li kien hemm informazzjoni li hemm lanca li kienet qed tigi misjuqa minn certu Michael Borg li gharaf fl-awla u li kellu crew mieghu. Gie infurmat ukoll li dan kien x'aktarx diehel f'dawn il-Gzejjer b'xi taghbija ta' sigaretti illegali lejn dawn il-Gzejjer. L-informazzjoni ma kinitx tindika ezatt il-post fejn kien pero' jafu biss li kienet x'aktarx fin-North ta' Malta. Dak in-nhar stess hargu b'zewg units fin-North ta' Malta biex ikunu lesti biex jintercettaw da nix-xoghol diehle lejn dawn il-gzejjer. L-istess informazzjoni kompliet tghid li dan ix-xoghol kellu jitghabba fuq trakk partikolari tal-ghamla Toyota bin-numru ta' registrazzjoni HQZ 083. Kellu jitghabba x-xoghol minn fuq din id-dghajsa bl-isem ta' Blue Dolphin u jittiehed xi mkien go xi garaxx fis-South ta' Malta. Kienu nfurmati wkoll iktar tard matul il-lejl tal-ghaxra (10) ta' Lulju li x'aktarx ix-xoghol kien ser jidhol go xi bajja xi mkien Ghawdex. Talab l-assistenza tal-ALE u l-iskwadra tieghu telhu fq zewg rubber dinghs u avvicinaw lejn Ghawdex. Kellhom informazzjoni iktar tard li t-trakk li semma kien ukoll tela' Ghawdex. Iktar tard fil-hdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) gew infurmati ghal habta tas-2:00am li l-istess trakk bl-isstess numru ta' registrazzjoni kien nnutat niezel rega Malta permezz tal-Gozo Channel. F'dawk is-sieghat bekrin ta' filghodu kienu lemhu dghajsa li kienet mexja minn Ghawdex lejn Malta minghajr navigation lights. Innutaw li probabli din kienet id-dghajsa Blue Dolphin. Iktar tard kellu iktar struzzjonijiet li din l-istess dghajsa kienet dahlet fil-bajja tax-Xemxija kif ukoll l-istess trakk li ghadu kemm niezel minn fuq il-vapur tal-Gozo Channel kien qed joqrob lejn il-Fekruna fil-bajja tax-Xemxija.

Wiehed mid-Dinghys li kienu fuqu li kien hemm fuqu l-ispettur Ramon Mercieca mill-ALE, kien iktar vicin milli fejn kien hu u fil-fatt iktar tard kien qallu li kien ra t-trakk u d-dghajsa cioe il-Blue Dolphin, kien qed jinhatt xi xoghol fid-dghajsa ghal fuq dan it-trakk partikolari. Dak il-hin ta' struzzjonijiet lil units ohra li kellhom fuq l-art biex jghalqu l-*area* tax-Xemxija u bid-dinghy taghha avvicinaw iktar lejn il-Fekkruna. Fi ftit minuti meta kien gie qrib id-dinghy l-iehor li kien hemm l-Ispettur Ramon Mercieca fuqu u fil-fatt nnota l-istess trakk jitlaq minn fuq il-post u dak il-hin il-Blue Dolphin kienet nqalghet minn mal-pont u kienet gejja fid-direzzjoni taghhom. Dak l-hin waqfu u telghu din il-fishing trawler. Fuqha sabu lil Michael Borg kif ukoll membru iehor ta' nazzjonalita barranija li wara rrizulta li kien Indonesjan li mhux fuq il-bank tal-akkuzati. Iktar tard wara regghu dahhlu d-dghajsa lejn il-pond u komplew bit-tfittxijiet taghhom fuq l-istess dghajsa fil-presenza ta' Michael Borg. Fehmuh ghal xiex qed ifittxu u dak il-hin ma sabux l-ammonti tas-sigaretti fuq id-dghjsa pero' iktar tard fejn kien qala' bicca mid-dashboard tal-istess dghajsa sabu zewg pakketti sigaretti godda tal-marka Business Royals ta' kulur ahmar bl-abjad li kienu taht dan l-istess dahsbaord tad-dghajsa. Komplew bit-tfittxija abbord u ma sabu xejn iktar li riedu jsiebu huma u gew elevati diversi affarijiet bhal GPSs, satellite phones u mobile phones fejn anke gew fotografati minn membri tal-fotograija. Iktar tard bdiet l-operazzjoni biex jitwaqqaf l-istess trakk. It-trakk hareg mix-Xemxija u gie nnutat wara li hu kien infurma lil control room tal-pulizija biex dan it-trakk jigi mfittex u mwaqqaf u kien imwaqqaf mill-pulizija tal-istess taqsima qabel ma jidhol fit-tunnels ta' Santa Venera. Fuq il-post mar l-Ispettur Nicholas Vella fejn qallu iktar tard wara li kien sab zewg persuni got-trakk imsemmi, wiehed minnhom jiftakar li ma bediex jaghti l-*particulars* tieghu pero iktar tard irrizulta li kien certu Anthony Cremona. Mieghu kien hemm persuna ohra li ma jiftakarx x'jismu pero' huwa l-persuna li indikaha bhala fin-nofs fl-awla. Il-persuna l-ohra indikah bhala t-tieni wiehed min-naha tax-xellug tieghu fl-awla. L-ispettur Nicholas Vella kien fetah l-istess trakk fejn nnota li go fih kien hemm kwantita kbira ta' sigaretti li kienu bil-kuntrabandu. Fuq il-post gew mghajjta wkoll l-esperti tal-fotografija fejn gibdu xi ritratti wkoll u gie ssigillat it-trakk fil-presenza ta' dawn iz-zewg persuni u l-karozza u huma ttiehdu flimkien lejn il-kwartieri generali tal-Pulizija ghal iktar investigazzjonijiet. Rigward id-dghajsa jiftakar li kemm il-persuna ta' nazzjonalita

Indonesjana kif ukoll il-Malti Michael Borg gew arrestati minn fuq il-post u eskortati lejn il-kwartieri generali tal-pulizija fejn fil-fatt hallew pulizija tad-distrett fixed point mad-dghajsa sakemm jitkomplew l-investigazzjonijiet. Fuq id-dghajsa kien hemm diversi apparat li ghandu xjaqsam mas-sajd kif ukoll kien hemm hut kbir u zghir fl-area tal-freezer, zewg pakketti sigaretti tal-marka Business Royals kif ukoll pakkett sigaretti uzat tal-istess ditta li kien ukoll fuq il-persuna ta' Michael Borg. Kien hemm hut kbir u zghir u kienu fil-parti ta' wara qisu taht id-deck li hu beda jirreferi ghaliha bhala freezer. Gie muri Dok IA15 u gharaf li huma l-istess bhal li nstabtu taht id-dashboard tal-istess dghajsa Blue Dolphin.Fuq Dok IA16 gharaf l-istess apparat li jekk mhux sejjer zball huwa GPS li kien inqala minn fuq l-istess dghajsa. Dok IA17 u Dok IA18 huma s-satellite phones li nstabu fuq l-istess dghajsa. Dok IA19 u IA20 huma zewg mobile phones li nstabu fuq id-dghajsa u 21,22,23 u 24 hemm il-crew list kif ukoll xi dokumenti ohra li kellhom x'jaqsmu ma permessi jew licenzji tal-istess Michael Borg. It-trakk ma rahx izda rah iktar tard kienu xis-6:00am gewwa l-kwartieri tal-pulizija.

Giet prezentata nota tar-Registratur, Qrati u Tribunali Kriminali (Malta) fejn iddikjara li ha hsieb ippublika sunt tad-digriet tat-23 ta' Lulju 2013 fil-Gazzetta tal-Gvern li prezenta bhala Dok A kif ukoll informa lid-Direttur tar-registru Pubbliku ta' Malta u Ghawdex li prezenta bhala Dok B u Dok C.

Fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehdet **Connie Azzopardi** ghan-nom tad-Dipartiment tal-VAT li b'referenza ghal fol 110 Dok IA1 xehdet li hija *letter to prosecute* mahruga minnha ghan-nom tad-Direttur Generali tal-VAT, fis-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) fil-konfront ta' Michael Borg, Anthony Cremona, Sharon[18] Cauchi, Robert Agius u Paul Anthony Pisani u gharfet il-firma taghha.

[18] Din il-Qorti tifhem li 'Sharon' fit-traskrizzjoni ghandha taqra 'Shannon'

L-**Ispettur Ian Abdilla** rega xehed fit-tnejn (2) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) fejn prezenta rcevuta li hu ghadda lil Mario Galea ufficjal mill-enforcement unit tad-dwana ta' disgha u disghin (99) master case ta' sigaretti Business Royals u erba' (4) master cases ta' sigaretti brand Tradition u vettura ta' tip Toyota Dyna bin-numru ta' registrazzjoni HQZ 083 bic-cwievet b'kollox. Din giet prezentata u mmarkata bhala dok 'IA 32'. Prezenta tliet (3) dokumenti f'dokument wiehed ta fejn fiha kopja tal-logbook tal-vettura Toyota Dyna bin-numru ta' registrazzjoni HQZ 083 li haduha minghand Josef Xuereb li huwa s-sid ta' FX Garage Company Limited. Il-log book originali ghaddieh lid-dwana u ghandu rcevuta li dan il-logbook prezentata bhala Doc IA 33.

Fl-istess seduta xehed **Martin De Battista** ghan-nom tad-Dipartiment tad-Dwana li esebixxa nota ta' qbid u gharaf il-firma tad-Direttur Generali fir-rigward ta' disgha u disghin (99) kaxxa Business Royals u erba' (4) kaxxi Tradition. Esebixxa nota ta' qbid fejn gharaf il-firma tad-Direttur Generali tad-Dwana fir-rigward tal-vettura Toyota Dyna bin-numru ta' registrazzjoni HQZ 083 esebiti bhala dok. MD 1 fejn taht valur tal-Vettura Toyota Dyna tnizzel l-ammont ta' (€500) u MD 2.

L-**Ispettur Yvonne Farrugia** xehdet fl-istess seduta fejn qalet li fil-hdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) kienet ordnata biex tassisti lill-Ispettur Ian Abdilla u l-Ispettur Anne Marie Micallef rigward investigazjni li kienet qieghda ghaddejja fuq kuntrabandu ta' sigaretti li kienu maqbuda fil-lejl ta' qabel fuq operazzjoni li kienet qieghda ssir mill-membri tal-pulizija gewwa l-RIU u l-ALE. Matul din l-investigazzjoni investigat lil Shannon Cauchi u lil Anthony Cremona fejn haditilhom sqarrija. L-istqarrija ta' Shannon Cauchi ittiehdet fl-ufficju taghha fil-hdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) fil-prezenza ta' PC 896. Wara li nghatawlu d-drittijiet kollha tieghu kif ukoll l-ghalza li jista' jikkonsulta ma' avukat kien iddikjara li hu qed jirrinunzja minn dan id-dritt. Din id-dikjarazzjoni tinsab a fol 115 fejn hi gharfet il-firma taghha, ta' PC 896, WPS 103 u Shannon Cauchi li gharfet fl-awla. A fol 113 et sequitur gharfet il-firem fuq l-istqarrija li ttiehdet minghand Shannon Cauchi u ta' PC 896. Liema stqarrija Shannon Cauchi ghazel li ma jiffirmax. Matul l-investigazzjoni Shannon Cauchi kien ghazel id-dritt li jibqa' sieket fid-domandi

kollha li kellhom x'jaqsmu ma' din l-investigazzjoni. Kienu eventwalment prezenti fit-tieni stqarrija ta' Shannon Cauchi li ttiehdet fis-sbatax (17) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013). Din l-istqarrija kienet ittiehdet mill-Ispettur Ian Abdilla wara li nghatawlu d-drittijiet kollha tieghu u gharfet il-firma tal-Ispettur Ian Abdilla li b'referenza ghal dok 'IA 4' a fol 116 et sequitur xehdet li Shannon Cauchi kien ukoll ghazel li ma jiffirmax l-istqarrija. Qabel l-istqarrija ittiehditlu dikjarazzjoni li qieghda inserita a fol 118 ghaliex hu kien ghazel li ma jikkonsultax ma' avukat.

Fil-hdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u hdax (2011) kienet hadet ukoll stqarrija lil Anthony Cremona fejn qabel taghtu d-drittijiet tieghu kif ukoll li jekk jixtieqx jikkonsulta ma' avukat fejn hu kien ghazel li jikkonsulta ma' Dr Veronique Dalli. Din id-dikjarazjoni tinsab inserita a fol 28 fejn fuqha gharfet il-firma taghha ta' Anthony Cremona, ta' PS 782 u PC 878. Wara kienet ittiehdet stqarrija minghand Anthony Cremona inserita a fol 125 et sequitur fejn matul l-interrogazzjoni Anthony Cremona kien gie mistoqsi ghal fatt li meta gie arrestat matul il-lejl ta' qabel waqt li hu kien qed isuq Toyota Dyna bin-numru ta' registrazzjoni HQZ 083 liema vettura kienet misjuqa u kien hemm mieghu Shannon Cauchi. Anthony Cremona qallu li kien kera l-istess vann minghand FX Garage, it-Tnejn ta' dik il-gimgha stess fejn kellu jirritornah il-jum tal-Erbgha ghal habta tal-hamsa u nofs (5:30) jigifieri jumejn wara skont ftehim ma FX Garage. Qal li krieh ghax kellu xi xoghol tal-injam biex igorru. Mistoqsi ghala ma kienx irritorna l-vann l-Erbgha imma zammu ghandu ghazel li ma jwegibx. Ikkonferma l-firma tieghu fuq l-istess kuntratt u li krieh ghal mija u erbghin (€140) ewro ghal jumejn. Huwa kkonferma li meta l-pulizija sabitu kellu fl-istess vann numru kbir ta' sigaretti li imnizzla fl-istqarrija fejn ikkonferma li ffirma l-ircevuta ghall-istess sigaretti. Din l-istqarrija hija inserita a fol 125 u gharfet il-firma taghha fuq kull pagna, komposta minn tlett (3) pagni, dik ta' Anthony Cremona u ta' PC 878 li kien prezenti tul din l-interrogazzjoni. Gharfet lil imputat Anthony Cremona prezenti fl-awla u qalet li tul l-investigazzjoni fit-tnax (12) ta' Lulju kemm Anthony Cremona u kemm Michael Borg kif ukoll Shannon Cauchi kienu gew irrilaxxjati fuq police bail u kellhom jergghu jattendu fil-kwartieri Generali tal-Pulizija fis-sbatax (17) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) fejn fit-tieni darba li huma kienu prezenti fid-depot tal-pulizija kienet regghet prezenti fl-istqarrija li

ttiehdet lil Anthony Cremona minghand l-Ispettur Ian Abdilla. L-istess stqarrija hija a fol 131 u gharfet il-firma tal-Ispettur Ian Abdilla u taghha. Anthony Cremona ghazel li ma jiffirmax. Qabel ma bdiet din it-tieni interrogazzjoni Anthony Cremona kien inghata d-dritt ghall-avukat u u kien ghazel illi ma jikkonsultax avukat qabel l-interrogazzjoni.

Kienet prezenti meta nghata d-dritt ghal Avukat lil Robert Agius fis-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) fejn kienet taghtu d-drittijiet tieghu u ghazel li ma jikkonsultax ma' avukat. Ghamlet referenza ghal fol 121 fuq liema dikjarazzjoni gharfet il-firma taghha, ta' PS 782 U pc 896 u Robert Agius kien ghazel li ma jiffirmax din id-dikjarazzjoni. B'referenza a fol 124 kienet prezenti f'dikjarazzjoni ta' rifjut tal-avukat ta' Pisani Paul Anthony fejn kienet tatu d-drittijiet u hu ghazel li jirrinunzja ghal dan id-dritt. Gharfet il-firma taghha, ta' Paul Anthony Pisani, PC 878 u PC 896. Hija gharfet ukoll lil Paul Anthony Pisani, Robert Agius u Michael Borg li kienu investigati rigward din l-investigazzjoni.

Fis-seduta tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehed **PS 782 Shaun Scicluna** li qal li fil-hdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) ghal habta ta' nofs in-nhar (12.00) il-kwarta (12:15) kien xoghol gewwa t-taqsima tar-reati ekonomici u gie mitlub mill-Ispettur Yvonne Farrugia biex jassisti u jkun prezenti biex jinfetah vann li kien ipparkjat gewwa s-CID yard fuq allegatament kuntrabandu tas-sigaretti. Mar flimkien mal-membri tad-drug squad kif ukoll tat-taqsima forensika u maghhom kien hemm prezenti Anthony Cremona ID 238771M li gharaf fl-awla. Nizlu fejn il-vann tal-marka Toyota kulur abjad u fuq il-vann kien hemm miktub il-kliem FX garage bin-numru ta' registrazzjoni HQZ 083 u l-vann kien issiggilat. Fethu l-vann quddiem Anthony Cremona fejn kien hemm numru ta' kaxxi jghidulhom Master cases tas-sigaretti ppakjati go boroz suwed, garbage bags qeghdin ippustjati fuq xulxin gol-vann. Bdew johorgu l-kaxxi wahda wahda. Il-membri tad-drug squad immexxija mis-surgent 1086 kienu mitluba jaghmlu search fil-kaxxi fuq ix-xoghol relatat maghhom u bdew johorgu kaxxa u jaghmlu s-search. Din il-procedura hadet madwar saghtejn u nofs. Spiccaw ghal habta tal-erbgha nieqes kwart (3:45). Il-boroz ittiehdu mis-surgent 659 li huwa inkarigat mill-

fingerprints. Huwa ha l-boroz is-suwed, il-garbage bags biex ikun jista' jezaminahom. Xoghol ix-xhud kien l-aktar iffokat biex jghodd il-kaxxi, il-master cases fejn irrizulta li kien hemm disgha u disghin (99) master case tal-marka Business Royals u erba' (4) master caes tal-marka tradition jigifieri total ta' mija u tlett (103) master cases. Iktar tard is-Sur Anthony Cremona inghata rcevuta. B' referenza ghad-dokument a fol 130 gharaf il-firma tieghu fuq l-ircevuta li nghatat lil Anthony Cremona li kien maghhom prezenti meta fethu l-vann li kien issigilat, ghoddew il-kaxxi fil-prezenza tieghu u regghu ppustjaw kollox gol-vann u ghalqu l-vann. Huwa gharaf il-firma tieghu PS 782, tal-kuntistabbli 878, 737 u s-sur Anthony Cremona. Meta fethu l-vann u hargu l-kaxxi, rrizulta li numru ta' kaxxi kienu imxarbin, il-kartuna taghhom kienet imxarba. B'referenza ghal fol 121 qal li hija dikjarazzjoni li nghatat lil Robert Agius li rrifjuta d-dritt tal-ghajnuna legali. Huwa gharaf il-firma tieghu, ta' PS 782 flimkien mal-ispettur Farrugia u PC896. Robert Agius ghazel li ma jiffirmax. B'referenza ghal fol 128 qal li hi dikjarazzjoni ta' Anthony Cremona li nghata d-dritt tal-ghajnuna legali, fejn iffirmaw hu, PS 782, Anthony Cremona u PC 828. Cremona ghazel li ried jikkonsulta ma' Dr Veronique Dalli. B'referenza ghal fol 151 li hija dikjarazzjoni ta' Michael Borg ibin-numru tal-karta tal-identita' 998875M li ma riedx li jkollu ghajnuna legali qabel ma jigi nterrogat mill-Pulizija. Gharaf il-firma tieghu, ta' Michael Borg, tal-Ispettur Ian Abdilla u ta' PC 896. Huwa gharaf l-imputati fl-awla.

Fl-istess seduta xehed **PC 737 Kurt Dylan Underwood** li qal li kien prezenti waqt li nfetah is-sigill tat-Toyota vann u mbghad gew mghoddija l-kaxxi waqt li saret is-search fl-istess hin fil-hdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta (2003). Kien prezenti Anthony Cremona u l-irwol tieghu dak in-nhar kien li waqt li l-pulizija tad-drogi bdew jaghmlu s-search fis-sigaretti li kien hemm, hu beda jissorvelja dak li kien qed isir u beda jghodd il-kwantita' li kien hemm. B'referenza ghal fol 130 ghal li dina hija ircevuta li gie mghoddi lil pulizija fenjn gharaf il-firma tieghu, ta' PC 782, PC 878 u l-firma ta' Anthony Cremona. Huwa gharaf lil Anthony Cremona fl-awla.

Fis-seduta tal-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehed **Dr Anthony Micallef Figallo** li xehed li huwa avukat, ufficjali legali junior tad-Dipartiment tas-sajd u l-akwakoltura. B'referenza ghal fol 112 qal li d-dipartiment meta l-ufficjal tas-sajd jaghmlu rapport dwar xi ksur tla-ligijiet tas-sajd, jaghmulhom rapport intern fejn jghadduh l-ufficju legali taghhom biex johorgu din l-ittra tal-prosekuzzjoni u l-kwerela biex umbghad il-pulizija tkun tista' tmexxi b'din il-Qorti. Id-dokument ghamlu hu u qed jaghraf il-firma tieghu.

Xehed ukoll **Francis Xuereb** fl-istess seduta li qal li ghandu kumpanija tal-FX garaxx li tikri l-vanijiet u karozzi. B'referenza ghal fol 129 tal-process, qal li ghandu kopja taghha, li huwa dokument mahrug mill-garaxx tieghu. Qal li krielu trakk suppost kellu jmur igorr l-ghamara u qatt ma rega gie l-garaxx. Huwa esebixxa kopja tal-karta tal-identita' ta' Anthony Cremona u rental agreement f'koppja minnhom l-originali taghhom esebiti u mmarkati bhala Dok FX 1. Xehed li dak il-hin ma kienx hemm, kien hemm it-tifel il-kbir li kriehulu. Xehed li ma jafux lil Anthony Cremona u qatt ma rawh l'hemm la hu u lanqas it-tifel. Il-ftehim kien li jzommu ghal gurnata u ma rritornahx, zammu gurnata ohra umbghad gara li gara ma jafx x'gara sal-lum. Ikkuntatjawh tac-CID. Ma ghamel xejn meta ra li ma giex ritornat umbaghad kkuntatjawh is-CID u marru jkellmu lis-CD. Hu ma pruvax icempel lil Anthony Cremona ghax qieghed ghand ic-CID. Ic-CID hadu l-logbook originali fejn hu ma kienx prezenti izda kien hemm it-tfal. It-tifel jismu Joseph Xuereb.

Illi permezz ta' digriet moghti mill-Ewwel Qorti in segwitu ta' rikors prezentat mis-socjeta' F.X. (Garage) Company Limited nhar it-tnax (12) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) fejn kienet talbet li l-vettura tal-ghamla Toyota Dyna Boxvan bin-numru ta' registrazzjoni 'HQZ-083' u bin-numru tax-Chassis 'BU1420102939' tigi rilaxxata a favur taghha u tigi sostitwita b'garanzija bankarja ghall-ammont ta' 500 ewro ai termini tal-artikolu 72(4) tal-Kapitolu 37, l-Ewwel Qorti kienet nhar it-tmintax (18) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) laqghet it-talba u awtorizzat ir-rilaxx tal-vettura Toyota Dyna Boxvan bin-numru tar-registrazzjoni HQZ-083.

Fis-seduta tal-hamsa (5) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehed **Josef Xuereb** li qal li jahdem ma FX Garage li f'xi zmien kien kera vann bin-numru ta' registrazzjoni HQZ083 li b'referenza ghal fol 276 immarkat bhala Dox FX1 qal li krieh lil Anthony Cremona ghal jumejn u kif kienu ha jghalqulu l-jumejn cempillu ried izommu gurnata ohra u qallu '*all right*' u meta kienet ha tghalaqlu l-gurnata l-ghada fighodu raw li ttardja, ma giex bih. Tawh telefonata, mobile ma qabdux u imbghad infurmawhom tac-CID, ragel u mara il-garaxx. Huwa gharaf lil imputat, huwa gharaf il-kitba ta' min ghamel il-karta u li l-karta taghhhom. Xehed li l-karta mlieta ohtu, Moira Xuereb. Huwa gharaf il-firma ta' Anthony Cremona u il-firem fejn issoltu kienu jaghmlu F. Xuereb f'isem missieru.

**PC896 Robert Zammit** xehed fl-istess seduta fejn qal li fil-hdax (11) ta' Lulju ta' din is-sena kien xhud ta' *statement* u inghata d-dritt tal-Avukat. Huwa gharaf lil Shannon Cauchi fl-awla. Xehed li kien flimkien mal-Ispettur Ivan Farrugia. Kien xhud ghad-dritt tal-avukat ukoll ta' Michael Borg li gharaf fl-awla ukoll. Fit-tnax (12) ta' Lulju ta' din is-sena kien flimkien mal-Ispettur Abdilla fejn marru ta' kandja biex jelevaw xi konzijiet fimkien mal-fisheries department fejn meta bdew jigu elevati dawn il-konzijiet kienu nstabu erba' (4) grossos Royals. Id-dghajsa kienet ta' Michael Borg li jisimha Blue Dolphin. Xehed li kien flimkien ma' tal-ALE is-Surgent PS305. In-nies tal-fisheries kienu William Gatt u Omar Farrugia. Is-sigaretti sabuhom William Gatt u Omar Farrugia flimkien ma' PS305 tal-ALE. Dak in-nhar kienu hemm hekk sabiex jigu elevati l-konzijiet kienu ser jittiehdu mill-Fisheries department u waqt li dawn kienu qeghdin jigu mehudin u go konz minnhom nstab erba' (4) grossos sigaretti.

Spjega li fis-sittax (16) kien xhud tal-istatement u nghata d-dritt tal-Avukat lil Robert Agius li gharaf fl-awla u Paul Anthony Pisani flimkien mal-Ispettur Abdilla u kien involut ukoll dakinhar fejn saret identification parade u fis-17 kien xhud ta' statement ta' Michael Borg fejn regghet saret stqarrija ohra u kien xhud ukoll tad-dritt tal-Avukat.

B'referenza ghal dokument IA3 a fol 113 flimkien mad-dikjarazzjoni tal-Avukat a fol 115 li jghajtu lil Shanon Gauci[19], ix-xhud gharaf il-firma tieghu. Jiftakar li ma kienx wiegeb ghal xejn u gharaf il-firma tal-Ispettur u ma kienx iffirmah. Qabel l-istqarrija inghata d-dritt ghal avukat u li ma kienx obbligat iwiegeb domandi. B'referenza ghal fol 118 li hija dikjarazzjoni rilaxxata minn Shannon Cauchi ghal rifjut tl-Avukat huwa gharaf il-firma tieghu, ta' 1600, tal-Ispettur u ta' Shanon Gauci[20] ukoll. B'referenza ghall-istqarrija ta' Robert Agius immarkata bhala Dok. IA5 a fol 119 u maghha hemm anness id-dikjarazzjoni ghar-rifjut tal-avukat a fol 121, huwa gharaf il-firma tieghu, tal-ispettur u tad-dritt tal-Avukat Agius Robert. Qabel l-istqarrija inghata id-dritt tal-Avukat. Muri l-istqarrija ta' Paul Anthony Pisani datata s-sittax (16) ta' Lulju immarkata bhala Doc IA6 a fol 122 flimkien ma' dikjarazzjoni tar-rifjut tal-avukat a fol 124 gharaf il-firma tieghu u tal-Ispettur u qabel inghata d-dritt tal-Avukat u d-dritt li ma jwegibx, li huwa rrefera ghaliha bhala t-twissija. Gie muri d-dikjarazzjoni ghar-rifjut tal-Avukat ta' Anthony Cremona a fol 131 fejn gharaf il-firma tieghu. Muri l-istqarrija ta' Michael Borg datata s-sbatax (17) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) a fol 149 immarkata bhala Doc IA13 li maghha hemm ir-rifjut ta' Michael Borg ghal parir tal-Avukat gharaf il-firma tieghu u tal-Ispettur u nghata d-dritt ghal Avukat u li mhux obbligat li jwiegeb ghad-domandi, is-soltu twissija. Huwa gharaf l-imputati fl-awla.

Xehdet ukoll **WPS103 Marseanne[21] Mifsud** fl-istess seduta li qalet li fil-hdax (11) ta' Lulju ta' din is-sena kienet xhud ta' dikjarazzjoni tal-Avukat ta' Michael Borg u ta' Shannon Cauchi li gharfet prezenti fl-awla. B'referenza ghad-dokument ta' Shannon Cauchi a fol 115 qalet li tgharfu u gharfet ukoll id-dokument a fol 138 bhala dikjarazzjoni ta' Michael Borg. Qalet li fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Abdilla hi flimkien ma' PC896 marru gewwa l-FX Garage fejn hemm hekk tkellmu ma' wiehed mill-proprjetarji Josef Xuereb bin-numru tal-karta tal-identita 130282M u ghaddielhom il-log book originali tal-vettura Toyota Dyna bin-numru ta' registrazzjoni HQZ 083 li immedjatament wara li gabret il-log

[19] Din il-Qorti tifhem li t-traskrizzjoni erronjament taqra 'Gauci' minflokk Cauchi
[20] Ibid.
[21] Skont id-dikjarazzjoni a fol 138, isem u kunjom WPS103 huwa Marcelle Mifsud

book ghaddietu lis-senior inspector Mario Galea tal-Customs. B'referenza ghal dokument IA33 a fol 199 sa 202 qalet li hi ircevuta li hi harget lil Josef Xuereb meta ghaddielha kopja tal-log book. Dan huwa d-dokument li s-Senior Inspector Mario Galea tal-customs ghadda lilha meta ghaddiet il-log book lid-dwana.

Fis-sittax (16) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014) xehed **Stephen Cachia** ghan-nom ta' Transport Malta fejn gew mitluba jaghmlu ricerka fuq il-vettura bin-numru HQZ 083. Mir-ricerka li ghamlet irrizulta li dan huwa Toyota Dyna[22] Box Van ta' kulur abjad registrat fuq Francis Xuereb ID 324951M ghan-nom ta' FX Garage company ltd u li din il-vettura ila registrati mit-tlieta (3) ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta (2003). Prezenta d-dokumentazzjoni li xehed dwara bhala Dok. SC1.

**Moira Sammut** xehdet fis-seduta tas-sittax (16) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn qalet li tahdem fil-kumpanija ta' missierha FX Garage. Giet muriha Dok IA8 a fol 129 u qalet li krew vann lil Anthony Cremona u meliet il-karta bhala agreement li jimlew lil kulhadd. Hija indikat lil Anthony Cremona fl-awla. Hi kkonfermat li hemm il-firma taghha u ta' Anthony.

Fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) xehed **PC 878 Jurgen Muscat** li qal li f'din l-investigazzjoni kien prezenti ghar-rifjut tal-avukat ta' Paul Pisani. B'referenza ghal fol 124, ikkonferma d-dokument u l-firma tieghu. Qal li dan huwa r-rifjut minghand Paul Pisani li jikkonsulta l-avukat. Kien hemm prezenti hu, PC 896, Robert Zammit u Paul Pisani. Huwa gharaf lil Paul Pisani fl-awla. B'referenza ghal fol 125 sa 127 qal li hi l-istqarrija ta' Anthony Cremona, fejn gharaf il-firma tieghu u li kien prezenti ukoll l-Ispettur u Anthony Cremona. Huwa gharaf lil Anthony Cremona fl-awla. B'referenza ghal fol 128 qal b'referenza ghal Anthony Cremona li ried jaghmel konsulenza mal-avukat tieghu u gharaf il-firma tieghu ta' kollegi tieghu PS 782 u tal-Ispettur. Anthony Cremona iffirma d-dikjarazzjoni ukoll. B'referenza ghal fol 130, qal li hi ircevuta tal-vann li kien issiggilat li fethu fil-hdax

[22] It-traskrizzjoni taqra 'Toyota Daina'

(11) ta' Lulju fejn kien prezenti Anthony Cremona flimkien ma' PS 782 u PC 737. Qal li dakinhar kienu ghoddew is-sigaretti li kien hemm go dan il-vann fis-CID yard.

Xehed l-**Avukat Dr Martin Bajada** fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) li wara nomina mill-Qorti fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013)[23] sabiex johrog il-kontenut minn hames (5) oggetti konsistenti minn GPS, satellite phones u cell phones. Huwa prezenta r-relazzjoni tieghu bil-kontenut ta' dawn u rritorna l-esebiti.

Fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu ta-sena elfejn u erbatax (2014) xehed **PS 305 Alfred Gauci** li qal li fl-ghaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) kien ircieva telefonata ghal habta tas-sebgha ta' filghaxija mill-ispettur tieghu s-sur Ramon Mercieca biex jirraporta ghax-xoghol u jgib il-hwejjeg mieghu li jadmu bihom fuq il-bahar. Wasal il-headquarters, kien kellimhom l-Ispettur Ramon Mercieca fejn uriehom ritratt ta' lanca tal-bahar bl-isem ta' Blue Dolphin 1 u qalilhom li kienu ha jahdmu bicca xoghol flimkien mal-IRU. Tawhom xi armi u hadu arma kull wiehed. Kif lestew, niezlu fuq il-bahar b'zewg dinghys tal-pulizija u saqu direzzjoni lejn Bahar ic-Caghaq. Hargu qisu kilometru l' barra u kellu l-Ispettur Nezrin tal-RIU mieghu fuq id-dinghy fejn kien hu u beda jircievi struzjonijiet mill-Head qaurters. Aktar tard tawhom struzzjonijieT biex imorru direzjoni lejn Kemmuna u joqghodu jistennew hemmhekk ghal aktar struzzjonijiet. Ma kienx jaf xi bdew jghidu bil-mobile phone bejn l-ispettur u l-headquarters. F'hin minnhom qalilhom li l-lanca qed tavvicina lejhom u telqet minn Ghawdex. Kien dahlu aktar il' gewwa mal-blat fuq Kemmuna u osservaw lanca fid-dlam ghaddejja minn quddiemhom. Pero' ma setghetx tigi osservata ghax kien dlam cappa, kull ma raw bozza ghaddejja minn quddiemhom. Baqghu isegwuha minn wara u din il-lanca gibdet lejn l-Ghadira. Dahlu iktar warajha pero' fil-boghod hafna. Kelhom r-rip l-iehor, ha n-naha ta' bejn il-Gzejjer u hu ha n-naha tal-Ahrax tal-Mellieha. Il-lanca kienet daret u gibdet lejn il-

[23] Il-Qorti skont il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Lulju, 2013 kienet fuq talba tal-Prosekuzzjoni innominat lil Dr Martin Bajada saiex jezamina l-apparat ezebit jaghmel l-ezamijiet forensici mehtiega kif ukoll jaghmel il-call profiles tal-istess ezebiti minn sena 'l hawn.

Gzejjer ta' San Pawl. F'hin minnhm, ftit qabel it-tlieta ta' filghodu qalulhom li kienet qed tigbed lejn il-Fekruna, lejn ix-Xemxija u bdew javvicaw aktar lejn il-Gzejjer peress li kien lejn in-naha tal-Ahrax tal-Mellieha. Ircieva telefonata rega s-surgent Nezrin qallu "*igri, igri, igri*", *qalli* "*ghax qed jahdmu fejn il-Fekruna.*" Jghid pero ' ir-rip l-iehor li kellhom kien wasal qablu. Kif wasal ra lanca hierga minn mal-moll, sema suffara, xi hadd saffar, spjega li mhux suffara bhal tal-pulizija u raw '*xi haga vettura fil-boghod startjat minn fejn il-moll u telqet. Bdew jitkellmu l-ispettur bir-radios biex jitolbu l-assistenza tal-mobile tal-RIU u tal-lanca giet direzzjoni go fina. Intlaqat wiehed mid-dinghies taghna ghax kienu pruwa ma' pruwa. Pero' ma rridx nghid li saq go fina apposta ghax ahna konna fid-dam, seta' li ma raniex. Imbaghad tlabt l-Ispettur, ghidtlu dan jekk hinu lanca mhux ha jahrabilna, ahna kellna iktar power, ghidtlu nixghelulhom search light u dan u qalli orrajt. Xeghelt searchlight, gibtu fuqi. Kellna searchlight tahdem bir-remote control u bqajt inzommu fid-direzzjoni tieghu, gejt mas-side tieghu, port to port u kif kienn hiereg gejt mighu, bqajna mixjin mieghu u tellghajt in-nies fuq il-lanca. Ikkontrollawh tal-RIU imbaghad. Aktar tard irrizultali li kien certu Michael Borg l-ID card number 98875(M). Waqaf huwa, ikkopera maghna, geghelnieh jiccattja mal-art. Saret search fuq id-dghajsa mill-membri tal-RIU. Jiena kont fuq l-art, ma hadtx sehem fiha.*' Fuq ir-rip, ix-xhud kien ma' membri tal-RIU, hu kellu l-Ispettur Nezrin u pulizija ohrajn. Fuq ir-rip l-iehor kien hemm l-Ispettur Ramon Mercieca flimkien ma pulizija ohrajn mas-surgent 1298, il-433 u l-134. Kif iccatjawh mal-art, gew infurmati li kienu qabdu xi vann, dak li kien harab, qabduh tal-RIU x'imkien lejn is-South ta' Malta. Kienu 'l boghod minnhom. L-ghada kif irraporta ghax-xoghol ghamel kuntatt mieghu l-Ispettur Ramon Mercieca. Xehed li '*Qalli "hu lil Michael Borg ix-Xemxija fej hemm il-lanca" ghax il-lanca baqghet arrestata hemmhekk. Kien hemm fixed point maghha mill-pulizija tad-distrett. Qalli "ha jsiru xi searches fuqha". Kienu gew il-pulizija mid-Drug Squad, is-surgent 81 u l-kuntistabbli 467 mid-Drug Squd, fejn dawn ghamlu tfittxija mal-lanca b'konnessjoni ma' drogi fejn irrizulta kollox fin-negattiv, ma sabu xejn. Ikkuntatjajt 'l-ispettur tieghi, Ghidtlu, "dak is-search sar, ma nstab xejn hazin". Qalli "ibqa' hemmhekk ghax gejjin xi ufficjali mill-Fisheries". Aktar tard gew mill-Fisheries certu Omar Farrugia ID: 112791(M) u Dione Zahra ID: 470986(M) fejn dawn ezaminaw, ghax peress li l-lanca kellha xi hut fuqha, u minn hemmhekk nizlu lejn l-art, fil-prezenza dejjem tas-sur Michael Borg pixxispad ta' 1.7 meter, kellu pixxispad iehor ta' 1.1 meter, pixxispad iehor ta' 0.85 centimetri u disgha pixxispad zghar ta' zewg piedi-il*

*wiehed li kienu kollha minghajr ras, bir-ras maqtugha. Fix-xoghol taghhom ma nifimx ghalkemm nifhem fil-hut pero' inharget ircevuta minghandhom.'*

B'referenza ghall-ircevuta a fol 148 jghid li kitbuha s-Sur Dione Borg fil-prezenza tas-Sur Borg. Ix-xhud qal li ghandu kopja taghha. Kien iffirma ghaliha Michael Borg prezenti fl-awla u ffirmawha l-ufficjali tal-fisheries. Huwa gharaf lill-imputat Michael Borg li qal li sa fejn jaf hu kien is-sid tal-lanca wkoll tal-Blue Dolphin 1 u ghandha MFA ghax kellha numru 8053. L-ircevuta iffirmawha l-ufficjali tal-fisheries.

Mistoqsi x'involviment iehor kellu jghid li kif lesta u hadu l-hut informa lill-ispettur li l-hut mehuda u qallu "*mela issa ha nibaghtek min-naha tad-Dipartiment tal-Pulizija qabbdu kuntrattur privat lil ta' Sway, dawk li hemm ta' Qali, biex igib makkinarju trailer u crane kbir peress li l-pulizija m'ghandhomx dak il-makkinanrji, biex il-lanca tittella' l-art. Il-lanca ttellghet dejjem fil-prezenza tieghi u tas-sur Michael Borg. Tellghajniha l-art, gibt pulizija tat-traffiku u skortawha lejn Ta' Candia. Jiena mbaghad l-ghada geghluni biex inkellem lill-Ispettur min-naha tal-Economic Crimes biex sar inventarju tad-dghajsa fil-prezenza tas-sur Borg u ttiehdu dawn ir-ritratti, dejjem fil-prezenza tas-sur Michael Borg, ta' dak kollu li elevajna u x'kien fiha l-lanca.'*

B'referenza ghal fol 145 sa 147 qal li kitibhom il-kuntistabbli s-798 fil-prezennza tieghu. B'referennza ghal fol 146 qal li ffirma hu u gharaf il-firma tieghu. Kitibha l-kuntistabbli 798 Anthony Camilleri fil-prezenza tieghu u tas-sur Michael Borg. Kull ma nkieteb dejjem zammu maghhom u qatt ma telghu wahedhom fuq il-lanca. B'referenza ghal fol 145 qal li mar fejn l-Ispettur is-Sur Abdilla, qallu li kienu ghamlu l-inventarju, kellem lis-sur Borg u hareg kopja tal-ircevuti. Huwa gharaf il-firma tieghu u qal li ghandu kopja bhalha ezatt li tahielu dak il-hin stess. Huwa esebixxa ritratti li hadhom hu personalment. Qal li ghandhom camera tar-ritratti tal-pulizija tal-ALE, juzawha ghal xoghol iehor differenti. Kien talab lill-Ispettur tieghu biex jaghtihielu u qallu peress li ha jmorru jaghmel intervenarju, ikunu jistghu jiffotografawha u zvilluppahom fid-Dipartiment tal-Fotografija id-depot. Dawn gew esebiti bhala Dok. AG1. Huwa prezenta l-okkorrenza esebita u mmarkata bhala Dok AG2, l-ircevuta tal-ispejjez tal-crane li d-dipartiment taghhom kien hallas mahruga fuq il-Kummissarju tal-Pulizija. Xehed kienu ghaddew kopja lill-Maggur tal-garaxx biex ihallas lil kuntrattur u x-xhud kien zamm kopja ghalih.

**PC 1138 Andrei Spiteri** xehed li fil-hdax (11) ta' Lulju tas-sena l-ohra kien patrol mal-kollega tieghu PC 1443 u f'xi t-tlieta ta' filghodu l-control room infurmathom biex jekk jiltaqgghu ma' vann abjad bil-kaxxa bin-numru ta' registrazzjoni HQZ-083, iwaqfuh u 'nissercjawh'. Ghal habta tat-tlieta u kwarta, iltaqghu mal-vann fejn it-tunnels ta' Santa Venea u waqqfuh u sabu lix-xufier li kien jismu Anthony Cremona u lil passiggier li kien mieghu Shannon Cauchi. Staqsew lix-xufier minn fejn kienu gejjin u qalilhom li kienu gejjin mix-xoghol u meta staqsewhom x'ghandhom fil-kaxxa fuq wara qalilhom li ma kienx jaf x'fiha. Nizzluh mill-vetura u qalulu biex jiftah il-bieba tal-vann u ma riedx jiftaha, qalilhom "*jekk tridu ifthuha intom*". Wasal is-surgent PS 524 u l-kollega tieghu 837 u gew hemmhekk u fethu l-bieba tal-vann u sabu xi kaxxi u kollox ippakjat insomma. Kif fethu l-kaxxi sabu xi sigaretti u affarijiet ohra mremblin fi-garbage bags. Infurmaw lill-Ispettur Nicky Vella minn tal-iskwadra taghhom stess u infurmahom biex jarrestawhom dak il-hin fuq il-post. Arrestawhom u tawhom id-drittijiet taghhom. Huwa gharaf lil Anthony Cremona u Shannon. Il-vettura kellha n-numru ta' registrazzjoni HQZ -083.

Fl-istess seduta xehed il-**Maggur 524 Paul Cassar** li qal li dak iz-zmien kien stazzjonat l-RIU. Fil-hdax (11) ta' Lulju tas-sena li ghaddiet ghal habta tat-tlieta' ta' filghodu talbuh mill-Control Room biex iwaqfu vettura tat-tip Toyota Dyna HQZ083 li dak il-hin kienet ghaddejja minn regional road. Din giet imwaqqfa mill-kuntistabblijiet 1138 U 1143 ezatt qabel tidhol it-tunnel ta' taht Santa Venera. Staqsew lix-xufier li wara saru jafu li hu s-Sur Anthony Cremona ID 238771 li huwa gharaf fl-awla u staqsewh x'inhu jaghmel u qalilhom li gejjin mix-xoghol. Wasal ix-xhud u talbuh jiftah il-vann. Qalilhom '*jekk tridu ifthu intom.*' Dak il-hin talbuh il-partiklaritajiet tieghu pero' ma riedx jaghtihlom dak il-hin. Mieghu kien hemm is-sur Shannon Cauchi bin-numru tal-karta tal-identita 388989M li wkoll gharaf fl-awla. X'hin fethu l-vann, kien hemm ammont ta' kaxxi maghlquin go boroz suwed tal-plastic. Meta ccekjaw fihom kien hemm xi pakketti ts-sigaretti f'kull kaxxa. Kull kaxxa kienet milija bil-pakketti tas-sigaretti. Kien sar il-hin u gew tas-shift ta' wara li

jibdluhom imma huma baqghu maghhom. Liz-zewg persuni s-Sur cauchi u s-sur Cremona tawhom it-twissija skont il-ligi li kienu jinstabu taht arrest.

**PS 659 Geoffrey Hughes** xehed fis-seduta tal-ghaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) li qal li ezamina diversi kaxxi u boroz tal-plastik ghall-izvillup tal-impronti digitali. Kien hemm total ta' mija u wahda (101) kaxxi u mija u sebgha u sebghin (17) il-borza. Dawn ezaminahom u gew zvillupati diversi impronti. Huwa prezenta r-relazjoni tieghu flimkien mar-ritratti relattivi li jirrigwardaw dawn l-impronti kif ukoll dawn il-kaxxi u l-bororz kollha prezentahm fl-'*exhibites room cell number eleven* (11)'. Sab lis-Sur Adrian Micallef hemmhekk ghax hass li biex itellahom kien jiehu spazju kbir tal-Qorti. Xehed li ghandu karta li ffirma. Id-dokument hu ddokumentahom kollha globalment bhala Dok. 13BXBGH1. Xehed li '*dan qed nitkellmu fuq sejba ta' sigaretti gewwa vettura bin-numru ta' registrazjoni HQZ-083 gewwa Triq Regjonali, Santa Venera fl-ghaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013).*' Dakinhar ghal habta ta nofsinhar gie infurmat mis-Surgent 186 Christian Mintoff li jahdem bhala Scene of Crime Officer li kien hemm bzonn l-assistenza tieghu rigward xi ezamijiet ta' impronti fuq xi oggeti li gew misjuba fl-istess vettura. Din il-vettura kienet fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Fuq il-vettura kien hemm il-kliem FX Garage. Din idahlet fil-garage tal-Laboratorju Forensiku fejn beda x-xoghol. Kien hemm diversi persuni prezenti waqt dan ix-xoghol u kien hemm ukoll persuna li ma kienx pulizija li kien prezenti Anthony Cremona li huwa gharaf fl-awla.

Gewwa l-kaxxa tal-vettura dawn il-kaxxi kienu ovvjament kollha ssigilati gewwa boroz kbar ta' lewn iswed. Flimkien bl-ghajnuna ta' wiehed mis-Scene of the Crime officers 1392 Kevin Buhagiar li ukoll huwa scene of the crime officer bdew jinhargu l-kontenut ta' dawn il-boroz. Li nista' nghid il-kwantita' tal-boroz li kien hemm kull kaxxa kien fiha forsi mhux dejjem l-istess gieli tlieta (3) gieli erba' (4) boroz. Imbaghad li gara u l-kontenut jigifieri s-sigaretti marru f'idejn il-Pulizija l-ohra li kellhom ovvjament ix-xoghol relatat maghhom u hu ha l-kaxxi vojta flimkien mal-boroz kollha biex jezaminawhom ghall-impronti digitali. Kien process twil hafna ghax ha diversi granet minhabba x-xoghol kbir li kien hemm fuqhom. Hu prezennta

r-relazzjoni tieghu. Bhala impront kien hemm diversi mpronti. Xehed li qeghdin kollha minn F17 ritratti sa F36 kollha dokumentati.

Huwa ma qabbilx l-impronti izda kemm zviluppahom, qal umbaghad tara l-Qorti min. Ma jaghmilx comparisons hu. Hu ma gharafx lil Anthony Cremona fl-awla peress li ghadda z-zmien. Ma ghandux il-karta tal-identita', qal li jaf li kien hemm ukoll prezenti s-Sur Abdilla, Surgent 780 u l-Kuntistabbli nisa numru 127, 306, 23, Kuntistabbli rgiel 737, 1086 u 467. Jghid li tant kemm kien hemm xoghol li kemm ha l-persuni li kien hemm hemmhekk. Induna li ma kienx Pulizija u ha ismu, jghid li forsi naqas li ma hax in-numru tal-karta tal-identita' imma kien iktar iffukat fuq l-esebiti biex jippreservahom.

Skont dokument immarkat bhala Dok JH 2 u datat l-ghaxra (10) ta' lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) hemm iddikjarat minn PS659 Jeffrey hughes li dahhal ic-cella numru hdax (11) tal-kamra tal-esebiti l-QQorti dsatax (19) il-dokument immarkati bhala dok. 13 BXB JH1. Dawn jikkonsistu minn 101 kaxxi tas-siggaretti vojta u 177 boroz, kollha vojta. Prezenteti kien hemm is-Sur Adrian Micallef li jiehu hsieb l-esebit tal-Qorti.

Fis-seduta tal-ghaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) xehdet **Graziella Buttigieg** ghan-nom tal-Kontrollur tad-Dwana li qalet li ghamlu *evaluation* ta' dawn is-sigaretti. Il-valur taghhom jammonta ghal disgha u tletin elf, tmien mija u tlieta u disghin ewro u ghoxrin centezmu (€39,893.20) imma mbaghad hemm involuti d-duty, tax u l-exiles taghhom. Il-valur ta' kull pakkett huwa tmienja u hamsin (58) centezmu li jiehduh minn database li hi xi haga uniformi li meta jinqabdu sigaretti dejjem huwa l-istes prezz. Hi prezentat rapport ossia valuation sheet immarkata bhala Dok. GB1 li hi u l-kollega taghha ffirmaw id-dokument.

L-**Agent Supretendent Ramon Mercieca** xehed fl-ghaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) li dahlet informazzjoni gewwa l-ALE li kien hemm possibilta' li xi daghjsa tas-sajd kienet se ddahhal jew xi sigaretti jew xi affarijiet ohra b'mod klandestin. Tkellmet mal-Kummissarju tal-Pulizija dak iz-zmien. Kienu kkoordinaw, ftehem ukoll mal-Ispettur Nezren Grixti li kien qed jiehu hsieb it-taqsima tal-RIU u kienu ghamlu operazzjoni biex jinzlu fuq il-bahar halli jkunu jistghu jintercettaw possibilment lil din id-daghjsa. L-informazzjoni kienu ukoll li d-dghajsa kien jisimha Blue Dolphin I b'numru ta' registrazzjoni MFA 8053. Kienu nizlu fuq il-bahar ghal habta ta' l-ghaxra ta' filghaxija u gibdu lejn in-naha ta' fuq ta' Malta u kienu bdew jaghmlu patrols hemmhekk halli jaraw jekk jintercettawx din id-dghajsa. Giet intercettat,a hin minnhom rawha diehla lejn in-naha tax-Xemxija fejn il-post maghruf bhala tal-fekruna. Din id-dghajsa intlemhet hemmhekk marbuta mal-moll li kien hemm. Fejn din id-dghajsa kien hemm vann iehor fl-art u kien hemm giex (2) persuni fl-art kif ukoll giex (2) persuni fuq id-dghajsa dak dejjem li setgha jara hu. Innota moviment minn fuq id-dghajsa ghal fuq l-art li kienu '*qed jippassjaw xi haga lil xulxin minn fuq id-daghjsa ghal fuq l-art.*' Kif dahlu iktar vicin gewwa maghhom, xi hadd minn fuq l-art innutahom, instemghet tisfira, instemghet bieba tinghalaq, in-nies li kien hemm fuq l-art dahlu fuq il-vann u n-nies li kien hemm fuq id-dghajsa dahlu fuq id-dghajsa. Xi hadd saq d-daghjsa u d-daghjsa nqalghet minn fejn kienet qieghda marbuta. Il-vann kien abjad kellu dwal kbar fuq in-naha ta' fuq homor li facilment setgha jkompli jsegwih b'ghajnejh kif beda jitlaq minn hemmhekk.

In-naha tax-Xemxija u l-Fekruna tela' it-telgha, niezel, baqa jarah isegwih b'ghajnejh l-van isuq b'velocita dejjem bdiet izzid minhabba d-dwal li kellu kien kbir abjad u beda jirrifletti d-dawl tal-qamar fuqu jigifieri kien vizibbli sew. Mexa lejn il-bajja tax-Xemxija, wasal fejn ir-roundbout ta' fejn hemm tal-Olympics, minn hemmhekk qabad il-bypass u baqa' sejjer lil hemmhekk. Jghid li '*Ahna mbaghad komplejna ghamilna, abbordjajna d-daghjsa li kienet qeghda tista*' *tinqaghla li minn fuqha nhattu dawn l-affarijiet li jien ma kontx ghadni naf x'inhuma. Tlajna fuqhom u rega*' *gie eskortat lura, irbatnih fuq il-moll fejn kien qieghed u saret tfittxija. Nghid li dakinhar kien hemm fuq din id-daghjsa Blue Dolphin 1 kien hemm is-Sur Michael Borg*' li gharaf fl-awla. In-nies l-ohra qatt ma rahom f'hajtu u qatt ma ghamel kuntatt maghhom. Mieghu ukoll kien hemm persuna ta' nazzjonalita' Indonesjana. Meta staqsew lis-Sur Borg fuqu qal li kien

membru mill-ekwipagg irregistrat fuq id-dghajsa. Kienu gew ivverifikati l-karti tieghu u kien instab li kien vera, ma jafx x'gara iktar minn din il-persuna. Telghu fuq id-dghajsa u ghamlu tfitxxija biex jaraw jekk hemmx iktar affarijiet. Min fejn isuq huwa minn fejn kellu l-kmand tad-daghjsa nqalghet qisha bicca skomparament u taht dan l-iskomparatment kien hem giex (2) pakketti tas-sigaretti tad-ditta Business Royal Red. Kien pakket abjad u kellu emblema hamra. Jghid li ma jafx x'instab fil-vann ghax qatt ma ghamel laqghet min kien qed isuqu ma jaf xejn iktar izda wara gie infurmat li dawn iz-zewg (2) pakketti sigaretti li nstabu kienu tal-istess *team* u ditta u marka ta' dawk is-sigaretti li nstabu fil-vann.

Sussegwentement fuq ir-radio bdew jikkordinaw mal-RIU u taghhom ezatt li kien vann kbir abjad u mill-boghod setghu jaraw li kellu xi kitba ta' xi haga tal-kiri jekk mhux sejjer zball ta' xi FX Garage u dan il-vann minn fuq ir-radio sema li gie intercettat jekk mhux sejra zball minn PS 691 Juan Mula Debono l-inhawi tal-mina ta' Santa Venera u minn hemm tkomplew iktar investigazzjonijiet. Fuq id-dghajsa kien hemm PS 1298, PC 134, PC 798, PC 1595, PC 1172 u PC 1129. Fuq id-dghajsa l-ohra kien hemm l-Ispettur Nezren Grxti, l-Ispettur Nicholas Vella u PS 306 u kien hemm xi membri ohra minn tal-RIU u tal-ALE li ma jiftakarx min kienu. Mistoqsi x'ra li kienu qeghdin jghaddu minn fuq id-dghajsa ghal fuq l-art, qal qisu kaxxi mgezwrin go garbage bags suwed biss pero' hu qatt ma fetah il-vann u qatt ma ra. Li qed jghid huwa li ra mid-distanza. Ma jafx x'jismu l-persuna ta' nazzjonalita' Indonesjana jew inkella ta' passaport Indonesjan u kellu n-numru tal-passaport W502908. Qal li jaf li wara li '*abbordjajnihom*' u tawhom is-solitu twissija beda jikkopera mal-Pulizija u beda jghidilhom xi affarijiet. Qal li izjed kompla imbaghad fuq in-naha tal-bahar biex jiehu hsieb l-ingenji taghhom ma ssirilhomx hsara.

Fis-seduta tat-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015) gie vverbaizzat li '*Ghar-rigward kwezit 2, l-ufficja prosekutur ikkonfermat li ma kienet saret ebda inkjesta mertu ta' dan il-kaz hlief li kien sar ID parade mill-Magistrat Audrey Demicoli.*'

Il-Qorti fl-istess seduta innominat lil Joseph Mallia bhala espert tal-impronti digitali biex jeleva l-impronti digitali tal-imputat u jaghmel l-ezami komparattiv ma dawn elevati minn PS J. Hughes a fol 120 tal-process.

Fis-seduta tat-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015) xehed **PC 1600 Gilbert Gatt** li qal li kien xhud tar-rifjut tal-avukat tas-Sur Sharon[24] Cauchi u Anthony Cremona. Ir-rifjut gie ffirmat fl-ufficju tal-Ispettur Abdilla. B'referena ghal fol 118 gharaf il-firma tieghu, tal-Ispettur Abdilla, il-firma tal-kollega tieghu PC 896 u l-firma tal-imputat Sharon Cauchi li gharaf fl-awla. Folio 133 gharaf il-firma tieghu, tal-kollega PC 896 u l-firma tal-Ispettur Abdilla, it-tnejn li huma mehudin fl-ufficju tal-Ispettur Abdilla nhar is-sbatax (17) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax 2013. Huwa gharaf lil Anthony Cremona fl-awla.

Xehed **Joseph Mallia** fis-seduta tad-dsatax (19) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015) li qal li bin-nomina li kellu fis-seduta tat-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015) ha l-finger print u l-palm print ta' Shannon Cauchi, Anthony Cremona, Paul Anthony Pisani u Michael Borg. Jghid li jonqsu ta' Robert Agius ghax illum mhuwiex prezenti. Bhala esebiti qal li kien gie mghoddi l-esebiti li ha jsir il-*comparisons* maghhom minghand ir-registratur tal-awla.

**PS 186 Kristian Mintoff** xehed fl-istess seduta li fil-hdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) kien ikkuntatjah l-Ispettur Nezrin Grixti sabiex jacccedi ghall-moll ta' taht tal-fekruna fil-limiti tax-Xemxija. Kien mar hemmhekk flimkien ma' PS 1392 Kevin Buhagiar. Kien hemm lanca irmiggjata mal-moll, xi pulizija u kien hemm zewg persuni pajzana, wiehed minnhom ta' nazzjonalita Indonesjana, il-kollega tieghu li kien gibed xi ritratti tal-lanca u kien gie mghoddi xi oggetti ezattament mill-Ispettur Nezrin Grixti li taghhom ukoll kien ha r-ritratti l-kollega tieghi. Wara dan kienu marru fit-triq regjonali f'Santa Venera fejn hemmhekk kien twaqqaf van bin-numru ta' registrazzjoni HQZ 083 mill-pulizija tal-RIU. Hemmhekk kienu fethuh u kienu nstabu xi pakketti tas-sigaretti, xi kaxxi tas-sigaretti. Wara dan, il-vann kien ittiehed fil-kwartieri generali tal-pulizija u l-ghada filghodu kienet saret tfittxija f'dan

[24] It-traskrizzjoni taqra 'Sharon' mhux 'Shannon'

il-vann, kien hemm xi membri tal-pulizija prezenti kif ukoll PS 659 Jeffrey Hughes li jaghmel ezamijiet, dan kien eleva xi plastic li kienu mgezwrin fih dawn il-pakketti flimkien ma xi kartun u kien prezenti waqt din l-operazzjoni. Iktar tard kien ghadda l-oggetti msemmija jigifieri dan it-tnax (12) -il oggett li kien ghaddielu l-Ispettur Grixti lill-Ispettur Yvonne Farrugia biex ikunu jistghu jsiru l-investigazzjonijet u kien ghaddielha submission form bid-deskrizzjoni ta' dawn it-tnax (12) -il oggett. Huwa prezenta kopja taghha flimkien ma dan kollu bil-miktutb bil-hiinijiet u l-postijiet li mar. Dan ghamlu bhala police work. Dan gie esebit u mmarkat bhala Dok KM1.

**PS 1355 Duncan Schembri** xehed fid-dsatax (19) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015) u qal li fl-elfejn u tlettax (2013) kien stazzjonat il-frodi. Kien assista lill-Ispettur Ian Abdilla kemm ha statement ta' Michael Borg. B'referenza ghal fol 134, huwa kien xhud ta' *statement* tat-tnax (12) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013). Huwa gharaf il-firem tieghu, tal-Ispettur Ian Abdilla u l-individwu li gharaf fl-awla.

Fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015) xehed **Raymond Caruana** ghan-nom tad-Dipartiment tal-Fisheries li esebixxa kopja tal-licenzja tal-bastiment Blue Dolphin I li hi ta' Michael Borg li giet esebita bhala Dok. RC 1. Esebixxa wkoll zewg (2) dokumenti ta' vouchers tal-hut li nbiegh il-Pixxkerija esebit u mmarkat bhala Dok. RC 2.

**Omar Farrugia** ghan-nom tal-Fisheries xehed fl-istess seduta u qal li ghandu l-ispezzjoni li mexxa hu u l-kollega tieghu Dione Zahra fil-hdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013). Xehed li ghal habta tat-tlieta ta' wara nofs inhar (15:00hrs), gew mgharrfa li l-bastiment Blue Dolphin 1, MFA 8053, kien jinsab gewwa l-Fekruna. Abbord fuqu kellu tnax (12)-il pixxispad. Ta' fuqhom qalulhom biex jinzlu jaghmlu spezzjoni rigward il-hut. Marru fuq il-moll tal-Fekruna, sabu l-bastiment flimkien mal-kaptan Michael Borg, raw il-hut u rrizulta li hut minnu kien bla ras. Qal li dak mhux suppost ghax suppost li jiddahhal shih. Kellu tnax (12)-il pixispad, kavalli bhala hut imma dak jintuza bhala liska. Jghid li l-qabda l-pixxispad biss ikun. Il-hut

li kien bla ras kien il-pixxispad. Kellu l-irkaptu wkoll abbord, ikkonfiskaw il-hut u mbghad gie mibjugh b'irkant il-Pixxkeija u kkonfiskaw l-irkaptu. Ma kellux x'jaqsam mal-bejgh tal-hut. Huwa esebixa l-ispezzjoni li ghamlu bhala Dok. OF1. Ma kellux id-daqsijiet tal-hut ghax dak in-nhar ma setghux jiznuhom u jghid li mill-bejgh tal-hut jista' jkun hemm xi pizijiet.

Fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju tas-sena elfejn u hmistax (2015) xehed **Joseph Mallia** li qal li fid-dsatax (19) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015) gie awtorizzat jiehu l-fingerprints u l-palm prints ta' Anthony Cremona, Paul Pisani, Shannon Cauchi u Michael Borg. Is-Sur Robert Agius ma' kienx attenda ghal dik is-seduta pero' mbghad fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Meju tas-sena elfejn u hmistax (2015) kien ha l-fingerprints ta' Robert Agius ukoll. Kien gie awtorizzat ukoll li jirtira mill-process id-Dokument JH li huwa rapport ta' PS 659 Jeffrey Hughes li jinsab a fol 420 sa fol 450 fejn fih kien hemm ritratti ta' impronti digitali li huma zvilupati permezz tal-kimika. Spjega li gie inkarigat mill-Qorti biex jaghmel ezami komparattiv bejn dawn l-impronti u dawk tal-imputati. Esebixxa r-rapport bhala Dok JM 1 u irritorna d-dokumenti kollha li kien gie awtorizzat jirtira. Xehed li bhala konkluzzjonijiet kien hemm impronti tajbin ghal fini ta' komparzjoni, ohrajn li ma kienux. Kien hemm impronta wahda li kienet dokumentata SG1013BAB li kienet taqbel perfttament ghalhekk hija identika u giet maghmula mis-subgha l-kbir tal-id ix-xellugija ta' Michael Borg detentur tal-karta tal-identita numru 98875(M). L-impronti l-ohra ma kienu jaqblu ma ta' hadd. Dawn ma kienux tajbin ghal fini ta' komparazzjoni u ma setghux jigu komparati.

Fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elfejn u hmistax (201) gie esebit process verbal relattiv ghal ID parade.

**PS 1184 Patrick Grech** xehed fl-istess seduta u prezenta r-relazzjoni tieghu rgward ID parade gewwa c-CID nhar is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) li gie esebit bhala Dok PG1.

Fl-istess seduta xehed l-**Ispettur Victor Aquilina** li esebixxa sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali appell[25] mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-disgha (9) ta' Mejju tas-sena elfejn u hdax (2011) fl-ismijiet Pulizija vs Shannon Cauchi u Dylan Cauchi. Huwa gharaf lil Shannon Cauchi u kkonferma li hu l-istess persuna li investiga u ressaq il-Qorti. Din giet esebita bhala dokument VA1.

Wara li l-Ewwel Qorti fis-seduta ta' nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) ordnat li '*B'referenza ghat-talba tal-Prosekuzzjoni, qieghda tordna l-iffrizar tal-assi tal-imputati skont l-Artikolu 23A tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 5 tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalldaqstant qieghda tordna lir-Registratur sabiex jaghmel ir-ricerki necessarji u jipprepara rapport tal-istess assis tal-imputati u jaghmel id-debita publikazjoni fil-gaetta tal-gvern skont l-Artikolu 23 D tal-Kapitolu 9 filwaqt li tawtorizzah li jaghmel tali ricerki anke permezz ta' posta elettronika.*' Fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) xehed **Dr John Seychell Navarro** li xehed li qiegghed jesebixx rapport ta' Anthony Cremona konsistenti f'zewg volumi bhala Dok JSN1, rapport ta' Robert Agius ukoll konsistenti f'zewg volumi esebit bhala Dok JSN2, it-tielet rapport huwa ta' Paul Anthony Pisani wkoll zewg volumi u mmarkat bhala Dok JSN3, ir-raba' rapport huwa ta' Shannon Cauchi b'zewg volumi u mmarkat bhala Dok JSN4 u l-hames u l-ahhar raport huwa tas-Sur Michael Borg u mmarkat bhala Dok JSN5.

Fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed **Dione Zahra** li qal li f'Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) kien jahdem il-fisheries bhala Spettur. Jghid li ma jiftakarx l-imputati. Jiftakar li kienu baghtuh jigbor xi hut minn naha tal-Fekruna, ix-Xemxija u li hu kien mal-kollega tieghu Omar Farrugia. B'referenza ghal fol 148 qal li hi *confiscaiton sheet* li kienu kkonfiskaw hut min fuq il-bastiment u ikkkonferma l-firma tieghu. Jghid li l-bastiment jismu Blue Dolphin 1 MFA 8053, bhala hut ma jiftakarx bl-amment. Jghid li kitbu hu flimkien mal-kollega tieghu u li hemm il-firma tieghu tal-kollega tieghu Omar Farrugia. Kien hemm is-sajjied prezenti. Mistoqsi min hu wiegeb '*Hawnekk is-sur Borg ma niftakarx ezatt min kien imma jiena kont hemmekk gifieri hu ffirma dan ilu xi sentejn issa.*' Mistoqsi jafx id-dghajsa

[25] Deciza fl-erbatax (14) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hdax (2011)

Blue Dolphin lil min tghajjat jghid li normalment il-procedura kienet li jitolbu dejjem is-sid tal-bastiment jaghtihom id-dettalji huwa. Jassumi li l-persuna li kienet hemmhekk kienet tikkorespondi suppost mal-log bok li jkun is-sid tal-bastiment. Mistoqsi jekk jassumi jew hi proedura wiegeb '*Procedura, niccekjawha.*' Il-hut kien pixxispad u kavalli. Kien hemm xi pixxispad li kien bla ras u minghalih kien hem xi pixxispad li '*kien under minimum size*'. Mistoqsi ghamilx xi referenza fl-ircevuta, xehed li jista' jkun li ghamel referenxa fl-inspetion sheet. Mistoqsi kif suppost ikun il-pixxispad qal li '*L-ewwel haga il-bastiment irid ikollu licenzja biex ikun jista' jistad ghal pixxispad, issa, mbaghad barra minn hekk hemm proceduri ohrajn li hu jrid javza li jkun hiereg, li diehel, lid-Dipatiment. Barra minn hekk il-pixxispad irid ikun inqabad fuq l-irkaptu ovjament li huwa addattat ghal-pixxispad, igifieri perezempju s-sunnara ma tkunx inqas minn seventy (70) millimetres, l-pixxispad li jinqabad irid ikun ta' certu qies jew piz.*' Mistoqsi jiftakarx il-piz, jghid li fi spazju ta' sentejn il-ligijiet inbidlu. Jghid '*Allura ma niftakarx bl-amment bejn 13, 14 u l-15 kienu nbidlu naqra l-affarijiet, ma niftakarx ezatt dak il-perjodu, imma fuq l-inspection suppost hemm miktub fejn ikun qieghed. Perezempju ahna konna 90 centimentres bhala tul l-pixxispad, igifieri once li jikkwalifika 90 centimitres huwa kwalifikat, pero mbaghad kien hemm proceduraf fejn inti applika 10% tal-catch imma naf zgur li between dawk is-snin kienet inbidlet, ma baqghatx 10% ezattament.*' Jghid li l-fatt li l-pixxispad dahal bla ras u ta' certu piz vera baxx jindika li kontra l-ligi. B'referenza ghal fol 576 qal li dik hija l-*insepction module 3*, fit-tieni pagna hemm *SWO* tfisser swordfish. Xehed li '*Tnax il-huta, imbaghad hawn miktub li tlieta minnhom under 10 metres, sorry, ghandek li hawn tliet pixxispad u disgha minnhom minghajr irjus.*' Id-dokument inkieteb minnu flimkein mal-kollega tieghu. Jghid li hemm disa' (9) pixxispad mingajr irjus li gew ikkonsifkati kemm il-gear kif ukoll id-dghajsa minn naha tal-ispettur. Il-piz ma kienux haduh dak iz-zmien u hemm ritratti li ttiehdu dakinhar li hadhom hu u l-kollega tieghu. Il-hut haduh huma l-pixkerija u dahluh fil-freezer tal-pixkerija. Hemm firma tieghu, tal-kollega tieghu u tas-sajjied li skont id-dettalji Michael Borg. Hu ma jaghrafx lil Michael Borg.

Fis-seduta tal-hamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed l-**Ispettur Nicholas Vella** li qal li fil-hdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) fiz-zmien

li kien stazzjonat ir-Rapid Intervention Unit fejn fuq struzzjonijiet li kellhom minn ta' fuqhom kellhom jintercettaw dghajsa bl-isem ta' Blue Dolphin. Wara lejla li pruvaw jintercetttaw din i-dghajsa ghal habta tat-tlieta ta' filghodu (3:00am) raw din id-dghajsa trakkata mal-moll tal-Fekruna fil-limiti tax-Xemxija. Hu kien fuq wiehed mid-dinghys fuq il-bahar tal-ALE. Xehed li minn fuq il-bahar setghu jaraw kaxex suwed kbar qed jithottew minn fuq id-dghajsa u jigu mghobbija go vann abjad kbir. Dak il-hin talbu l-assistenza minn units tal-mobile dak iz-zmien tal-RIU minn fuq l-art izda sakemm waslet din l-assistenza dawn il-kaxxi lahqu nizlu kollha minn fuq id-dghajsa u telghu gewwa dan il-vann. Peress li dawn il-kaxxi thottew u tghabbew fil-vann u raw li seta' jitlaq id-dghajsa, sakru lil din id-dghajsa u raw l-vann jitlaq. Kien hemm persuni minn taghhom li telghu fuq id-dghajsa u ghamlu search meta hu baqa fuq id-dinghy u baqa' jsegwi l-vann lejn liema direzzjoni kien sejjer u jaghti struzzjonijiet lil tal-mobile lejn fejn kien sejjer. Dan il-vann rah ghaddej mit-triq tal-bajja tax-Xemxija lejn ir-roundabout tal-gnien fejn hemm il-mafkar Olimpiku u baqghu jaraw dan il-vann u kien jintaghraf peress li kien van kbir kaxxa bajda u kellu zewg bozoz homor mas-saqaf peress li huwa vann kummercjali kbir. Wara dawn l-istruzzjonijiet kienu qed jistennew risposta lura mill-units tal-mobile jekk dan il-vann giex intraccat jew le u baqghu ma din id-dghajsa fejn wara li waqqfu id-dghajsa giet trakkata mal-moll fejn gie mitkellem minn kien qieghed isuqha dan kien irrizulta li kien certu Michael Borg li kellu n-numru tal-karta tal-identita' 98875M li gharaf fl-awla u kien hemm persuna ohrra barranija li ma ghandux id-dettalji taghha. Wara ftit minuti ircieva informazzjoni li twaqqaf vann vicin it-tunnels ta' santa Venera. Mar mat-*team* li kellu fuq il-post ghax kien hemm involuti dak iz-zmien zewg spetturi ohra li hadu wkoll parti minn naha taghhom u hu mar fejn il-mini ta' Santa Venera fejn sab il-units tal-mobile li kienu waqfu vann bin-numru HQZ 083 u kien hemm zewg persuni mizmumin. Staqsa dawk il-persuni min kienu u zamm nota tal-ID cards taghhom u ismijiet, wiehed kien Anthony Cremona detentur tal-kara tal-identita' 238771M li gharaf fl-awla u Shannon Cauchi bin-numru tal-karta tal-identita' 388989M li gharaf fl-awla ukoll. Kompla jixhed li x'hin waslu hemmhekk fethu l-kaxxa ta' wara tal-vann fejn ikkonermaw dak li setgha jara hu l-kaxxi s-suwed kienu qeghdin fuq wara tal-vann u meta fethu wahda mill-kaxxi ikkonfermaw li go fiha kien hemm sigaretti. Meta ikkonfermaw, hu minn hemm ta'

struzzjonijiet li jerga' jinghalaq il-vann u dan il-vann gie skortat lejn id-depot tal-pulizija fejn gie ipparkjat fis-CID yard. Ikkonferma li huma fethu kaxxa wahda mill-kaxxi kbar umbghad tefghu kollox kif kien. Spjega li l-kaxxa ma fethuhiex biex jghoddu izda ikkonfermaw li kien hemm sigaretti fiha. Mistoqsi jekk mill-pozizzjoni li kienu fuqha fuq id-dghajsa setghax jaghraf lil xi hadd wiegeb '*Mela, li naghraf bil-wicc ma stajtx. Biss, il-vann nikkonferma li huwa ezatt bhalu.*' Jigifieri bhal dak li gie mwaqqaf. Mistoqsi sussegwentement x'sar mid-dghajsa qal li jaf li kienet trakkata hemmhekk, qalghu pulizija *fixed point* biex imur maghha mill-Ghassa l-Qawra pero' imbaghad ma kienx involut fil-movimenti tad-dghajsa.

Fis-seduta tal-hamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed **PS 1392 Kevin Buhagiar** li qal li fil-hdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) gie rikjest mill-Ispettur Yvonne Farrugia dwar sigaretti presubilment illegali li kienu qed jinhattu gewwa l-Fekruna limiti tax-Xemxija. Mar fuq il-post jigifieri l-Fekruna fejn gibed xi ritratti tad-dghajsa fuq il-post. Imbaghad acceda hdejt il-mini ta' Santa Venera fejn gibed ritratti ta' vann bil-kaxxa fejn issigilla ukoll u gab ritatti tas-sigilli u gibed ritratti ohra d-depot waqt li kien qieghed jinfetah il-vann u x'kien hemm, il-kontenut tieghu. Huwa prezenta faxikolu fotografiku immarkat bhala Dok KB1 kontenenti hamsa u hamsin (55) ritratt. Ikkonferma li dan kien police work.

Xehed ukoll **Michael Savona** ghan-nom ta' Transport Malta fl-istess seduta li qal li huwa Assistent Registratur tal-Bastimenti Merkantili. Xehed li gew mitluba '*naghtu tunnellagg tal-bastiment Blue Dolphin I, u fuq liema proprjeta' lil min jaqra kl-bastiment.*' huwa esebixxa transcript of register tad-dghajsa li xehed li hemm id-dettalji mitluba mill-Qorti. Il-Blue Dolphin I tghajjat lil Michael Borg bin-numru tal-karta tal-identita' 0098875M ta' 26, Triq Salvatore Imbroll, Paola. It-tonnage tal-vapur huwa 5.49 tonnes. Id-dokument gie esebit u mmarkat bhala dokument MS1.

Fl-istess seduta xehed ukoll **PC 837 Daniel Zammit** li qal li fil-hdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) kien qieghed xoghol ma' PS 524 ta' bil-lejl, kienu *night*

*watch* u gew infurmati mill-control room ghal habta tat-tlieta ta' filghodu (3:00am) biex ifittxu vann tal-marka Toyota Dyna li x'aktarx kien qieghed Regional Road direzzjoni lejn Santa Venera, li dan il-van aktarx kellu kaxxi tas-sigaretti tal-kuntrabandu. Ghal habta tat-tlieta u kwart (3.15) kien hemm karozza ohra minn taghhom li lemhu dan il-vann ftit qabel il-mini ta' Santa Venera, kienu PC 1138 u PC 1143 u ghalhekk marru biex jassistu. Kienu ghal habta tat-tlieta u kwart (3:15) x'hin marru u nnutaw li kien hemm zewg persuni fil-vann u milli jidher ix-xufier ma riedx jikkopera mal-pulizija li kien hemm fuq il-post, ma riedx jaghtihom dettalji u ma riedx jiftah il-kaxxa ta' wara u l-passigier ikkopera u taghhom mill-ewwel id-dettalji tieghu. Qal li dan kien waqt li kien hemmhekk, xehed li anke s-surgent stess jigifieri PS 524 talbu d-dettalji taghhom it-tnejn. Il-passigier tahomlu mill-ewwel imma x-xufier baqa' ma jriedx jaghti d-dettalji. Huwa indika lil Anthony Cremona u lil Shanon Cauchi fl-awla. Sussegwentement infetah dan il-vann minn-naha ta' wara, gew innutati l-kaxxi u li kienu qeghdin go boroz suwed u saret anke tfittxija fil-kabina tal-vann imma rrizulta fin-negattiv. Saret referenza ghal faxxikolu mmarkat bhala dokument KB1, ir-ritratti tal-ahhar minn dokument 13BXB133 u kkonferma li dan hu l-van fir-ritratt ta' isfel, gharaf il-pjanci ukoll u r-ritratti bil-kaxxi tas-sigaretti. Sussegwentement is-surgent talab lill-Ispettur Nicholas Vella halli jaraw x'se jsir minn dawn iz-zewg persuni, inghataw it-twissija skont i-ligi li ha jigu mizmuma u peress li kien qed isir l-hin, nghataw handover lil pulizija li gew tal-first wacth u komplew minn hemmhekk.

Xehed ukoll **Mario Galea** fis-seduta tal-hamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) li qal li huwa manager fl-Enforcement Unit d-dwana. Fil-hdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) kien senior inspector l-Enforcement Unit. Qal li kien ha sigaretti minghand l-Ispettur Abdilla kif ukoll il-vettura haduha id-dwana minghand il-pulizija. Is-sigaretti ghadhom fil-pusess tad-Dwana mentri l-vettura giet rilaxxata lis-Sur Francis Xuereb ID 324951M tal-FX Garage. B'referenza ghal faxxiklu KB1 u ritratti minn BXB133 il-quddiem qal li qed jaghraf il-vettura li hija l-istess wahda li ha minghand il-pulizija li ghandha l-istess numru. Qal li l-kontenut ma rahx hekk hu. Gharaf li s-sigaretti huma Royals li huwa parti mill-konsenja.

Fis-seduta tat-tmienja (8) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) xehed **John Camilleri** in kontro-ezami. Meta xehed f'Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) kien ikkonferma l-*letter to prosecute* u l-firma tal-kontrollur tad-Dwana. B'referenza ghal letter to prosecute a fol 85 u mmarkata bhala Dok JC1 fejn mid-dipartiment ikkalkulaw id-dazzju t'importazzjoni u dazzju tas-sisa. Spjega li hu ma jkollu xejn x'jaqsam mal-komputazzjonijiet[26], ma ghamilhomx hu izda xehed bhala rapprezentant tad-Dwana. Bhala workings ma jaf xejn. Jghid li hu ma wasalx ghal ammomt, ma ghamilx komputazzjonijiet[27]. Qal li hu ma jistax jispjega kif inhadmu u kif wasau ghal figuri. In ri-ezami qal li meta kien jahdem fl-ufficju legali il-komputazzjonijiet ma kinux parti minn xoghlu. Huma kienu johorgu *letters to prosecute*, jiffirmaha l-kontrollur tad-Dwana umbghad jipprezentawhom. Hu kkonferma dan u l-firma tal-kontrollur ta-dwana.

Ikkunsidrat;

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi fl-ghaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) il-Korp tal-Pulizija ircieva informazzjoni li fis-sieghat li kien imiss setgha ikun hemm kuntrabandu ta' sigaretti li kellhom jiddahhlu Malta permezz tal-bahar;

2. Illi gew infurmati diversi skwadri tal-Pulizija fosthom tar-Rapid Intervention Unit (RIU) u tal-ALE sabiex issir operazzjoni bl-iskop li jintercettaw din id-dghajsa;

3. Kellhom informazzjoni li l-persuni suspettati f'dan il-kaz setghu kienu qed jaghmlu uzu minn vann tat-tip Toyota li kellu n-numru ta' registrazzjoni HQZ 083;

4. Id-dghajjes tal-ALE b'membri tar-RIU fuqhom kienu osservaw id-dghajsa Blue Dolphin I fil-vicinanzi ta' Kemmuna gejja minn Ghawdex u qasmet Kemmuna u sussegwentement bdew isegwu d-dghajsa li kienet osservata diehla taht il-Fekruna fil-limiti ta' San Pawl il-Bahar taht ix-Xemxija;

[26] It-taskrizzjoni taqra 'kompetazzjnijiet'
[27] It-taskrizzjoni taqra 'kompetazzjnijiet'

6. Xhieda ossia Pulizija li xehdu fil-proceduri qalu li minn fuq il-bahar setghu jaraw vann mal-moll fejn gew mhottija kaxxi minn fuq id-dghajsa ghal fuq il-moll u li ssusgewentement wara tisfira, il-vann saq.

7. Fuq id-dghajsa Blue Dolphin I kien hemm il-kaptan Michael Borg u Kusnovo, Indonesjan li gew arrestati. Fost affarijiet ohra, instabu zewg pakketti sigaretti uhut inkluz pixxispad, b'uhud minn dawn il-pixxispad minghajr ras;

8. Sussegwentement, twaqqaf vann kwazi hdejn it-tunnels ta' Santa Venera li fih kien hemm Anthony Cremona u Shannon Cauchi. F'dan il-vann instabu numru ta' kaxxi li l-prosekuzzjoni tghid li kienu jikkontjenu sigaretti. Dawn il-persuni gew arrestati;

9. Permezz ta' identification parade li sehh fis-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) Kusnodo identifika lil Paul Pisani u lil Robert Agius;

10. Illi fil-hmistax (15) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) instabu erba' (4) grossos sigaretti fuq id-dghajsa in kwistjoni;

11. Illi sussegwentement inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-hames (5) imputati u l-Ewwel Qorti sabet htija f'Michael Borg, Anthony Cremona u Shannon Cauchi filwaqt li lliberat lil Paul Anthony Pisani u lil Robert Agius.

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant Michael Borg titratta l-inammissibilita' tal-istqarrija tal-imputati kollha. Skont ma jirrizulta mill-atti, Michael Borg irilaxxa zewg stqarrijiet. Wahda rilaxxata nhar it-tnax (12) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) kif jidher fid-dokument immarkat bhala Doc 1A13 a fol 134 et sequitur u ohra rilaxxata fis-sbatax (17) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) kif jirrizulta minn Doc IA30 a fol 149 et squitur. Fuq iz-zewg stqarrijiet tirrizulta t-twissija:

*'M'intix obligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq titkellem, imma dak li tghid jista' jingieb bhala prova. Inti ghandek il-jedd, jekk inti titlob, li qabel ma ssirlek xi interrogazzjni, tithalla kemm jista jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc im' wicc jew bit-telefon ghal mhux aktar minn siegha zmien. Inti qieghed tigi mgharraf ukoll li jekk inti tezercita d-dritt li tikkonsulta l-avukat jew prokuratur legali kif spjegat aktar 'l fuq u waqt l-interrogatorju inti ma tkunx trid tghid xejn jew tonqos milli ssemmi xi fatt, jekk ikun il-kaz li l-quddiem jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tieghek, il-Qorti jew il-gudikant jistghu jaslu ghal regola ta' inferenza li tammonta ghal prova korraborattiva, jekk matul il-process inti tessaq xi difiza li tkun ibbazata fuq xi fatt li ma tkunx semmejt matul l-interrogazzjoni. Finalment qieghed tigi nfurmat ukoll li jekk ikun hemm kawzi ragonevoli, jista' jigi awtorizzat li t-twettiq ta' l-ezercizzju tal-jedd tieghek ghal parir legali jigi mdewwem ghal mhux aktar minn 36 siegha kif sipulat fl-Artikoli 355AT/355AU tal-Kodici Kriminali.'*

L-appellant Michael Borg skont folio 138 u 151 kien irrifjuta d-dritt li jikkonsulta Avukat jew Prokuratur Legali qabel ma gie interrogat mill-pulizija u dan skont ma jirrizulta fiz-zewg dikjarazzjonijiet datati l-hdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) u s-sbatax (17) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013). Filwaqt li l-appellat kien iffirma l-ewwel stqarrija, huwa ma kienx iffirma t-tieni wahda. Fiz-zmien li ttiehdu l-istqarriji, l-appellant ma kellux dritt li jkollu Avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija izda kellu dritt li jikkonsulta ma' konsulent legali qabel jigi interrogat. Miz-zmien tar-rilaxx tal-istqarrija sal-lum il-gurnata saru diversi tibdiliet sostanzjali f'dak li jirrigwarda d-drittijiet ta' suspettati u akkuzati '*at pre-trial stage*', tant li llum il-gurnata wara zvilluppi gurisprudenzjali, suspettati u akkuzati ghandhom dritt ikunu assistiti minn Avukat minn stadju bikri tal-proceduri u dan inkluz id-dritt li l-Avukat tal-ghazla taghhom jkun prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija.

Din il-Qorti sejra tibda billi taghmel referenza ghal sentenzi moghtija ricentement, fosthom is-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet '**Mario Borg vs Malta**'[28] fejn gie ikkunsidrat li:

*'56. Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have*

[28] Deciza fit-12 ta' Jannar, 2016 u reza finali fit-12 ta' April 2016 (Application no. 37537/13)

*particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies (see Salduz v. Turkey [GC], no. 36391/02, § 54, ECHR 2008).*

*57. The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see Salduz, cited above, § 55).*

*58. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6 (ibid., § 56).*

*(ii) Application to the present case*

*59. The Court observes that the post-Salduz case-law referred to by the Government (paragraph 53 in fine) does not concern situations where the lack of legal assistance at the pre-trial stage stemmed either from a lack of legal provisions allowing for such assistance or from an explicit ban in domestic law.*

*60. The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56; Navone and Others v. Monaco, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85, 24 October 2013; Brusco v. France, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and Stojkovic v. France and Belgium, no. 25303/08, §§ 51-57, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October*

*2009; Yeşilkaya v. Turkey, no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazli Kaya v. Turkey, no. 24820/05, 17 September 2013).*

*61. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see Salduz, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).*

*62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56).*

*63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Ir-Repubblika ta' Malta v. Martino Aiello'**[29] gie kkunsidrat:

*'Ghandu jinghad li t-trattazzjoni tal-partijiet marret oltre l- meritu tas-sentenzi hawn fuq imsemmija li jirrigwardaw li fis-sistema taghna qabel l-ghaxra ta' Frar, 2010 il-persuna ndagata jew akkuzata ma kellha ebda dritt li tkellem lill-avukat ta' l- ghazla taghha. Dan ghaliex l-istqarrija li giet rilaxxata minn Martino Aiello ggib id-data tad- 19 ta' Ottubru, 2014 u dak in-nhar Martino Aiello rrifjuta li jkellem avukat ta' fiducja tieghu.*

*Illi l-avukati tar-rikorrenti qajmu l-punt li Martino Aiello ma kellhux avukat prezenti mieghu meta hu rrilaxxa l-istqarrija tieghu fid-19 ta' Ottubru, 2014. It-tratazzjoni tal-partijiet kien dwar dan il-punt.*

*Illi dan il-punt gie finalment deciz mill-legislatur bil-promulgazzjoni ta' l-Att numru LI ta'*

[29] Sentenza preliminari deciza mill-Qorti Kriminali nhar id-9 ta' Mejju, 2017 (Att ta' Akkuza numru 13/2015)

*l- 2016. Dan l-att gie operattiv fit-28 ta' Novembru, 2016 permezz ta' l-A.L. 401 ta' l-2016.*

*Illi l-artikolu li hu rilevanti ghall-ezercizzju in ezami hu l-artikolu 355AUA li jaghti id-dritt ta' access ghal avukat fi proceduri kriminali.*

*Illi t-tezi tar-rikorrenti hi semplici u lineari. Meta giet rilaxxata l-istqarrija dik il-persuna ma kellhiex id-dritt tal-prezenza ta' l-avukat. Il-konkluzjoni allura hi li tali stqarrija ghandha tkun inammissibli.*

*Illi t-tezi tal-Avukat Generali hi daqstant lineari. Ir-rikorrenti gie moghti d-dritt li jikkonsulta avukat ta' fiducja tieghu. Hu rrifjuta tali dritt, ma kkonsulta lil hadd u liberament u volontarjament irrilaxxa l-istqarrija hawn fuq imsemmija.*

*Illi din il-Qorti josserva li s-sentenza Borg v. Malta (hawn fuq citata) ma kinitx biss jitkellem fuq id-dritt li wiehed ikollu l-jedd li jikkonsulta ma avukat qabel tigi rilaxxat stqarrija. Dik is-sdentenza tghid illi f'kull stadju ta' l-investigazzjoni l-persuna susspettata jew akkuzata jrid ikollha d-dritt ta' l-avukat. Kien ghalhekk li gie promulgat l-Att numru LI ta' l-2016.*

*Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-istess principji li gew applikati fis-sentnezi hawn fuq imsemmija ghandhom japplikaw f'dan il-kaz ukoll. Dan ifisser li anki jekk r-rikorrenti rrifjuta d-dritt li jikkonsulta avukat ma jfissirx li hu kien ser jirrifjuta l-prezenza ta' avukat fl- istess kamra ta' l-interrogatorju, tenut kont tal-fatt li l-artikolu fuq citat isemmi li l-avukat prezenti ghall-interrogatorju "...jippartecipa b'mod effettiv fl-interrogazzjoni...". Kif wiehed jista' japprezza din hi sitwazzjoni kompletament differenti. Logikament, ma tistax tipenalizza persuna li ghamel ghazla fuq parametri kompletament differenti minn dawk li huma in vigore llum.*

*Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tilqa l-eccezzjoni tar-rikorrenti. Tiddikjara l-istqarrija tad-19 ta' Ottubru, 2014 rilaxxat mir-rikorrenti bhala nammissibbli. Tali stqarrija ma tistax tigi prodotta waqt il-guri jew kopja taghha moghtija lill-gurati.'*

Din is-sentenza kienet giet appellata fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali[30] ikkunsidrat u ddeciediet is-segwenti:

*'18. Ghalhekk, il-kwistjoni sollevata fl-eccezzjoni tal-akkuzat appellat, arginata kif inhi*

[30] Deciza fit-9 ta' April, 2018 (Att ta' Akkuza Numru 13/2015)

*esklussivament fuq id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 6(1) u (3) tal- Konvenzjoni Ewropea dwar Drittijiet tal-Bniedem (u l-artikolu korrispondenti tal-Kostituzzjoni, l-artikolu 39(1)(6)) hi wahda li, minkejja dak sottomess mill- appellat waqt it-trattazzjoni, taqa' biex tigi regolata skont l-artikolu 46(3) tal- Kostituzzjoni u l-artikolu 4(3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, li jipprovdu li l-Qorti li quddiemha tqum il-kwistjoni ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili kemm-il darba fil-fehma taghha t-tqanqil tal- kwistjoni ma tkunx semplicement frivola jew vessatorja. Il-kwistjoni sollevata fl-eccezzjoni tal-akkuzat appellat, ghalhekk, ma tistax tigi deciza a priori minn din il-Qorti, u lanqas setghet tigi hekk deciza mill-Qorti Kriminali qabilha.*

*19. Illi gjaldarba l-kwistjoni imqanqla la hija wahda frivola u lanqas vessatorja, din il-Qorti, wara li rat l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(3) tal- Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tibghat lil-Prim'Awla tal-Qorti Civili, l- kwistjoni dwar* ***jekk bl-uzu fil-guri kontra l-akkuzat appellat Martino Aiello tal- istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija fid-19 ta' Ottubru 2014 jigix lez id-dritt tal-istess Martino Aiello ghal smigh xieraq sancit bl-artikolu 39(1)(3) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1)(3) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad- Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.***

*20. Tiddiferixxi dan l-appell sine die sakemm tigi deciza definittivament il- kwistjoni fuq riferita.*'

Ir-referenza Kostituzzjonali[31] ghada sal-lum il-gurnata mhijiex deciza.

Fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) kontra Aldo Pistella</u>**'[32] fejn fost numru ta' kunsiderazzjonijiet, gie kkunsidrat li:

'*Riferibbilment ghall-kaz in ezami, jirrizulta illi Aldo Pistella nghata dritt li jkellem lill-avukat ta` ghazla tieghu qabel irrilaxxja l-istqarrija lill-Ispettur Malcolm Bondin. L-ispettur koncernat ikkonferma li hekk kien il-kaz, kemm meta xehed fil-kors ta` dan il-procediment, kif*

[31] Fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta Vs Aiello Martino' pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) bir-referenza 38/2018.
[32] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) nhar is-27 ta' Gunju, 2017 (Refereza Kostituzzjonali Numru: 104/16JZM).

*ukoll meta xehed fil-kawza kriminali. In partikolari, fis-seduta tal-kawza kriminali tal-20 ta` Ottubru 2014 stqarr illi :-*

*"Minn hemm hekk komplejna bl-investigazzjonijiet mas-sur Aldo Pistella fejn jien tajtu d-drittijiet tieghu u fejn tajtu d-dritt tal-parir legali fejn xtaq li jkellem avukat u fil-fatt kien tkellem ma` l-avukat tieghu Dr Sarah Sultana personalment, kien tkellem l-ghada filghodu fejn kienet giet tkellmu gewwa l-kwartieri tal-Pulizija. Wara li ha l- parir legali kont komplejt bl-investigazzjonijiet mieghu...." (ara fol 19 u 20 tal-process kriminali).*

*Mill-istqarrija rrizulta wkoll illi Pistella kkonferma li fehem it-twissija moghtija lilu mill-pulizija u li kien kellem lil avukat tieghu qabel ma rrilaxxja l- istqarrija. Insibu a fol 29 :*

*"M: Fhimtha t-twissija li ghadni kif tajtek?*

*T: Iva.*

*M: Tikkonferma li kellimt lil avukat tieghek Dr Sara Sultana u gejt moghti dokument bid-drittijiet kollha tieghek bil-lingwa taljana?*

*T: Iva."*

*Madanakollu rrizulta wkoll illi Pistella ma kienx assistit mill-avukat ta` ghazla tieghu waqt it-tehid tal-istqarrija. Gara hekk ghaliex fiz-zmien meta Pistella kien qed jigi nvestigat, ma kienx hemm dritt li min kien qed jigi nvestigat jitlob li jkun assistit minn konsulent legali waqt it-tehid ta` l- istqarrija.*

*Din hija propju l-kwistjoni mertu tar-referenza kostituzzjonali odjerna, ossija jekk il-kaz ta` persuna li ma jkollhiex assistenza legali fl-istadju meta tkun giet arrestata u interrogata jikkostitwix ksur tal-jedd ghal smigh xieraq kif tutelat bl-Art 6 tal-Konvenzjoni.*

*Il-Qorti hadet nota tal-fatt li Aldo Pistella ddikjara li talab l-assistenza ta` avukat izda dak l-avukat ma kienx prezenti waqt l-interrogatorju.*

*Irrizulta wkoll mix-xiehda tal-Ispettur Bondin fil-proceduri kriminali illi waqt li kien qed jaghti l-istqarrija, Pistella kkopera izda kellu problema bejn li ried jikxef il-persuni involuti u bejn li ma riedx ; ghalhekk kien rega` nsista li jkellem lill-konsulent legali izda din it-talba kienet michuda.*

*L-ispettur xehed hekk a fol 25 :-*

*"Is-sinjur ikkopera maghna bis-shih. Il-problema li kellu s-sinjur qisu bejn jixtieq jikkopera mal-pulizija u jghid verament min huma nvoluti n-nies u minn ghand min kien qed jixtri u jassistina f dawk l- affarijiet u bejn qed jibza` minn dawn l-affarijiet. Ghax f hin minnhom xtaq li jghinna u f hin minnhom rega` talab biex jitkellem fil-fatt ma` l-avukat, ghidtlu li ma jistax."*

*Ghal din il-Qorti, il-fatt li persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l- interrogazzjoni jwassal ghal sitwazzjoni fejn l-uzu ta` l-istqarrija mehuda minghajr l-assistenza legali tammonta ghal lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq tal-imputat skont l-Art 6 tal-Konvenzjoni.*

*Din il-Qorti tqis li ghall-kaz odjern ghandha tapplika l- gurisprudenza l-aktar ricenti tal-ECHR u tal-qrati taghna fejn inghad kjarament li d-dritt ta` l-applikant jigi rrimedjabbilment ippregudikat meta hu jirrilaxxa stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni meta ma kienx assistit minn avukat u in segwitu dawk l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu. '*

Dik il-Qorti ddeciediet li:

*'Fil-fehma ta` din il-Qorti, il-fatt li persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt l-istess interrogazzjoni talbet li terga` tkellem lill-avukat u tali talba giet michuda, iwassal ghal sitwazzjoni fejn id- dritt ta` dik il-persuna, fil-kaz tal-lum Aldo Pistella, kien irrimedjabbilment ippregudikat stante illi huwa rrilaxxja stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni meta ma kienx assistit minn avukat u in segwitu dawk l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu.*

*Issa rrizulta wkoll illi l-kawza kriminali ghadha pendenti.*

***Ghalkemm il-qorti ta` gurisdizzjoni kriminali eventwalment taghti decizjoni fil-mertu wara li jkun inghalaq il-gbir tal-provi, tenut kont tal- konsiderazzjonijiet kollha premessi, m`ghandux ikun illi l-kawza kriminali titkompla bl-istqarrija ta` Aldo Pistella lill-Ispettur Malcolm Bondin tkun taghmel prova ladarba rrizulta li waqt it-tehid tal- istqarrija ma kienx prezenti l-avukat ta` Aldo Pistella.***

***Del resto l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija t-tnejn sostnew illi l-kaz tal-pulizija kontra Aldo Pistella mhuwiex fondat biss fuq l-istqarrija ta` l-akkuzat***

***izda fuq provi ohra wkoll.***

***Ghalkemm jibqa` l-principju li procediment gudizzjarju ghandu jitqies fit-totalita` tieghu sabiex jigi determinat kienx hemm ksur tal- jedd ghal smigh xieraq, tibqa` l-konsiderazzjoni li m`ghandu jsir ebda uzu mill-istqarrija ta` Aldo Pistella fil-process kriminali sabiex meta jintemm il-process kriminali, ma jkunx mittiefes b`irregolaritajiet.***'

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Christopher Bartolo (KI 390981M) VS Avukat Generali Kummissarju tal-Pulizija'</u>**[33], il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) kienet ikkunsidrat li:

*'Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, l-intimati jargumentaw illi l-ilment tar- rikorrent fil-meritu huwa nfondat peress illi huwa kien inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni, u filfatt kien ezercita dan id-dritt, u illi s- sentenza citati minnu fir-rikors promotur ma huma ta' l-ebda sostenn ghal l-ilment tar-rikorrent peress illi dawn jipprospettaw sitwazzjoni fejn l-interrogat ma thalliex ikellem avukat qabel ma ttehdulu l-istqarrija.*

*Il-Qorti rat pero illi l-ilment tar-rikorrent fir-rikors promotur tieghu m'huwiex illi ma thalliex jikkonsulta ma' avukat qabel ma ttehdietlu l-istqarrija (hlief fir-rigward tat-tieni wahda), izda proprju illi l-assistant legali tieghu ma kienx prezenti* ***waqt*** *it- tehid tal-istqarrija, kif jidher per ezempju minn paragrafu 8 u 13 tar-rikors promotur.* ***M'huwiex ikkontestat illi r-rikorrent ma giex interrogat fil-presenza tal-avukat tieghu, anke ghaliex wara kollox, f'dak iz-zmien il-ligi stess ma kienitx tippermetti dan.***

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Panovits v. Cyprus*** *deciza mill-Qorti ta' Strasbourg fl-11 ta' Dicembru 2008 intqal illi: "...the Court observes that the concept of fairness enshrined in Article 6 requires that the accused be given the benefit of the assistance of a lawyer already at the initial stages of police interrogation.* ***The lack of legal assistance <u>during an applicant's interrogation</u> would constitute a restriction of his defence rights in the absence of compelling reasons that do not prejudice the overall fairness of the***

[33] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) nhar it-23 ta' Novembru, 2017 (Rikors Numru: 92/2016 JPG)

***proceedings."***

*Fuq l-istess linja ta' hsieb, fis-sentenza fl-ismijiet* ***Dayanan v. Turkey*** *deciza mill- Qorti ta' Strasbourg fit-13 ta' Ottubru 2009 u citata fir-rikors promour tar-rikorrent:*

*"In accordance with the generally recognised international norms, which the Court accepts and which form the framework for its case- law,* ***an accused person is entitled, as soon as he or she is taken into custody, to be assisted by a lawyer, and not only while being questioned*** *(for the relevant international legal materials see Salduz, cited above, §§ 37-44). Indeed, the fairness of proceedings requires that an accused be able to obtain the whole range of services specifically associated with legal assistance. In this regard, counsel has to be able to secure without restriction the fundamental aspects of that person's defence: discussion of the case, organisation of the defence, collection of evidence favourable to the accused, preparation for questioning, support of an accused in distress and checking of the conditions of detention."*

*Il-fatt illi l-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg evolviet sussegwentement ghas- sentenza ta'* ***Salduz*** *b'mod illi l-interpretazzjoni tad-dritt ghal smiegh mill-Qorti bdiet tikkonsidra li huwa necessarju li l-arrestat jithalla jkollu l-assistenza ta' avukat waqt l-interogattorju hija kkonfermata bl-aktar mod car fis-sentenza fl- ismijiet* ***Brusco v. France*** *deciza fl-14 ta' Ottubru 2010, fejn il-Qorti ta' Strasbourg ibbazat il-konkluzjoni taghha mhux biss fuq l-fatt illi Brusco ma thalliex ikellem avukat qabel ma gie interrogat izda anke ghaliex ma kellux access ghal avukat waqt l-ewwel interogazzjoni tieghu u l-interogazzjonijiet l-ohra kollha ta' wara dik, u dan a kuntrarju ta' dak li jezigi l-Artikolu 6:*

*"L'avocat n'a donc été en mesure ni de l'informer sur son droit à garder le silence et de ne pas s'auto-incriminer avant son premier interrogatoire ni de l'assister lors de cette déposition et lors de celles qui suivirent, comme l'exige l'article 6 de la Convention."*

*Konferma terga aktar cara ta' dan, tinsab fis-sentenza fl-ismijiet* ***Navone and others v. Monaco*** *deciza mill-Qorti ta' Strasbourg fl-24 ta' Ottubru 2013, fejn il- Qorti ikkonkludiet illi l-ligi ta' Monaco, li kienet tippermetti biss konsultazzjoni ma' avukat qabel l-interrogatorju, u ma kienitx tippermetti illi l-avukat ikun prezenti waqt l-interogazzjoni[34],*

[34] Bhas-sistema Maltija f'dak iz-zmien. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tnejn (2) fis-sentenza citata)

***kienet leziva tad-dritt ta' smiegh xieraq***:

*"Or, en l'espèce, nul ne conteste qu'à l'époque des faits, le droit monégasque ne permettait pas aux personnes gardées à vue de bénéficier d'une assistance d'un avocat pendant les interrogatoires : une telle assistance était donc automatiquement exclue en raison des dispositions légales pertinentes. La Cour relève en effet que le droit interne ne prévoyait qu'une consultation avec un avocat au début de la garde à vue ou de la prolongation de celle-ci, pendant une heure maximum, l'avocat étant en tout état de cause exclu des interrogatoires dans tous les cas.*

*(...)*

*Par conséquent, la Cour ne peut que constater que les requérants ont été automatiquement privés de l'assistance d'un conseil au sens de l'article 6 lors de leur garde à vue, la loi en vigueur à l'époque pertinente faisant obstacle à leur présence durant les interrogatories."*

*Il-Qorti rat ukoll illi anke l-Qrati ordinarji Maltin diga bdew jesprimu d-dubbji taghhom rigward jekk, il-ligi, kif kienet dak iz-zmien, kienetx tiggarantixxi adegwatament d-dritt ta' smiegh xieraq konsiderat illi ma kienetx tippermetti illi suspettat jkollu assistenza legali waqt l-interrogatorju, u dan kif jidher fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-6 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spetur Jesmond J. Borg) vs Jason Cortis** fejn intqal illi:*

***"...jista' jkun hemm lok ghal-dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw d-dritt ghall-assistenza legali moghti lill- arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif ezistenti llum taht il-ligi taghna, huwa ristrett ghal siegha qabel l-interoggatorju u b'hekk jeskludi l-jedd tal-presenza tal-avukat waqt l-istess interrogatorju.*** *F'dak l-istadju l-arrestat huwa soggett ghal mistoqsijiet diretti u suggestivi bir-risposti taghhom, anke jekk jghazel li ma jwegibx, bit- traskrizzjoni tieghu tkun eventwalment esebita fil-proceduri kontrih fejn ikun meqjus innocenti sakemm pruvat mod iehor."*

*Huwa car ghalhekk illi skont il-gurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasbourg, hekk kif zviluppat u evolviet sussegwentement ghas-sentenza ta' Salduz, il- garanzija u protezzjoni*

*ta' smiegh xieraq tirikjedi illi l-arrestat jinghata l-possibilita li jkollu mieghu avukat tal-fiducja tieghu waqt, u mhux biss qabel, l-interogazzjoni. Ghalhekk jidher illi l-argument tal-intimati illi dan l-ilment tar-rikorrent huwa nfondat ghaliex kienet inghata l-possibilita li jkellem avukat qabel l-ewwel interrogatorju huwa nsostenibbli ghaliex mill-gurisprudenza appena citata, jidher car illi l-arrestat ghandu jinghata l-possibilita li jkollu avukat prezenti waqt l- interogazzjoni.*

*M'huwiex kontestat, illi fiz-zmien in kwistjoni* ***kien hemm restrizzjoni sistematika*** *li kienet timpedixxi lill-arrestat milli jkollu avukat tal-fiducja tieghu prezenti waqt l-interrogazzjoni. M'huwiex ikkontestat ukoll illi r-rikorrent ma thalliex ikollu avukat prezenti waqt l-ewwel interogazzjoni, u illi ma inghatax access ghall-avukat tieghu qabel jew waqt it-tieni interogazzjoni. Dan il-fatt wahdu, skont il-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, huwa bizzejjed biex tinstab lezjoni tad-dritt ta' smiegh xieraq.*

*Il-Qorti pero ma tistghax ma tirrilevax illi dan huwa kaz gravi u partikolari, fejn ir- rikorrent huwa afflitt minn marda serja u terminali, tant li fi zmien tal- interogazzjoni kien ikollu jaghmel sitt sieghat dialysis, fi granet alternattivi u filfatt kien gie arrestat hekk kif kien ghadu hareg minn sitt sieghat dialysis. Il-Qorti tinsab mhassba mmens illi l-pulizija ma zammew ebda record tal-kondizzjoni ta' sahha tar-rikorrent, b'mod illi ma jistghux jikkonfermaw jekk kienux taw cans lir- rikorrent jiekol u jixrob bejn sitt sieghat dialysis u l-interogazzjoni tieghu jew le, skont kif qed jallega r-rikorrent. Il-Qorti tfakkar illi sakemm ir-rikorrent kien fil- kustodja tal-pulizija, il-pulizija kienet responsabbli ghal sahhtu u ghalhekk kellha tara li jkollha informazzjoni sufficjenti dwar il-kondizzjoni medika tar-rikorrent sabiex tigi salvagwardjata sahhtu u li r-rikorrent ma jithalliex bil-guh u bil-ghatx wara sitt sieghat dialysis.*

*Il-Qorti hija tal-fehma illi mill-provi prodotti rrizulta l-kondizzjoni medika tar- rikorrent, li kienet tikkawzalu ugiegh kbir, ansjeta u depressjoni, dana kollu jirrendi r-rikorrent persuna vulnerabbli, specjalment ikkonsidrat illi l-ewwel interogazzjoni segwit sitt sieghat dialysis. Barra minn hekk, skont it-testimonjanza mhux kontradetta tal-psikologu Nicholas Briffa, a fol 128 – 129, ir-rikorrent huwa persuna suxxettibbli, u reza vulnerabbli minhabba l-kondizzjoni medika u d- depressjoni li minnha kien jbaghti. Di piu' l-fatt illi r-rikorrent ma kellu l-ebda esperjenza ta' interrogatorju, tirrendih aktar vulnerabbli.*

*Il-Qorti rat ukoll illi l-intimati ma ressqu l-ebda prova li kien hemm xi ragunijiet impellanti -*

*"compelling reasons" - sabiex ir-rikorrent ma jithalliex ikollu avukat prezenti waqt l-interogazzjonijiet tieghu. Ghalhekk, ikkonsidrat li dak iz-zmien kien hemm restrizzjoni sistematika ghad-dritt ta' assistenza legali waqt l-interrogazzjoni, l-effetti ta' liema kienu aggravati f'dan il-kaz minhabba l-vulnerabbilita tar- rikorrent, u galadarba l-intimati ma ressqu l-ebda prova li kien hemm ragunijet serji u mpellenti li jistghu jiggustifikaw ir-restrizzjoni tad-dritt ta' assistenza legali sofferta mir-rikorrent, il-Qorti tikkonkludi illi l-ilment tar-rikorrent illi d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq gie lez, huwa fondat.*

*Ghalhekk, il-Qorti tiddikjara illi r-rikorrent sofra lezjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq minhabba restrizzjoni mhux gustifikata ghad-dritt tieghu ta' access ghal avukat.'*

L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija appellaw din is-sentenza, fejn il-Qorti[35] fost numru ta' kunsiderazzjonijiet, ikkunsidrat:

*'35. Fil-kaz odjern jirrizulta car li fl-istqarrijiet tieghu r-rikorrent, minkejja li qabel ma irrilaxxja l-ewwel stqarrija, l-avukat tieghu kien tah il-parir li f'dak l-istadju ma jghid xejn lill-pulizija, huwa xorta wahda iddecieda li jirrispondi ghad-domandi waqt l-interrogazzjoni, bir-rizutlat li stqarr certu fatti inkriminanti ghalih in kwantu ammetta li kien jixtri l-blokkok tal-cannabis, kemm ghall-konsum personali tieghu kif ukoll sabiex ibiegh lil terzi. Fil-fatt stqarr li kien ibiegh minnha lill-barranin li kienu Ghawdex. B'dan il-mod huwa kien ammetta li kien jittraffika dik id-droga. L-istess ammissjoni kienet giet ripetuta fit-tieni stqarrija fejn ir-rikorrent amplifika wkoll dwar minn ghand min kien jixtri d-droga.*

*36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil- proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l- kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir- rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal- proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill- Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil- kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li*

[35] Sentenza fl-ismijiet 'Christopher Bartolo v. (1) Avukat Generali; u (2) Kummissarju tal-Pulizija' deciza mill-Qorti Kostituzzjonali nhar il-5 ta' Ottubru, 2018 (Rikors numru 92/16 JPG)

*tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*

*37. Fid-dawl tal-premess it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad- dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id- dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali'*

Il-Qorti Kostituzzjonali kienet laqghet limitatamentl-appell tal-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija...', you instead state the following: 'Kienet laqghet l-appell tal-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija, irrevokat is-sentenza appellata u minflok, laqghet l-eccezzjoi tal-intimati in kwantu l-proceduri odjerni huma intempestivi, u ordnat, minfok, li biex ma jsehhx ksur tad-drittijiet tar-rikorrent ma jsirx aktar uzu miz-zewg stqarrijiet rilaxati mir-rikorrent fil-proceduri kriminali..'Din is-sentenza tikkonferma li stqarrijiet rilaxxati minghajr il-prezenza tal-Avukat ma ghandhomx ikunu ammissibli fil-proceduri kriminali.

Fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija Spettur Dennis Theuma Spettur Spiridione Zammit Vs Claire Farrugia</u>**[36]' gie kkunsidrat li:

*'Il-kliem uzati f'dik it-twissija hija 'int ghazilt li ma tixtieqx tikkonsulta jew tigi assistit', ma jirrizultax jekk il-kliem 'tigi assistit' jirreferix ghal qabel l-istqarrija jew matul. Madankollu tenut kont tal-fatt li l-ligi fiz-zmien li l-appellanta ghamlet iz-zewg stqarrijiet ma kinitx tiprovdi d-dritt li tkun assistita waqt it-tehid tal-istqarrija jikkonferma li l-kliem 'tigi assistit' f'dik it-twissija qieghed jirreferi ghal qabel l-ghoti tal-istqarrija. Din il-Qorti tikkunsidra wkoll li l-fatt li l-appellanta irrifjutat id-dritt li tikkonsulta ma Avukat qabel l-istqarrija kif kellha kull dritt li taghmel, ma jfissirx li hi kienet ser tirrifjuta li tkun assistita matul l-interrogazzjonijiet li kieku kellha d- dritt. Ghalhekk din il-Qorti, kuntrarjament ghal dak li stqar l-Avukat Generali fin- nota tieghu ma tistax tintepreta' r-rinunzja tal-appellanta milli tikkonsulta ma' Avukat qabel it-tehid tal-istqarrija bhala rinunzja tacita ghad-dritt li jkun hemm prezenza ta' Avukat waqt it-tehid tal-istqarrijiet u dan stante li fiz-zmien tat-tehid tal-istqarrijiet, il-ligi ma kinitx tipprovdi ghal dan id-dritt u ghalhekk l-appellanta ma kellha l-*

[36] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Novembru, 2018 (Appell Numru: 259/2018)

*ebda ghazla x'taghmel rigwardanti l-prezenza o meno ta' Avukat waqt l- interrogatorju.*

*Tenut kont ta' dan, din il-Qorti sabiex ma jigux lezi d-drittijiet tal-appellanta sejra tiskarta iz-zewg stqarrijiet maghmulha mill-appellanta u tiddikjarahom inammissibli.'*

Illi d-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal- libertà fl-artikolu 3 tiprovdi:

***'Id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali***

*1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni suspettati u akkużati jkollhom id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat f'ħin u b'mod li l-persuni konċernati jkunu jistgħu jeżerċitaw d- drittijiet tagħhom ta' difiża b'mod prattiku u b'mod effettiv.*

*2. Il-persuni suspettati jew akkużati għandu jkollhom aċċess għas-servizzi ta' avukat mingħajr dewmien żejjed. Fi kwalunkwe każ, il-persuni suspettati jew akkużati għandu jkollhom id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat mill-mument l-aktar qrib minn dawn li ġejjin:*

*(a) qabel ma jiġu interrogati mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew ġudizzjarja;*

*(b) mat-twettiq minn awtorità ta' investigazzjoni jew awtorità kompetenti oħra ta' att investigattivi jew att ieħor ta' ġbir ta' provi skont il-punt (c) tal-paragrafu 3;*

*(c) mingħajr dewmien żejjed wara ċ-ċaħda tal-libertà;*

*(d) fejn ġew imħarrka biex jidhru quddiem qorti li għandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, fi żmien debitu qabel ma jidhru quddiem dik il-qorti.*

*3. Id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat għandu jimplika dan li ġej:*

*(a) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuna suspettata jew akkużata jkollha d-dritt li tiltaqa' fil-privat u tikkomunika mal-avukat li jirrappreżentaha, inkluż qabel interro-*

*gazzjoni mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja;*

*(b)* ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuna suspettata jew akkużata jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jkun preżenti u jipparteċipa b'mod effettiv meta hija tiġi interrogata. Tali parteċipazzjoni għandha tkun konformi mal-proċeduri taħt il-liġi nazzjonali, dment li tali proċeduri ma jippreġudikawx l-eżerċizzju effettiv u l-essenza tad-dritt konċernat. Fejn avukat jipparteċipa matul interrogazzjoni, il-fatt li saret tali parteċipazzjoni għandu jiġi rreġistrat bl-użu tal-proċedura ta' reġistrar f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru konċernat;***

*(c) għandhom, minn tal-inqas, ikollhom id-dritt li l-avukat tagħhom jattendi għall-avvenimenti investigattivi jew l-attita' ġbir ta' provi li ġejjin,fejn dawk l-atti huma previsti fil-liġi nazzjonali u jekk il-persuna suspettata jew akkużata hija meħtieġa jew permessa li tattendi l-att konċernat:*

*(i) ringieli ta' persuni għall-identifikazzjoni;*

*(ii) konfrontazzjonijiet;*

*(iii) rikostruzzjonijiet sperimentali tax-xena tar-reat kriminali.*

*4. L-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom li jagħmlu l-informazzjoni ġenerali disponibbli biex jagħmluha faċli għall- persuni suspettati jew akkużati li jsibu avukat.*

*Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali dwar il-preżenza obbligatorja ta' avukat, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l- arranġamenti meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni suspettati jew akkużati li jinċaħdu mil-libertà tagħhom ikunu f'pożizzjoni li jeżerċitaw b'mod effettiv id-dritt tagħhom ta' aċċess għas- servizzi ta' avukat, sakemm ma jkunux irrinunzjaw dak id- dritt f'konformità mal-Artikolu 9.*

*5. Huwa f'ċirkostanzi eċċezzjonali u biss fl-istadju ta' qabel il- kawża li l-Istati Membri jistgħu jidderogaw temporanjament mill-applikazzjoni tal-punt (c) tal-paragrafu 2 fejn id-distanza ġeografikament 'il bogħod ta' persuna suspettata jew akkużata tagħmilha impossibbli li jiġi żgurat id-dritt ta' aċċess għas- servizzi ta' avukat mingħajr dewmien żejjed wara li persuna tkun inċaħdet mil-libertà tagħha.*

*6. F'ċirkostanzi eċċezzjonali u biss fl-istadju ta' qabel il- kawża, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw temporanjament mill-applikazzjoni tad-drittijiet previsti fil-paragrafu 3 sakemm dan ikun iġġustifikat fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, abbażi ta' waħda mir-raġunijiet konvinċenti li ġejjin:*

*(a) fejn hemm ħtieġa urġenti li jkunu evitati konsegwenzi negattivi serji għall-ħajja, il-libertà jew l-integrità fiżika ta' persuna;*

*(b) fejn l-azzjoni immedjata mill-awtoritajiet investigattivi tkun essenzjali biex jiġu evitati li l-proċedimenti kriminali jiġu pperikolati b'mod sostanzjali.'* (Emfazi u sottolinear mizjud)

Fil-kaz odjern, l-appellant Michael Borg ghalkemm kien inghata d-dritt li jikkonsulta ma' Avukat jew prokuratur legali qabel l-ghoti tal-istqarrijiet, kien irrifjuta dan id-dritt. L-artikolu 9 ta' din id-Direttiva 2013/48/UE dwar ir-rinunzja jiprovdi li

*'1. Mingħajr preġudizzju għal-liġi nazzjonali li teħtieġ il- preżenza jew l-assistenza obbligatorja ta' avukat, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward ta' kwalunkwe rinunzja ta' dritt imsemmi fl-Artikoli 3 u 10:*

*(a) il-persuna suspettata jew akkużata tkun ingħatat, bil-miktub jew bil-fomm, informazzjoni ċara u suffiċjenti b'lingwaġġ sempliċi u li jinftiehem dwar il-kontenut tad-dritt konċernat u l-konsegwenzi possibbli tar-rinunzja għalih; u*

*(b) ir-rinunzja tingħata volontarjament u b'mod inekwivoku.*

*2. Ir-rinunzja, li tista' ssir bil-miktub jew bil-fomm, għandha tiġi rreġistrata, kif ukoll iċ-ċirkostanzi li fihom tkun ingħatat ir- rinunzja, bl-użu tal-proċedura ta' reġistrar f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru konċernat.*

*3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni suspettati jew akkużati jistgħu jirrevokaw ir-rinunzja sussegwentement fi kwalunkwe stadju matul il-proċedimenti kriminali u li huma jiġu infurmati b'dik il-possibbiltà. Tali revoka għandu jkollha effett mill-mument li ssir. '*

It-trasposizzjoni ta' din id-Direttiva fil-ligi ta' Malta sehhet permezz tal-Att Nru LI tal-2016[37]. Illum il-gurnata l-legislazzjoni Sussidjarja 9.24 bl-Avviz Legali 102 tal-2017 tiprovdi ghal Regolamenti dwar il-procedura waqt l-interrogazzjoni ta' persuni suspettati u persuni akkuzati. Prezentament, is-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 355AUA tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdu li:

'*(1) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt ta' aċċess għal avukat fil-ħin u b'tali mod li jħalliha teżerċita d-drittijiet ta' difiża tagħha b'mod prattiku u effettiv.*

*(2) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mingħajr ebda dewmien. Fi kwalunkwe eventwalità, il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mill-mument li sseħħ l-ewwel waħda minn dawn il-ġrajjiet:*

*(a) qabel ma tkun interrogata mill-Pulizija Eżekuttiva jew minn awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja fir-rigward tat-twettiq ta' reat kriminali;*

*(b) mat-twettiq minn awtoritajiet investigattivi jew awtoritajiet kompetenti oħra ta' xi att ta' natura investigattiva jew att ta' kollezzjoni ta' evidenza oħra skont is-subartikolu (8)(e);*

*(ċ) mingħajr ebda dewmien wara li tkun ġiet imċaħħda l-libertà;*

*(d) meta tkun ġiet imħarrka sabiex tidher quddiem qorti ligħandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, f'qasir żmien qabel ma titressaq quddiem dik il-qorti.*'

Filwaqt li l-artikolu 355AUA(8) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra:

' *Id-dritt ta' aċċess għal avukat għandu jfisser dan li ġej:*

*(a) il-persuna suspettata jew akkużata, jekk tkun għażlet li teżerċita d-dritt tagħha għall-assistenza legali, u l-avukat tagħha, għandhom ikunu infurmati bl-allegat reat li għalih il-persuna suspettata jew akkużata ser tkun interrogata. Dik l-informazzjoni għandha tingħata lill-persuna suspettata jew akkużata qabel ma tibda l-interrogazzjoni, liema ħin m'għandux ikun inqas minn siegħa qabel ma tibda l-interrogazzjoni;*

[37] Senjatament permezz tal-artikolu 355AT(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

*(b) il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li tiltaqa' u tikkomunika fil-privat mal-avukat li jirrappreżentaha, inkluż interrogazzjoni minn qabel mill-pulizija jew minn awtorità oħra ta' infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja;*

***(ċ) il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jkun preżenti u jipparteċipa b'mod effettiv fl-interrogazzjoni. Dik il-parteċipazzjoni tista' tiġi regolata skont proċeduri li l-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja jista' jistabbilixxi permezz ta' regolamenti, hekk iżda li dawk il-proċeduri ma jippreġudikawx l-eżerċizzju effettiv u l-essenza ta' dak id-dritt konċernat. Meta avukat jipparteċipa fl-interrogazzjoni, il-fatt li kien hemm dik il-parteċipazzjoni għandu jkun irreġistrat permezz tal-użu fejn, fl-opinjoni tal-intervistatur, hu possibbli ta' mezzi awdjoviżwali skont il-paragrafu (d):***

*Iżda d-dritt tal-avukat li jipparteċipa b'mod effettiv ma għandux jinftiehem bħala dritt tal-avukat li jostakola l- interrogazzjoni jew li jissuġġerixxi tweġibiet jew reazzjonijiet oħra għall-interrogazzjoni u kull mistoqsija jew rimarka oħra mill-avukat għandha, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali, issir wara li l-Pulizija Eżekuttiva jew awtorità oħra investigattiva jew awtorità ġudizzjarja jkunu ddikjaraw li ma għandhomx aktar mistoqsijiet;*

*(d) l-interrogazzjoni, it-tweġibiet kollha li jingħataw għaliha u l-proċeduri kollha relatati mal-interrogazzjoni tal-persuna suspettata jew akkużata, għandhom fejn, fl-opinjoni tal-intervistatur, hu possibbli jkunu rrekordjati b'mezzi awdjoviżwali u f'dak il-każ għandha tingħata kopja tagħhom lill-persuna suspettata jew akkużata wara li tkun intemmet l-interrogazzjoni. Kwalunkwe recording għandu jkun ammissibbli bħala prova, sakemm il-persuna suspettata jew akkużata ma tallegax u ma tagħtix prova li r-recording mhuwiex ir-recording oriġinali u li dan ġie mbagħbas. M'hemmx għalfejn issir traskrizzjoni tar-recording meta tkun użata fi proċeduri fil-qorti tal-ġustizzja ta' ġurisdizzjoni kriminali, lanqas ma hemm bżonn tal-firma tal-persuna suspettata jew akkużata f'dikjarazzjoni bil-miktub li tkun saret wara l-konklużjoni tal-interrogazzjoni ġaladarba l-mistoqsijiet u t-tweġibiet kollha, jekk hemm, ikunu ġew irrekordjati fuq mezzi awdjoviżwali;*

*(e) il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jattendi għall-atti investigattivi jew ġbir ta' evidenza jekk il-persuna suspettata jew akkużata jeħtiġilha jew ġiet permessa li tattendi għall-att konċernat:*

*(i) ringiela ta' persuni suspettati għal finijiet ta'identifikazzjoni;*

*(ii) konfrontazzjonijiet;*

*(iii) rikostruzzjonijiet tax-xena tad-delitt.*

Filwaqt li l-artikolu 355AUG tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta rigwardanti r-rinunzja jaqra:

*(1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan is-Sub-titolu li jeħtieġ il-preżenza mandatorja jew assistenza ta' avukat, fir-rigward ta' kwalunkwe rinunzja ta' dritt imsemmi fl-artikoli 355AUA u 355AUH:*

*(a) il-persuna suspettata jew akkużata għandha tingħata, verbalment jew bil-miktub, informazzjoni ċara u suffiċjenti b'lingwa sempliċi u li tinftiehem dwar il-kontenut tad-dritt ikkonċernat u l-konsegwenzi possibbli f'każ li ssir rinunzja għalih;*

*(b) ir-rinunzja għandha tingħata volontarjament u b'mod inekwivoku.*

*(2) Ir-rinunzja, li tista' ssir bil-miktub jew verbalment, għandha tkun reġistrata kif ukoll iċ-ċirkostanzi li fihom tkun saret ir-rinunzja, bl-użu ta' kwalunkwe proċedura ta' rekordjar permessa bil-liġi.*

*(3) Il-persuna suspettata jew akkużata tista' tirrevoka r-rinunzja sussegwentement fi kwalunkwe stadju waqt il-proċeduri kriminali, u għandha tkun infurmata dwar din il-possibilità. Dik ir-revoka għandu jkollha effett biss mill-mument li tkun saret.*'

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti tikkunsidra li l-fatt li l-appellant kien irrifjuta d-dritt li jikkonsulta ma' Avukat jew Prokuratur Legali qabel ir-rilaxx tal-istqarrijiet ma jistax jigi interpretat bhala rinunzja tacita ghad-dritt li l-appellant ikollu prezenti Avukat waqt it-tehid tal-istqarrija u dan stante li fiz-zmien li ttiehdu l-istqarrijiet l-appellant ma kellux il-jedd illi jaghzel jekk juzufruxxi minn dan id-dritt o meno. Ghalhekk, din il-Qorti sejra in linea mad-Direttiva 2013/48/UE u tal-izvillup gurisprudenza tiddikjara l-istqarriji tal-appellant u tal-imputati kollha bhala inammissibli u ghalhekk kwalunkwe referenza inkluz xhieda ghal kontenut ta' tali stqarrijijiet hija wkoll inammissibli. Biss

pero' taghmilha cara, li din il-Qorti ma hija bl-ebda mod tiddikjara li gew miksura d-drittijiet fundamentali tal-imputati izda qieghda sabiex tali drittijiet ma jigux lezi, tiskarta l-imsemmija stqarrijiet rilaxxati minghajr id-dritt li jkun hemm l-Avukat prezenti.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant jissottometti wkoll li l-istqarijiet gew rilaxxati qabel l-introduzzjoni tal-artikolu 534AF tal-Kodici Kriminali li gie inkorporat fil-Ligijiet penali Maltin permezz tal-Att 4 tal-2014. Jisottometti li kwalunkwe stqarrija rilaxxata mill-appellant giet rilaxxata minghajr ma kellu access ghall-evidenza materjali kollha li tinsab fil-pussess tal-Pulizija u cioe minghajr ma kellu 'disclosure' tal-evidenza gia migbura. Minkejja li huwa minnu li dan id-dritt gie introdott wara li giet rilaxxata l-istqarrija tal-imputat, l-appellant naqas milli jispjega x'informazzjoni ma kellux qabel ma gie interrogat. In oltre, mill-atti minn imkien ma jirrizulta li l-appellant kien talab sabiex tinghatalu informazzjoni u ghalhekk din is-sottomissjonijiet hija ampjament infondata u qieghda ghalhekk tigi skartata.

Ghalhekk din il-Qorti qieghda tiddikjara l-istqarrijiet rilaxxati mill-imputati bhala inammissibli mhux abbazi tas-sottomissjoni maghmulha mill-appellant rigwardanti l-artikolu 534AF tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta izda in vista li l-imputati meta irrilaxxaw l-istqarrijiet taghhom ma kellhomx id-dritt li jaghzlu jekk iridux ikunu assistiti minn Avukat matul l-interrogazzjoni. Ghalhekk sabiex ma jigux lezi id-drittijiet fundamentali tal-imputati, din il-Qorti sejra tiskarta l-istqarrijiet rilaxxati mill-imputati u kwalunkwe referenza ghalihom.

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni aggravju tal-appellant jirrigwarda l-ammissibilita' o meno tad-deposizzjoni ta' Kusnodo u l-istqarrijiiet rilaxxati mill-ko-imputati l-ohra. Illi fl-ewwel lok, in linea tal-kunsiderazzjonijiet maghmulha minn din il-Qorti dwar l-ewwel aggravju, din il-Qorti qieghda tiskarta l-istqarrijiet rilaxxati mill-imputati kollha u dan tenut kont tal-fatt li ttiehdu minghajr id-dritt tal-prezenza ta' Avukat waqt l-istqarrija.

L-appellant Michael Borg jissottometti li Kusnodo fid-deposizzjoni tieghu tas-sbatax (17) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) ikkonferma taht gurament li huwa kien komplici b'dak li kienu qeghdin jigu akkuzati bih il-ko-imputati l-ohra. B'referenza ghall-artikolu 658 u 661 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-appellant issottometta li l-pozizzjoni legali hija li jghidu x'jghidu ko-impuatati jew ko-akkuzati kontra xulxin qatt ma jista' jiswa bhala prova kontra l-ko-imputat/i jew ko-akkuzat/i iehor jew ohrajn. L-appellant jissottometti li r-regola giet interpretata u estiza mill-gurisprudenza biex anke tkopri kazijiet fejn persuni li jkunu akkuzati bl-istess reat imma fi proceduri separati ma jkunux meqjusa bhala xhieda kompetenti u producibbli kontra ko-akkuzati jew ko-imputati ohrajn, hlief meta l-process tax-xhud ikun gie deciz definittivament.

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Ir-Repubblika ta' Malta versus Domenic Zammit, Martin Zammit, Joseph Fenech, Lawrence Azzopardi u Gino Calleja'</u>**[38], gie kkunsidrat li:

'*Kwantu għal dawk ix-xhieda li qed jintalbu mill-ko-akkużati, il-ġurisprudenza, ibbażata kemm fuq il-liġi kif ukoll fuq il-buon sens, hi ċara. Persuna li tkun akkuzata, kemm bhala kompliċi kif ukoll bħala ko-awtur, bl-istess reat miġjub kontra akkużat ieħor ma tistax tinġieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkużat l-iehor sakemm il-każ tagħha ma jkunx ġie definittivament deċiż. Dan il-prinċipju japplika sia jekk dik il-persuna tkun akkużata fl-istess kawża tal-akkużat l-iehor – b' mod li jkun hemm "ko-akkużat" fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun ġiet akkużata fi proċeduri separati...*'

Illi kif gie kkunsidrat din il-Qorti ghar-ragunijiet moghtija fil-kunsiderazzjoni taghha

[38] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju, 1998

dwar l-ewwel aggravju mhijiex sejra tikkunsidra l-isqarrijiet rilaxxati mill-imputati l-ohra. Allura dak li din il-Qorti sejra tistharreg huwa jekk setghetx l-Ewwel Qorti tikkunsidra x-xhieda moghtija minn Kusnodo li kif rrizulta ma kienx imputat u lanqas ma ttiehdu proceduri fil-konfront tieghu rigwardanti l-allegata organizzazzjoni li taghha l-imputati tressqu. Fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) waqt li x-xhieda ta' Kustodo kienet sospiza, gie vverbalizzat li:

*'Il-Prosekuzzjoni jivverbalizzaw li l-ebda procedure m'huma se jittiehdu kontra dan ix-xhud ghax wara li gie debitament investigat, ma nstabet l-ebda prova ta' mens rea li fuqha l-Prosekuzjoni thoss li ghandha tiehu passi kriminali kontra l-istess.*

*Id-difiza tirrileva illi jirizulta bl-aktar mod car mix-xhieda ta' Kusnodo, illi jekk verament sehhew dawn il-fatti, issa li anke qieghed jghid li graw drabi ohra, dan kien komplici u ghalhekk mhux xhud kompetenti, stante illi mhux ko-akkuzat biss, minhabba decizjoni arbitrarja tal-Prosekuzzjoni. Ghaldaqstant, ix-xhieda tieghu, ghandha tigi skartata.*

*Il-Prosekuzzjoni taghmel referenza ghal dak li diga' vverbalizzat u jidddikjaraw li m'ghandhom xejn aktar x'izidu. '*

Kif jirrizulta mill-verbal, il-Qorti f'dak l-istadju ordnat li x-xhieda tax-xhud titkompla b'dan illi irriservat li tiprovdi fuq din id-deposizzjoni[39] fi stadju ulterjuri.

Fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) skont ma jirrizulta mill-verbal, wara li xehdet l-Ispettur Anna Maria Micallef gie vverbalizzat li:

*'Id-difiza, f dan l-istadju qieghda ghall-ennezimo darba, terga' toggezjona ghall-ammisibilta' tax-xhud Kusnodo u konsegwentement umilment titlob l-isfilz ta' tali xhieda u dan minhabba li kif diga' ntqal hareg ampjament pruvat mill-provi prodotti s'issa, illi l-istess xhud Kusnodo, huwa ko-akkuzat u quindi ghandu jitqieghed taht att ta' akkuza u a bazi ta' gurisprudenzi bhal Pulizija kontra Jeremy Farrugia deciza fit-23 ta' Mejju 2001 Appell*

[39] Il-verbal jaqra' 'disposizzjoni'

*Kriminali VDG, Repuplika ta' Malta vs Domenic Zammit et- Appell Superjuri deciz fil-31 ta' Lulju 1998 u ohrajn, hu mhux xhud ammissibli.*

*Il-Prosekuzzjoni tirrileva diversi punti, li dan il-kaz mhux imsejjes biss fuq ix-xhieda ta' Kusnodo u l-ideja li tella' jixhed f'dan l-istadju, hu propju li l-posizzjoni li jinsab fiha f'dan l-istadju, peress illi l-post ta' residenza tieghu hawn Malta hu illegali u li jekk l-isess jinzamm Malta ghal aktar tul, l-istess drittijiet tieghu jkunu qed jinkisru. Il-Prosekuzzjoni terga' tissottometti li fid-dawl tal-provi kollha migbura f'din l-investigazzjoni, u mhux biss fuq xhieda ta' persuna wahda, u wara li hadet il-pariri kollha, terga' tiddikjara li mhhux se tiehu passi kontra Kusnodo.*

*Il-Qorti, tiddikjara l-istess xhud Kusnodo* ***bhala komplici ta' dan il-kaz u ghalhekk f'dan l-istadju huwa xhud inammissibli.*** *Madankollu, tirriserva li tiprovdi fi stadju ulterjuri dwar l-isfilz o meno tax-xhieda gja mghotija minnu.*' (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Illi gie prezentat rikors mill-Kummissarju tal-Pulizija skont ma jirrizulta a fol 192 datat id-disgha u ghoxrin (29) ta' Awissu tas-sena elfejn u tlettax (2013) fejn talab lill-Ewwel Qorti tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) fejn f'dak id-digriet il-Qorti kienet iddikjarat lil Kusnodo bhala komplici u kwindi xhud inammissibbli u minflokk talab li tqis lil Kusnodo bhala xhud ammissibbli, skont il-ligi, tal-prosekuzzjoni. Illi permezz ta' digriet moghti mill-Ewwel Qorti datat is-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013), il-Qorti wara li semghet it-trattazzjoni tal-partijiet cahdet it-talba.

Il-Kummissarju tal-Pulizija rega prezenta rikors fit-tnax (12) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) fejn talab li d-digriet tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) jiigi revokat *contrario imperio* stante li ma nghatax fil-Qorti bil-miftuh izda inghata *in camera* u li ghalhekk skont il-Kummissarju tal-Pulizija ma jikkonformax mar-rekwiziti stabbiliti fl-artikolu 663(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fejn intalab li l-Qorti tirrikuza ruhha milli tkompli tiehu konjizzjoni tat-talba

tal-Kummissarju tal-Pulizija fir-rikors tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Awissu tas-sena elfejn u tlettax (2013) u tibghat l-atti tar-rikors lir-Registratur, halli dawn jigu ri-assenjati u mismugha mill-Qorti diversament presjeduta u dan stante li l-Magistrat sedenti fl-Ewwel Qorti diga' esprima u ppronunzja ruhu inkluz permezz tad-digriet imsemmi dwar il-mertu tar-rikors.

Illi l-Ewwel Qorti permez ta' digriet moghti fis-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014) cahdet it-talbiet tal-Kummissarju tal-Pulizija fejn ikkunsidrat ukoll li id-digriet tal-Qorti inghata fil-miftuh fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) u kkunsidrat li z-zewg talbiet tal-Kummissarju tal-Pulizija huma ibbazati fuq fatti zbaljati, anke peress li r-rikors jifforma parti mill-atti tal-kumpilazzjoni u ma jiffurmax att estranju wahdu.

Illi minkejja li l-Ewwel Qorti kienet iddikjarat lil Kusnodo bhala komplici u ghalhekk bhala xhud inammissibli u rriservat li tipprovdi ulterjorament, fis-sentenza appellata ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti ppronunzjat ruhha definittivament dwar jekk ix-xhieda ta' Kusnodo kelliex tigi sfilzata. Biss pero' l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha ghamlet referenza ghall-*identification parade* li Kusnodo ha sehem fiha u li ghalhekk kellu sehem attiv li wassal ghal hrug ta' imputazzjonijiet fil-konfront ta' zewg persuni ohra li sussegwentement gew liberati mill-Ewwel Qorti. L-Ewwel Qorti is-sentenza taghha ghamlet referenza ghal dak li xehed Kusnodo quddiem l-Ewwel Qorti meta senjatament ikkunsidrat li '*Kienet biss it-testimonjanza ta' Kusnodo li rabtet lil Pisani u lil Agius ma dan ir-reat, izda fix-xiehda tieghu Kusnodo ma kienx car ghall-Qorti jekk kienx qed jirreferi ghall-operazzjoni ta' kuntrabandu ta' dak il-lejl, jew ta' xi okkaazjonijiet ohra, peress illi huwa xehed fuq aktar minn okkazjoni wahda. Huwa minnu li l-akkuzi fil-konfront tal-hames imputati hargu fuq il-"11 ta' Lulju u fil-gimghat u x-xhur ta' qabel", izda ma hemm ebda prova ohra li tikkorrobora din l-asserzjoni ta' Kusnodo...*'

Kusnodo fix-xhieda tieghu tas-sbatax (17) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) jaghti dettalji sinifikanti fir-rigward ta' din l-operazzjoni, tant li jmur oltre u jixhed li din ma kinitx l-ewwel darba li ddahhlu sigaretti permezz ta' wahda mid-dghajes ta' Michael Borg. In oltre, jammetti wkoll li huwa kien ghen sabiex jitnizzlu l-kaxxi ta' sigaretti minn fuq id-dghajsa ghal fuq il-moll. Fix-xhieda tieghu in kontro-ezami

jikkonferma li kien heba pakketti ta' sigaretti fil-'fishing line' u dan peress li jghid li siehbu li kien precedentement impjegat ta' Michael Borg ma kienx thallas minn Michael Borg ghal xahrejn. Kusnodo kien identifika lill-appellant Michael Borg u l-imputat Robert Agius li kien liberat mill-Ewwel Qorti.

L-Ispettur Ian Abdilla fix-xhieda tieghu tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehed li '*Fl-istess operazzjoni kienu gew tal-Fisheries biex jiehdu l-konzijiet u waqt li qed jitnizzlu l-konzijiet instabu 4 sigretti tat-tip Business Royals, id-data kienet 15 ta' Lulju 2013 anzi, nstabu 4 grossos tad-ditta Business Royals go dan il-konz u dawn gew elevati minni. Michael Borg immedjatament qal li dawn is-sigaretti ma kienux tieghu. Rigward ix-xhieda li nghatat f'din l-awla fl-ahhar seduta mis-Sur Gusnoto fejn prattikament hareg ukoll is-Sur Gusnoto li dawk is-sigaretti kienu tas-Sur Gusnoto, fatt li ahna ma konniex nfuh qabel. Sussegwentement gew kkuntattjati d-Dwana ta' Malta u peress li kienu biss 4 kartuniet, is-Sur Gusnoto nghata l-possibilta li jaghmel administrative settlement maghhom minflok ma jghaddi proceduri u s-Sur Gusnoto ghazel li jaghmel administrative settlement u jhallas is-somma ta' 419 Euro ghal dawn is-sigaretti.*' Id-dokumenti relattivi ma dan l-*out of court settlement* jinsabu a fol 152 sa 154.

L-Ispettur Anna Marie Micallef fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) spjegat '*Konsegwentement wara dak li ntqal hawn hekk fil-Qorti u wara x-xhiea ta' Gusnoto u l-ammissjoni tieghu ta' dawk l- 4 grosos sigaretti, jiena kont ergajt kellimtu, ergajt gibt l-interpretu, ergajt tajtu d-dritt tal-avukat u tajnieh id-drittijiet kollha. Rega rrifjuta li jikkonsulta ma avukat. Rigward dawk l-4 grosos sigaretti meta staqsejtu ghalfejn m'ghidtilnniex bihom qabel, hu spjega l-fatt li qieghed go pajjiz barrani, dakinhhar li kellimtu kienu ghadhom kemm gew arrestati, ma kienx jaf x'qed jigri u ma jigrix ezattament u hu kien nesiehom totalment dawk l-4 grosos sigaretti. Staqsejtu ghalfejn kien hadhom u hu kien qalli li kien hadhom biex jghaddiehom lil shabu l-Indonesjani wkoll li hemm max-Xatt u ghal dak l-Indonesjan li ma kienx hallsu Michael Borg biex jaghtih xi haga u jkollu s-sigaretti. Staqsejtu wkoll bhal ma ghandhom id-dritt tad-dwana jekk kienx lest li jissetilja l-ammont ta' dazju u hu accetta li jkun hemm settlement.*'

Dak li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti kienet sitwazzjoni partikolari u dan stante li Kusnodo ghalkemm jekk wiehed kellu jqis ix-xhieda tieghu jindika li kien partecipi f'din l-allegata organizzazzjoni peress li jghid li kien haddiem ta' Michael Borg u ghalhekk kien joqghod ghall-ordnijiet tieghu, Kusnodo ma kienx akkuzat u filfatt qatt ma kien akkuzat bir-reati addebitati lill-appellanti skont ma jirrizulta mill-atti. Il-Prosekuzzjoni iddeciediet li ma tressaqx lil Kusnodo abbazi skond hi tan-nuqqas ta' mens rea. Irrizulta wkoll li Kusnodo kien dahal f'out of Court settlement rigwardanti l-erba' (4) grossos sigaretti li nstabu f'konz fuq id-dghajsa in kwistjoni wara li xehed quddiem l-Ewwel Qorti.

Minn naha l-ohra, l-Ewwel Qorti ppronunzjat ruhha meta ddikjarat lil Kusnodo bhala komplici u ghalhekk inammissibli u minkejja li dik il-Qorti naqset milli tippronunzja ruhha definittivament fis-sentenza taghha, din il-Qorti ma tistax ma tikkunsidrax il-fatt li meta l-Kummissarju tal-Pulizija talab li dak id-digriet fejn il-Qorti kienet iddikjarat lil Kusnodo bhala komplici u ghalhekk inammissibli jigi revokat *contrario imperio*, l-Ewwel Qorti cahdet dik it-talba. Ghalhekk minkejja li l-Qorti kienet irriservat li tipprovdi dwar l-isfilz o meno tax-xhieda ta' Kusnodo, din il-Qorti la darba l-Ewwel Qorti kienet iddikjarratu bhala xhud inammissibli u la darba x-xhieda tieghu taghti indikazzjoni li kien partecipi fl-allegat trasport quo impjegat tal-appellant sejra tqis ix-xhieda tieghu u kwalunkwe referenza ghax-xhieda tieghu, inkluz l-identitfication parade li huwa kien participi fiha bhala inammissibli. Din il-Qorti biss pero' taghmilha cara li mhijiex tiddikjara tali xhud bhala inammissibli abbazi tal-kredibilita' o meno tieghu izda abbazi ta' dak li l-Ewwel Qorti iddeciediet fid-digriet taghha moghti fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013).

Ikkunsidrat;

Illi t-tielet aggravju tal-appellant jirrigwarda l-apprezzament tal-provi. Kif irritenew il-Qrati ta' Malta, din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha.

Illi l-ewwel sottomissjoni maghmulha mill-appellant rigwardanti l-apprezzament tal-provi hija dwar il-merkanzija misjuba fuq il-vettura Toyota Dyna. Jissotometti li l-Kapitolu 382 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe l-Att Dwar Dazju tas-Sisa ma jaghtix definizzjoni tal-kelma 'sigaretti' fejn l-Att jaghmel referenza ghall-artikolu 4(1) u 7(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 95/59 KE. Jissottometti li sabiex prodott ikun jista' jissejjah 'sigarett' u konsegwentement isir suggett ghal ligijiet doganali u fiskali ta' Malta jehtieg li jigi determinat li l-prodott ikun maghmul kompletament jew in parti minn tabakk. Jissottometti li mill-atti processwali minn imkien ma jirrizulta ppruvat x'kien il-kontenut tal-merkanzija li allegatament kienet qieghda tingarr u li allegatament inhattet ghal fuq il-vettura Toyota Dyna bin-numru ta' registrazzjoni HQZ 083. Jissottometti li l-Prosekuzzjoni baqghet qatt ma ppruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-istess merkanzija kienet tikkonsisti kompletament jew in parti minn tabakk u li ghad-dirittura l-istess merkanzija kienet suggetta ghal ligijiet doganali u fiskali Maltin.

L-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha ikkunsidrat li '*Il-Prosekuzzjoni esebiet diversi dokumenti f'dan ir-rigward, in sostenn ta' dan kollu. Fosthom hemm l-istqarrijiet tal-imputati, il-kwereli tad-dipartiment tad-Dwana (dok JC1 a fol 85), tal-VAT (dok IA1 a fol 110), u tad-Dipartiment tas-Sajd u Akwakultura (dok IA2 a fol 112), il-kuntratt tal-kiri tal-vettura HQZ 083 (dok IA8 a fol 129), u ricevuta tal-konenut tal-vann maqbud bis-sigaretti (dok IA9 a fol 130)...*'

Ikkunsidrat ukoll li '*Fit-tieni lok fl-istqarrija rilaxxata minnu, l-imputat Anthony Cremona (stqarrija dok IA7 a fol 125), hin minnhom jammetti li fil-vann kellu sigaretti f'numru kbir ta' kaxxi (fol 126), u kien iffirma wkoll ricevuta ta' dan. Din il-prova ghalhekk torbot lil Cremona ma' dan ir-reat mhux biss ghax kien hu li saq l-istess vann minn Ghajn Fekruna sa Santa Venera, fejn gie mwaqqaf mill-Pulizija tal-RIU, izda twassal lill-Qorti sabiex fil-fatt tikkonferma li l-oggetti fil-kaxxi kienu sigaretti, u mhux xi haga ohra...*'

Din il-Qorti sejra l-ewwel tistabillixxi jekk l-ircevuta li tidher a fol 130 u mmarkata bhala Doc IA9 hijiex ammissibli tenut kont tal-fatt li ttiehdet meta Anthony Cremona gie arrestat u ghalhekk meta ma kellux mieghu prezenza ta' Avukat. Din l-ircevuta a

fol 130 u mmarkata bhala Doc IA9 hija datata l-hdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) mahruga f'isem Anthony Cremona taht l-intestatura '*Seized in connection with investigations from: Name & Surname Anthony Cremona*' b'dettalji ohra u fejn tnizzlu:

'*99 Cigarettes Master Cases Brand: Royal (50 Boxes x 200cigarettes Each)*

*4 Cigarettes Master Cases Brand:Tradition (50 Boxes x 200cigarettes Each)*

*2 Key of vehicle make Toyota registration no. plate HQZ083*

*1 Vehicle make Toyota Dyna registration no. plate HQZ083*'

Fl-istess ircevuta jirrizultaw il-firem ta' PS782 S.Scicluna, PC737 K. Underwood u PC878 J. Muscat kif ukoll firma fuq l-isem Anthony Cremona ID.238771M.

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 3(3) tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea bin-numru 2013/48UE li jipprovdi:

'*3. Id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat għandu jimplika dan li ġej:*

*(a) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuna suspettata jew akkużata jkollha d-dritt li tiltaqa' fil-privat u tikkomunika mal-avukat li jirrappreżentaha, inkluż qabel interrogazzjoni mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja;*

*(b) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuna suspettata jew akkużata jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jkun preżenti u jipparteċipa b'mod effettiv meta hija tiġi interrogata. Tali parteċipazzjoni għandha tkun konformi mal-proċeduri taħt il-liġi nazzjonali, dment li tali proċeduri ma jippreġudikawx l-eżerċizzju effettiv u l-essenza tad-dritt konċernat. Fejn avukat jipparteċipa matul interrogazzjoni, il-fatt li saret tali parteċipazzjoni għandu jiġi rreġistrat bl-użu tal-proċedura ta' reġistrar f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru konċernat;*

*(c) għandhom, minn tal-inqas, ikollhom id-dritt li l-avukat tagħhom jattendi għall-avvenimenti investigattivi jew l-attita' ġbir ta' provi li ġejjin,fejn dawk l-atti huma*

*previsti fil-liġi nazzjonali u jekk il-persuna suspettata jew akkużata hija meħtieġa jew permessa li tattendi l-att konċernat:*

*(i) ringieli ta' persuni għall-identifikazzjoni;*

*(ii) konfrontazzjonijiet;*

*(iii) rikostruzzjonijiet sperimentali tax-xena tar-reat kriminali.'*

Illi meta xehed l-Ispettur Ian Abdilla fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) spjega li '*Bhala dok IA9 qed nipprezenta ricevuta li kienet nghatat lil Anthony Cremona tal-103 kaxxi master cases sigaretti li nstabu fil-van, 99 master cases Royals u 4 master cases Tradition mal-van li kien bin-numru tar-registrazzjoni HQZ 083 u z-zewg cwievet tal-istess van. Din ir-ricevuta s-Sur Cremona kien ddecieda li jiffirmaha.*' PS 782 Shaun Scicluna fix-xhieda tieghu ta' nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) spjega li '*Inzilna, inzilna fejn il-van. Il-van kien tal-marka Toyota, kulur abjad u fuq il-van kien hemm miktub il-kliem FX garage. In-numru ta' registrazzjoni tal-van huwa HQZ 083 u l-van kien issigillat. Ahna ftahna l-van quddiem il-prezenza ta' Anthony Cremona fejn hemm hekk kien hemm numru ta' kaxxi jghidulhom master cases tas-sigaretti. Dawn kienu ppakkjati go boroz suwed, garbage bags, qeghdin ippustjati fuq xulxin gol-van. Bdejna nohrgu l-kaxxi wahda wahda. Il-membri tad-drug squad immexija mis-surgent 1086 kienu mitluba jaghmlu search il-kaxxi fuq ix-xoghol relatat maghhom u bdejna nohorgu kaxxa u huma jaghmlu s-search. Dina l-procedura hadet madwar saghtejn u nofs. Spiccajna ghall-habta ta' l-erbgha nieqes kwart (3.45). Il-boroz ittiehdu mis-surgent 659 li huwa nkarigat mill-fingerprints. Huwa ha l-boroz is-suwed, il-garbage bags biex ikun jista' jezaminhom. Jiena xogholi kien l-aktar iffukat biex nghodd il-kaxxi, l-master cases fejn irrizulta li kien hemm disgha u disghin (99) master caes tal-marka Business Royals u erba' (4) master cases tal-marka Tradition. Jigifieri total kien hemm mija u tlieta (103) master cases. Ta' dawn aktar tard is-sur Anthony Cremona inaghta rcevuta.*'

PS782 Shaun Scicluna spjega li '*Dina rcevuta li nghatat lil Anthony Cremona li kien maghna prezenti meta ftahna l-van li kien issigillat, ghoddejna l-kaxxi quddiem il-prezenza tieghu u ergajna ppustjajna kollox gol-van u ghalaqna l-van.*' Ikkonferma li din l-ircevuta giet iffirmata minn Anthony Cremona. Meta xehed PC 737 Kurt Dylan Underwood

fix-xhieda tieghu tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) b'referenza ghal fol 130 xehed li '*Dina l-ircevuta ta' dak li gie mghoddi lill-pulizija.Qed nara l-firma tieghi, ta' PC 782, PC 878 u l-firma ta' Anthony Cremona.*'

PC 878 Jurgen Muscat li xehed fit-tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) b'referenza ghal fol 130 xehed li '*Din hija l-ircevuta tal-vann illi kien issiggilat illi ftahna fil-11 ta' Lulju fejn kien prezenti Anthony Cremona flimkien mieghi, PS 782 u PC 737.*' Mistoqsi x'gara dakinhar, wiegeb '*Konna ghaddejna s-sigaretti li kien hemm go dan il-vann fis-CID yard.*'

Illi ghalkemm skont ma jirrizulta fid-dikjarazzjoni a fol 128, Anthony Cremona kien ghazel li jikkonsulta Avukat qabel it-tehid tal-ewwel stqarrija, ma jirrizultax jekk huwa kienx gie mitlub jiffirma l-ircevuta qabel ma kkonsulta l-Avukat u ghalhekk jekk inghatax l-opportunita' li jikkonsulta dwar jekkghandux jiffimra. Nonostante dan, la darba l-ircevuta kienet tirraprezenta ezercizzju li ghalih kien prezenti Anthony Cremona u la darba l-ligi ma kinitx tiprovdi ghad-dritt li suspettat jew akkuzat ikollu prezenti Avukat minn stadju bikri tal-investigazzjonijiet inkluz ghalhekk waqt li infetah il-vann u waqt li bdew jinghaddu l-kaxxi, din il-Qorti qieghda tiddikjara din l-ircevuta a fol 130 u mmarkata bhala Doc IA9 inammissibli u mhijiex tikkunsidrahha bhala accettazzjoni tal-kontenut ta' tali kaxxi. In oltre, din l-ircevuta ma gietx iffirmata mill-appellant Shannon Cauchi izda ko-imputat u li ghalhekk se mai kienet torbot biss lil min iffirmaha.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant Michael Borg jissottometti li fid-dawl tal-fatt li l-Prosekuzzjoni akkuzatu b'kuntrabandu ta' sigaretti, kif ukoll fid-dawl tal-principju legali '*onus probandi incubit ei qui dicit*', l-obbligu bazilari tal-Prosekuzzjoni kien li tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li effettivament il-kontenut tal-merkanzija. L-

appellant jissottometti li dan qatt ma sar u konsegwentement il-Qorti kellha tistrieh fuq dikjarazzjoni li ghamel ko-imputat. Ghalkemm gew prezentati ritratti tal-merkanzija li juru kaxxi li normalment jintuzaw ghal sigaretti, l-appellant jissottometti li l-Prosekuzzjoni assumiet illi gialadarba huma ppakjati b'dan il-mod, il-kaxex kienu jikkontjenu s-sigaretti. Jghid li tali assunzjoni ghamilha ukoll il-ko-imputat Cremona wara li l-ufficjali tal-Pulizija qattghu t-tgezwir tal-plastic iswed li bih kienet imgezwra l-merkanzija mertu tal-prceduri odjerni. L-appellant jissottometti li tifli kemm tifli l-atti processwali, imkien ma jigi ppruvat li l-imsemmi kartun kien jikkontjeni pakketti tas-sigaretti u in oltre imkien ma gie ppruvat illi l-imsemmija pakketti kienu effettivament jikkontjenu sigaretti maghmula mit-tabakk. Jissottommetti li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipproduci imqar ritratt wiehed tal-kontenut tal-imsemmija pakketti sabiex setgha jigi kkonfermat illi l-konteneti tal-merkanzija de quo kienu sigaretti.

L-artikolu 638(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li l-appellant ghamel referenza ghalih jaqra:

'*Bħala regola, għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti, u li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xiehda tiegħu tkun importanti.*'

L-appellant in segwitu ta' numru ta' mistoqsijiet, jisottometti li fin-nuqqas ta' prova xjentifka u oggettiva minn espert indipendenti u imparzjali illi tipprova lil hin minn kull dubju dettat mir-raguni li tali merkanzija kienet kontenenti sigaretti kif ukoll fin-nuqqas ta' imqar provi ohrajn li jipprovaw x'kien il-kontenut gewwa l-istess kaxex u kartun, fin-nuqqas ta' prova li l-kontenut tal-imsemmija merkanzija kienet suggetta ghal ligijiet doganali u fiskali Maltin, l-appellant hu tal-fehma li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu sal-grad tac-certezza morali. Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Supretendent Simon Galea) (Spettur Frank Anthony Tabone) vs Charles</u>**

**Paul Muscat'**[40] fejn ghalkemm b'mertu kompletament differenti ghal dan in kwistjoni, gie kkunsidrat li:

*'Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-* ***Pulizija vs Peter Ebejer****, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir- raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l- Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz* ***Miller v Minister of Pension*** *- 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

*Fil-kawza fl-ismijiet Il-****Pulizija vs Graham Charles Ducker*** *(Qorti tal-Appell Kriminali - deciza fid-19 ta' Mejju, 1997) gie ritenut illi:*

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

*Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill- Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl- ismijiet Il-****Pulizija v Martin Mark Ciappara*** *fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie*

[40] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar is-27 ta' Marzu, 2018 (Numru: 54/2013)

*sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l- verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provediment iehor.*'

Illi minn naha l-ohra, l-Avukat Generali fit-trattazzjoni tieghu jaghmel referenza ghall-artikolu 77 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta u jissottometti li l-oneru tal-prova kien fuq l-imputati. Dan l-artikolu jaqra:

'*Jekk meta jiġu mitluba lura oġġetti, maqbuda minħabba nuqqas ta' ħlas ta' dazju, jew għal raġuni oħra li ġġib magħha l-konfiska, inkella fi proċedimenti għall-ġbir ta' xi piena ta' flus jew xort'oħra skont din l-Ordinanza **tinqala' kwistjoni dwar jekk id-dazju li jmiss fuq dawk l-oġġetti kienx ġie mħallas, jew jekk dawk l-oġġetti kienux ġew importati jew trasburdati jew żbarkati skont il-liġi, jew dwar il-lok minn fejn kienu ġew dawk l-oġġetti**, f'kull wieħed minn dawn il-każijiet il-prova tiegħu tmiss lill-persuna li tagħmel dik it-talba jew lill-imputat li kontra tiegħu jsir dak il-proċediment, skont il-każ.*' (Emfazi mizjuda)

Illi l-Qorti sejra tibda billi taghmel referenza ghal gurisprudenza li trattat fost suggetti ohra, il-kwistjoni tal-oneru tal-prova fl-ambitu tal-artikolu 77 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta. Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Carmelo Magri) vs Raymond Camilleri'**[41] gie kkunsidrat li:

'*Fit-tielet lok l-imputat gie akkuzat talli fuq talba tal-Kontollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tal- VAT talli fit-23 ta' Settembru 2004 u/jew f'xi data qabel f'dawn il-gzejjer xjentement laqa' ghandu numru t'oggetti kif deskritti fl-akkuza migjuba mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' dak li l-avukat difensur ta' l-imputat sostna u cioe' li jispetta lill- Prosekuzzjoni tipprova li l-oggetti kienu gew impurtati Malta u d-dazju ma giex imhallas fuqhom.*

[41] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar is-27 ta' Gunju, 2014 (Numru: 97/2006)

*Bir-rispett kollu, il-Qorti ma taqbilx ma' din il-linja difensjonali ghaliex, skond l-**Artikolu 77 tal-Kap 37** u cioe' l-Ordinanza tad-Dwana, il-legislatur ried li l-oneru tal-prova li, kuntrarjament ghal dak li jigri fil-maggor parti tal-kawza penali, jaqa' fuq l-imputat. Dan l-artikolu jipprova tlett cirkostanzi kuntrarjament ghal dak li tipprovdi l-legislazzjoni Ingliza, huwa l-imputat li jrid jipprova:*

*a. li d-dazju tad-Dwana gie mhallas fuq l-oggetti maqbuda;*

*b. li l-oggetti maqbuda gew impurtati jew trasportati legalment;*

*c. jipprova l-post minn fejn originaw l-oggetti.*

*u ghalhekk f'dawn it-tlett kazi biss l-oneru tal-prova gie spustjat minn fuq il-Prosekuzzjoni ghal fuq l-imputat.'*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija versus Victor Calleja**'[42], il-Qorti kkunsidrat li:

*'Fil-kawża Pulizija vs Mario Scicluna deċiża fis-7 ta' Marzu, 1985 il-Qorti ta' l-Appell kkonfermat il-prinċipju li a tenur ta' l-artikolu 77 tal-Kap. 37, meta fi proċediment taħt dak il-kap tinqala' kwistjoni dwar jekk id-dazju fuq oġġetti partikolari kienx ġie mħallas jew dwar minn fejn jew kif dawn l-oġġetti ġew akkwistati, il-prova ta' dan taqa' fuq l-imputat;*

*In sostenn ta' tali prinċipju, il-Qorti ċċitat sentenzi oħrajn u kompliet iżżid hekk: "kull prova ghalhekk li l-Prosekuzzjoni trid tagħmel hi inskritta minn dan l-artikolu u permezz tiegħu jidher ċar li l-prova li prosekuzzjoni trid tagħmel hi li ma jirrżultalhiex li tħallas id-dazju. Minn hemm 'il quddiem l-oneru tal-prova hu mixħut fuq l-imputat";*

*Dan mela għar-rigward ta' l-artikolu 77 tal-Kap.37;'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Sp. Joseph Cordina) vs Roderic Tanti ta' 32 sena, iben John u Carmen nee Friggieri, imwieled tal-Pieta' fis-7 ta' Awissu, 1968, u li**

[42] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Awissu, 1990

**joqghod fl-indirizz 'Earls Court', Flat 5, J. F. Mark Street, San Gwann, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 336168 (M) Joseph Fenech ta' 46 sena bin Gregory u Beatrice nee Frendo, imwieled B'Kara fit-2 ta' Novembru, 1954, u li joqghod fl-indirizz 'Alexandra', Flat 5, Sacred Heart Ave. San Giljan, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 823954 (M) Christopher Cutajar ta' 27 sena, bin Paul u Mary nee Caruana, imwieled tal-Pieta' fil-15 ta' Settembru, 1973 u li joqghod fl-indirizz 'Marpa', Psaila Street, Birkirkara, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 494073 (M)'**[43], il-Qorti fost numru ta' kunsiderazzjonijiet, ikkunsidrat li:

*'Harsa lejn ir-relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina li l-Qorti ga ddecidiet li hi wahda ammissibbli f'dawn l-atti, wiehed isib li l-istess Perit Aquilina zamm access fis-26 ta' Dicembru, 2000 fis-sitta neqsin ghaxra ta' filghaxija, u iehor fit-tmienja neqsin kwart ta' filghaxija gewwa Triq ir- Rumanzier l-Iklin u Pinto Wharf rispettivament, ghalhekk il-Perit Aquilina dawn l-accessi zammhom f'dik id-data riflessa fl-akkuza. Fl-access il-Perit Aquilina qua espert tal-Qorti ikkonstata l-oggetti li sab, cioe it-truck bin-numru KAD-978 li fih kien hemm zewg pellets mghobbija b'kaxxi tax-xorb issigillati gol-polythene abjad, ikkonstata wkoll li kien hemm garage numru 5 li go fih kien hemm sitt pellets mghobbija bil-kaxxi tax-xorb liema kaxxi kienu ssigillati bil- polythene abjad, ikkonstata wkoll li fuq in-naha ta' quddiem lejn il-bieb kien hemm pellet immarkata Stainless Steel Products Limited. Qal ukoll li l-pellets gol-garage tghabbew fil-container truck u dawn ittiehdu go Pinto Wharf Sea Terminal fejn il-kaxxi kollha nfethu u wara li l- fliexken gew ezaminati (enfazi tal-Qorti) tqeghdu lura fil- kaxxi fuq il-pellets. Il-Perit fil-kors ta' l-inkjesta ghamel inventarju pellet pellet tal-fliexken, l-ismijiet tal-fliexken u l- ammont tal-fliexken li kien hemm. Fil-fatt insibu, per ezempju, li fl-ewwel pellet il-Perit ikkonstata li kien hemm fliexken ta' Smirnoff Vodka u sab 45 kaxxa ta' tnax-il flixkun ta' litru, fil-pellet numru 5 sab Dewars Scotch Whisky, 25 kaxxa ta' tnax-il flixkun ta' litru, kien hemm fliexken minghajr tapp, sab anke Smirnoff Vodka hmistax- il kaxxa tat-tnax-il flixkun tal-litru u kkonstata li kien hemm flixkun nieqes. Ikompli fil-fatt il-Perit bl-elenku tieghu f'dan l-inventarju (vide relazzjoni Dok RA fol 84-97).'*

[43] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-25 ta' Gunju, 2004 (Numru. 98/2001)

L-istess Qorti kkunsidrat:

*'Jidher pero' li l-kontestazzjoni primarja tad-Difiza hija dwar il-kontenut li hemm f'dawn il-fliexken, mhux daqstant in-numru tal-fliexken. Fil-fatt anke mit-trattazzjonijiet jidher li d-Difiza qeghda tikkontesta l-grad tal-prova li ghaliha waslet il-Prosekuzzjoni in kwantu ghall-fatt li qatt ma gie mqabbad espert biex jistabilixxi x'kien il-kontenut tal-fliexken maqbuda u cioe biex jistabilixxi jekk tali fliexken kinux mimlija bil-whisky u vodka kif allegat. Illi fil- fatt waqt dawn it-trattazzjonijiet tad-Difiza gie anke sollevat ezempju li jekk persuna tinqabad tpejjep hemm bzonn u necessita' ta' espert li janalizza jekk is-sigarett li qed jitpejjep hux sigarett li komunement wiehed ipejjep cioe dak kontenenti nikotina jew hux wiehed maghmul minn sustanza tossika per ezempju haxixa.*

*Il-Qorti in determinazzjoni ta' din il-lanjanza se taghmel referenza ghall-artiklu 546 (2) tal-Kap 9, specifikament ghall-proviso ta' l-istess artikolu liema proviso jghid hekk "Izda fejn jirrizulta l-fatt li dwaru ma tkunx saret investigazzjoni taht dan is-subartikolu (l-inkjesta) kien jikkostitwixxi reat li ghalih kienet tinghata l-piena msemmija f'dan is-subartikolu, n-nuqqas li tinzamm investigazzjoni taht dan is-subartikolu m'ghandux, ghal dik ir-raguni biss, jippregudika b'kull mod li jkun li jinbdew jew jitkomplew procedimenti kriminali ghal dak ir-reat jew l- ammissibilta' ta' kull prova dwar dak ir-reat f'dawk il- procedimenti."*

*Dan il-proviso jaghmilha cara li biex isir procediment kriminali jew il-kontinwazzjoni ta' tali procediment kriminali mhux necessarju li ssir dejjem inkjesta Magisterjali. Fil- fatt hu ben maghruf u notorju li hafna mill-kawzi jitressqu l- Qorti biss a bazi ta' investigazzjoni tal-Pulizija u ma jkunux soggetti ghal inkjesta Magisterjali. F'dan il-kaz l-inkjesta saret. F'dan il-kaz ukoll il-Magistrat Inkwirenti ma hassx il-bzonn li jitqabbad espert biex jikkonstata l-kontenut tal- fliexken. Fil-fatt il-bzonn li hass il-Magistrat Inkwirenti kien li jikkonserva dawk l-istess fliexken u ghaldaqstant ghal dan l-iskop tqabbdu espert tal-fotografija kif ukoll il- Perit Aquilina li kif ga ntqal ghamel id-debita nventarju ta' dak kollu li kkonstata. Ma jreggix, fl-opinjoni ta' din il- Qorti l-paragun li gabet id-Difiza bejn it-tipjip tal-haxixa u l-alkohol. Tfakkar il-Qorti li l-alkohol hu oggett komunement ikkunsmat, u hu likwidu li fil-maggoranza tan-nies jew ahjar hafna min-nies huma familjari mieghu. Mhux hekk fil-kaz tad-droga. Ghalhekk ma thossx il-Qorti li f'dan il-kaz kien jehtieg biex jigi pruvat li l-kontenut tal- fliexken bit-tabelli whisky u vodka kien verament il-likwidu whisky u vodka, li kellu jitqabbad espert. Din il-Qorti hi konfortata bil-fatt li in kwantu kien hemm fliexken tax-*

*xorb miksurin, kien hemm riha ta' xorb bizzejjed biex wiehed jasal ghall-konkluzjoni ta' x'kien dak ix-xorb. Tfakkar ukoll din il-Qorti li kif xehdu diversi nies, dan anke jirrizulta mil-listi ta' inventarju msemmija u anke mil-listi maghmula min-nies tad-Dwana, li kien hemm fliexken miftuhin kif ukoll miksurin, ghalhekk kif anke xehed per ezempju l- Ispettur Cordina fost l-ohrajn, a fol 72 tal-process, mir-riha stess wiehed seta' jikkonstata l-kontenut ta' l-istess fliexken.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Maurice Curmi) Vs Omar Mizzi'** [44]

*'L-Avukat Generali ghandu ragun ukoll ghar-rigward tal-oggett deskritt bhala defender spray stante li l-importazzjoni tieghu hija projbita fit- termini tal-artikolu 3(a) tal-Kaptiolu 480 bhala munizzjoni li jirrilaxxa sustanza letali jew irritanti bhal gass tad-dmugh. Kien jispetta lill-appellant prova kontrarja skond l-artikolu 77 tal-Kapitolu 37 li dan mhux hati'*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **'IL-Pulizija (Spettur K. Elul Bonici) (Spettur Michael Cassar) Vs Sydney Ellul Sullivan'**[45] kienet laqghet l-appell tal-Avukat Generali wara li fost numru ta' kunsiderazzjonijiet ikkunsidrat li:

***'Piz tal-prova. Art 77 Kap 37.***

*L-ewwel aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-artikolu 77 tal-Kap 37 ta' l-Ordinanza tad-Dwana li jitkellem dwar il- piz tal-prova f'kaz ta' kuntrabandu. L-appellant qed jissottometti li legalment l-ewwel Qorti qatt ma setghet tasal ghal konkluzzjoni li waslet ghaliha minhabba dak li jiddisponi l-artikolu 77 ta` l-Ordinanza tad-Dwana. Illi, a tenur ta` dan l-artikolu, meta fi procediment taht l- Ordinanza tad-Dwana tinqala kwistjoni dwar jekk id-dazju fuq oggett partikolari kienx gie mhallas, il-prova ta` dan taqa' fuq l-imputat. Il-prova li l-prosekuzzjoni trid taghmel hi li ma jirrizultalhiex li thallas id-dazju. Minn hemm 'l quddiem l-oneru tal-prova hu mixhut fuq l-imputat. Skond l-appellant mill mument li l-prosekuzzjoni taghmel tali prova, ikun jispetta lill-imputat li jaghmel l-prova, imqar fuq bazi ta` probabilta', li d-dazju kien thallas regolarment. Skond l-appellant minn imkien mill-atti processwali ma jirrizulta li saret din il-prova mill appellat. Infatti jekk wiehed jara s-sentenza ta' l-ewwel*

[44] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Ottubru, 2016 (Appell Numru: 525/2013)
[45] Deciza fil-15 ta' Lulju, 2004 (Appell Kriminali Numru: 127/2002/1)

*Qorti, wiehed jinduna li dan l-artikolu gie njorat ghal kollox u lanqas biss jissemma fis-sentenza u l-Qorti lliberat lill-appellat proprju minhabba l-fatt li, skond hi, l-prosekuzzjoni ma lahqietx il-grad ta' prova rikjest fil-kamp penali. L-appellant jirritjeni li f'dan il- kaz il-prosekuzzjoni marret hafna oltre dak li legalment kien mistenni minnha u ppruvat effettivament li d-dazju ma kienx thallas. Ghalhekk biss, minghajr pregudizzju ghall- aggravji li jissemmew iktar `l quddiem, l-appellant isostni li l-ewwel Qorti kellha ssib htija fl-imputat appellat.*

*L-appellat isostni invece li quddiem l-ewwel Qorti fis- sottomissjonijiet finali taghha bil-miktub, il-prosekuzzjoni ma ghamlet ebda accent ghall artikolu 77 tal-Ligi tad- Dwana u ghalhekk mhux sew illi l-ewwel il-prosekuzzjoni ma taghmilx certa sottomissjoni quddiem l-ewwel Qorti imbaghad* ***tistenna*** *li meta jsir l-appell taghmel dawn is- sottomissjonijet u tikritika lil l-ewwel Qorti ghax ma hadithomx in konsiderazzjoni.*

*Illi jirrizulta li effettivament dan l-artikolu gie njorat ghal kollox mill l-ewwel l-Qorti, izda l-piz tal-prova kellha tkun konsiderazzjoni ewlenija li l-ewwel Qorti kellha taghmel bhala punt ta' ligi.*

*Dan l-artikolu jipprovvdi li:*

*If, in any claim in respect of any goods seized for non- payment of duties, or any other cause of forfeiture,or in any prosecution for the recovery of any pecuniary penalty or otherwise under this Ordinance, any dispute arised whether the duties of customs have been paid in respect of such goods, or whether the same have been lawfully imported or lawfully transhipped or unshipped, or concerning the place from where such goods were brought, then and in every such case the proof thereof shall be on the person making such claim or on the defendant in such prosecution, as the case may be.*

*"Fil-kawza Pulizija vs. Mario Scicluna deciza fis-7 ta' Marzu, 1985 , il-Qorti tal-Appell ikkonfermat il-principju li a tenur tal-Artikolu 77 tal-Kap.37 , meta fi procediment taht dak il-Kap tinqala kwistjoni dwar jekk id-dazju fuq oggetti partikolari kienx gie imhallas jew dwar minn fejn jew kif dawn l-oggetti gew akkwistati , l-prova ta' dan taqa' fuq l- imputat ." Il-prova li l-prosekuzzjoni trid taghmel hi li ma jirrizultalhiex li thallas id-dazju . Minn hemm il-quddiem l- oneru tal-prova hu mixhut fuq l-imputat."*

*Jekk l-imputat isostni li d-dazju thallas, dan irid jipprovah hu. Dan japplika f'kull kaz, anke*

*fejn il-ligi tirrikjedi x- xjenza. Hija dejjem il-Prosekuzzjoni li trid tipprova x- xjenza f'dawn il-kazijiet, izda jekk l-imputat jixtieq jallega xi difiza taht l-artikolu 77, il-prova jrid jforniha hu.*

*L-import ta' l-artikolu 77 gie ukoll trattat fl-appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Joseph Said "*[46] *Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Andrew Zammit et"*[47] *u fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Joseph Grech Sant"*[48] *fejn ukoll gie ribadit il-principju li jekk tinqala kwistjoni dwar jekk oggetti kienx thallas id-dazju fuqhom jew kienux importati skond il-ligi, l- prova relattiva tmiss lill-imputat. (Ara ukoll f'dan is-sens A.K. Pul vs Scire'*[49]*; A.K. Pul vs A. Mifsud*[50] *u A.K. Pul vs M.Agius*[51]*).*

*Ghalhekk il-Prosekuzzjoni kellha l-ewwel taghmel prova "prima facie", ghal dak li jirrigwarda r-reati taht l-Ordinanza tad-Dwana, li d-dazju ma kienx thallas, imbaghad kien japplika id-dispozittiv taht l-artikolu 77 ta' l-istess Ordinanza li jitfa' l-oneru tal-prova li id-dazju effettivament kien thallas fuq l-appellat.*

***Prova prima facie mill-prosekuzzjoni li d-dazju ma kienx thalas.***

*Dwar dina l-prova gie anke koncess mill-ewwel Qorti li tali prova mill-prosekuzzjoni saret, ghalkemm, skond dika l- Qorti, l-prosekuzzjoni ma lahtiqx il-livell ta' prova "beyond a reasonable doubt", li pero ma kienx il-piz li kellha l- prosekuzzjoni fuqha. Il-Qorti qalet hekk:*

*"Madanakollu din il-Qorti temmen illi il-prosekuzzjoni lahqet tipprova il-kawza sal-livell probatorju ta' "on a balance of probabilities". Dan qieghed jinghad il-ghaliex apparti ix-xhieda kollha illi gabet il-prosekuzzjoni hemm il- fattur ewlieni bil-prova tar-relazzjoni ta' l-Accountant Raphael Aloisio illi ebda mill-flejjes (u hawnhekk qed nitkellmu il-fuq minn mitt elf lira maltin) ma jidhru fl- accounting ledgers tal-kumpanija Eloise, bhala flejjes illi gew sbursjati fuq id-Dwana ta' Malta, mentri entries ta' importanza minima gew imnizzla sodisfacentement".*

*L-appellant gustament osserva li:*

---

[46] Deciza fis-26 ta' Novembru, 1992
[47] Deciza fil-31 ta' Lulju, 1998
[48] Deciza fl-4 ta' Frar, 1994
[49] Deciza fil-21 ta' Awissu, 1965
[50] Deciza fl-24 ta' April, 1986
[51] Deciza fil-11 ta' Mejju, 1990

*"meta zewg versjonijiet ikunu diametrikament opposti ghal xulxin, dawn qatt ma jistghu jkunu t-tnejn probabbli. Dawn jistghu jkunu jew it-tnejn possibbli, jew versjoni wahda tkun possibbli izda l-ohra tkun aktar probabbli izda zewg versjonijiet konfliggenti qatt ma jistghu jkunu t-tnejn probabbli. Ghalhekk jekk l-ewwel Qorti kkoncediet li l- prosekuzzjoni lahqet tipprova l-kawza sal-livell probatorju cjoe "on a balance of probabilities", dana iffisser li tacitament il-Qorti qed tghid li l-imputat ma lahaqx l-istess grad ta` prova kif rikjest minnu skond l-artikolu 77 tal-Kap. 37".*

*Il-Prosekuzzjoni gabet prova li d-dazju in kwistjoni ma thallasx. L-espert nominat minn dina l-Qorti xehed li ebda wiehed mill-ammonti tal-payment receipts ittimbrati fuq id dokumenti XV1 (cioe tad-ditta Eloise Ltd) ma gie entrat fil- cash books, la fid-data tat-timbru u anqas f'xi data ohra. B'kuntrast ghall dana, hu rrinttracca l-hlas indikat skond it- timbri fuq id-dokumenti fil-files Vol XV11 fil-cash books tad-Dipartiment tad-Dwana. Fl-appendix B ghall kull dokument li ghamel riferenza hu sab dawn l-entries fil- cash books.*

*L-espert ikkonkluda li mill-ezercizzju li ghamel, il-hlas ta' LM 106.706.11 indikat li sar mid-ditta Eloise Ltd, skond it- timbri fuq id-dokumenti fil-files XV1 u elenkati fl-Appendix A in effett skond il-cash books tad-Dipartiment tad-Dwana ma sarux, mentri skond it-timbri fuq id-dokumenti fil-files XV11 u elenkati f'Appendix B saru u gew entrati fil-cash books tad-Dipartiment tad-Dwana.'* (Dati tas-sentenzi citati fis-sentenza citata jinsabu fin-noti ta' qiegh il-pagna)

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Maurice Curmi) vs. Vincent Xuereb Noel Vella'**[52]:

'*Principlament l-imputati gew akkuzati talli kellhom xjentement fil- pussess taghhom sigaretti li d-dazju fuqhom ma kienx thallas. F'dawn it-tipi ta' kawzi l-Prosekuzzjoni ma trid tipprova xejn salv li l-imputati zammew ghandhom dawn is-sigaretti meta kienu jafu li l-VAT u dazju fuqhom ma kienx thallas.*

*Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 t'Awwissu 1990 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Victor Calleja**, intqal li:*

[52] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar il-21 ta' Marzu, 2018 (Kaz numru: 21/2013)

*"Kull prova ghalhekk li l-Prosekuzzjoni trid taghmel hi nskritta minn dan l- artikolu u permezz tieghu jdiher car li l-prova li l-Prosekuzzjoni trid taghmel hi li ma jirrizultalhiex li thallas d-dazju. Minn hemm 'l quddiem, l- oneru tal-prova hu mixhut fuq l-imputat."*[53]

*Fis-sentenza wkoll moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-3 ta' April 1971 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v George Bellizzi**, gie ritenut li:*

*"Il-Prosekuzzjoni m'ghandhiex bzonn tipprova li d-dazju fuq is- sigaretti ma kienx thallas, izda ghal kuntrarju, in vista tal-artikolu citat tal-Kap 60 [illum 37] kien imiss lill-imputat jipprova li d-dazju relattiv kien thallas jew li kellu raguni valida jahseb li kien thallas jew inkella b'xi mod kawtelat."*

Fl-istess sentenza gie kkunsidrat li:

*'Illi l-pozizzjoni legali tal-import tal-artikolu 77 tal-Kap. 37 in relazzjoni mal-artikoli 60 u 62 tal-istess Ordinanza tad-Dwana giet trattata "funditus" f'numru ta' sentenzi tal-Qrati taghna u l- gurisprudenza in subiecta materia giet ri-epilogata fis-sentenza ta' din l-Qorti fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Andrew Ellul Sullivan et."**[54]. Hemm kienet saret riferenza ghas-sentenza ta' din il- Qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs. Victor Calleja"**[55] li, a sua volta, kienet ghamlet referenza ghal sentenza ohra moghtija fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **"Il- Pulizija vs. Anthony Mifsud u George Grima "** deciza fit-12 ta' Gunju, 1989 " u qalet:-*

*"Fil-kaz kontra Anthony Mifsud et. l-akkuzi kienu wkoll taht dawn l- artikoli. Il-Qorti tal-Appell deherilha li kellha taghmel distinzjoni bejn il- pozizzjoni legali taht l-artikolu 77 u dik taht l-artikoli l-ohra u din il-Qorti taqbel ma u taghmel taghha tali argumenti in relazzjoni ghal tali distinzjoni ."*

*"Fid-dawl ta' dak li fuq inghad, din il-Qorti jidhrilha li l-pozizzjoni legali tista' tigi enuncjata hekk:-*

*"Kazijiet taht l-artikolu 62 : "*

[53] Ara wkoll Il-**Pulizija v J.M. Deguara** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha ta' Settembru 1990 (Tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna ennumerata hamsa (5) tas-sentenza citata)

[54] Deciza fl-20 ta' Marzu, 2003

[55] Deciza fl-24 ta' Awissu, 1990

*"Il-Ligi ma tuzax il-kelma xjentement fil-paragrafi kollha ta' dan l- Artikolu."*

*"Min jimporta oggetti li l-importazzjoni taghhom hi projbita, min jizbarka tali oggetti, min iwarrab oggetti mportati qabel jigu ezaminati mill-ufficjal inkarikat mid-Dwana, huwa awtomatikament passibli minghajr il-htiega tal- prova tax-xjenza."*

*"Hawn il-prosekuzzjoni trid tipprova l-fatti materjali kif jinkwadraw ruhhom taht dawn il-paragrafi."*

*"M'hemm bzonn lanqas li fil-kazijiet specifici l-imputat kien jaf li l- importazzjoni kienet projbita. Gie deciz li din hija kwistjoni ta' ligi u mhux ta' fatt. Ara f'dan ir-rigward is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza Pulizija vs. Raymond Debono deciza fit-28 ta' Lulju, 1988."*

*"Ghall-kuntrarju jekk l-imputat jallega li l-importazzjoni kienet legali, a tenur tal-Artikolu 77, irid jaghmel il-prova hu."*

*"Paragrafi ohra pero', jirrikjedu ix-xjenza. Dawn huma s-subincizi (e) sa (i) tal-istess artikolu 62."*

*"Taht il-paragrafu (f) per ezempju, il-prosekuzzjoni trid tipprova li l- imputat agixxa xjentement biex*

*a) laqa' etc. ghandu l-oggetti in kwistjoni,*

*b) li tali oggetti ghandhom l-importazzjoni projbita jew limitata,*

*c) jew tali oggetti kienu zdazjati,*

*d) jew li tali oggetti kienu gew imwarrba minghajr hlas ta' dazju mill- postijiet imsemmija fl-istess subinciz."*

*Kif qalet il-Qorti fil-kawza kontra Mifsud, jekk il-prosekuzzjoni tipprova li l- appellant zamm ghandu jew laqa' ghandu oggetti li fuqhom ma thallasx dazju b'daqshekk ma tkunx issodisfat il-vot tal-ligi billi tkun trid tipprova wkoll li l-imputat agixxa xjentement, altrimenti l-kelma xjentement tkun qeghda fil-ligi ghalxejn."*

*"Il-prova tax-xjenza naturalment twassal sal-grad li l-appellant kien jaf jew ma setax ma kienx jaf, li l-oggetti li nstabu ghandu kienu ta' natura ta' dawk imsemmija fil-paragrafi rilevanti tal-Kap. 37 "*

*"Taht l-Artikolu 77 ."*

*Dan japplika, kif juri l-istess Artikolu, meta tinqala kwistjoni dwar jekk id- dazju dovut kienx gie mhallas, jew li l-oggetti gew zbarkati skond il-ligi, ecc. "*

*"Fi kliem iehor, fil-fehma tal-Qorti dan l-Artikolu jidhol in effett u jaltera l- piz tal-prova, meta l-imputat jinvoka tali fatti ."*

*"jekk l-imputat isostni li d-dazju thallas, jipprova hu."*

*"Dan japplika f'kull kaz, anki fejn il-ligi tirrikjedi x-xjenza. Hija dejjem il- Prosekuzzjoni li trid tipprova x-xjenza f'dawn il-kazijiet, imma jekk l- appellant jixtieq jallega xi difiza taht l-Artikolu 77, il-prova jrid iforniha hu. U kien proprju dan li gie deciz fil-kaz ta' Mario Scicluna."*

*u f'parti ohra tal-istess sentenza appena citata, il-Qorti affermat li:-*

*"Fil-kawza Pulizija vs. Mario Scicluna deciza fis-7 ta' Marzu, 1985, il- Qorti tal-Appell ikkonfermat il-principju li a tenur tal-Artikolu 77 tal-Kap. 37, meta fi procediment taht dak il-Kap tinqala kwistjoni dwar jekk id-dazju fuq oggetti partikolari kienx gie imhallas jew dwar minn fejn jew kif dawn l- oggetti gew akkwistati, l-prova ta' dan taqa' fuq l-imputat."*

*"In sostenn ta' tali principju, l-Qorti ccitat sentenzi ohrajn u kompliet izzid hekk: "kull prova ghalhekk li l-Prosekuzzjoni trid taghmel hi nskritta minn dan l-artikolu u permezz tieghu jidher car li l-prova li l-prosekuzzjoni trid taghmel hi li ma jirrizultalhiex li thallas id-dazju. Minn hemm il-quddiem l-oneru tal-prova hu mixhut fuq l-imputat."*

*Imbaghad fl-Appell Kriminali* ***"Il-Pulizija vs. John Mary Deguara"***[56] *gie deciz li :-*

*"Hu l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova x-xjenza." u ".....huwa zbaljat li wiehed japplika l-principji tal-Artikolu 77 tal-Kap. 37 meta l-appellant ma tax l-eccezzjonijiet rizultanti taht*

[56] Deciza fis-7 ta' Settembru, 1990

*tali artikoli.."*

*Fl-Appell Kriminali* ***"Il-Pulizija vs. Carmel sive Charles Azzopardi"***[57] *, fejn id-difiza ssollevat in-nuqqas ta' xjenza u ta' mens rea tal-imputat fil-partecipazzjoni tieghu fir-reat lilu addebitat gie ritenut li :-*

*"Jigi osservat immedjetament rigward dan il-punt li huwa strettament ta' natura legali, illi f'kazijiet precedenti fejn l-istess punt inqala' u gie deciz, il- pozizzjoni illi hadet din il-Qorti kienet fis-sens li dak illi kien gie deciz mill- Imhallef Harding, President ta' din il-Qorti fl-24 ta' Novembru, 1945 in re.* ***"Il-Pulizija vs. Anthony Preca"****, fejn, ghall-fini tal-ispostament tal-oneru tal-prova minn fuq il-Prosekuzzjoni ghall-fuq l-imputat, kienet saret distinzjoni importanti bejn il-kaz fejn l-imputat ikun l-importatur u l-kaz l- iehor fejn l-imputat ma jkunx il-komplici tieghu imma jkun assista fl-iskarikar tal-merkanzija. F'dik is-sentenza, li giet imbaghad sussegwentement segwita b'diversi sentenzi ohra fosthom dik in re* ***"Il-Pulizija kontra Joseph Farrugia"*** *deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Jannar, 1991, kien gie deciz li ghalkemm huwa veru li skond il-ligi f'akkuza ta' pussess ta' oggett li dwaru ma jkunx thallas id-dazju, il-prova li d-dazju kien thallas ghandha ssir mill-imputat, cio' nonostante fil-materja ghandha ssir distinzjoni bejn il-kaz fejn l-imputat huwa l-importatur ta' dak l-oggett jew il-komplici tieghu jew l-esekutur immedjat tal-att ta' kuntrabandu u l- kaz li l-imputat ikun haddiehor. F'dan l-ahhar kaz jinhtieg ghall- kontravvenzjoni r-rekwizit tax-xjenza, igifieri li l-imputat kien jaf jew messu ragjonevolment ikun jaf li d-dazju dwar dak l-oggett ma jkunx gie imhallas."*

*u*

*"....ghaldaqstant meta c-cirkostanzi juru li l-imputat kellu ragjonevolment jahseb li d-dazju fuq oggetti minnu possedut ma kienx thallas, kellu r- rekwizit ta' dik ix-xjenza u allura huwa hati tal-kontravvenzjoni lilu addebitata. Diversament huwa ezenti minn kull htija min ma kienx jaf u ma setax ragonevolment ikun jaf li d-dazju ma kienx thallas jew min kien mic-cirkostanzi gustifikat jahseb li id-dazju thallas ........Wiehed pero ' jrid joqghod attent f'sitwazzjoni simili billi ma jispostax l-ordni tal-logika ta' kif ghandhom isiru l-affarijiet u ma jinqabadx f'nasba ta' spostament ta' ragonament pseuodologiku....Skond din il-Qorti l-ordni li ghandu jigi segwit huwa illi ghandu jigi stabilit l-ewwel u qabel kollox, x'tip ta' attivita'*

[57] Deciza fit-22 ta' Settembru, 1993

*kienet qed issir mill-appellant. Ghal dan il-fini, din il-Qorti jidhrilha li originarjament il-prova inizjali illi l-imputat kien jew l-importatur ta' l-oggetti, jew il-komplici ... jew li almenu kellu element ta' konoxxenza ta' dak li kien qieghed isir, tinkombi fuq il-prosekuzzjoni, imbaghad una volta stabilit dan, cioe' li jew kien l-importatur jew kien il-komplici jew li kien fi kwalunkwe kaz jaf x'inhu jigri, l-oneru tal-prova jinkombi fuq l-imputat fit- termini tal-ligi. Pero' inizjalment kif inghad, il-prova trid issir mill-Prosekuzzjoni. "*

*Illi dan l-insenjament u din id-distinzjoni gew segwiti minn din il- Qorti diversament preseduta fil-kawza* ***"Il-Pulizija vs. Francis Xavier sive Franco Borg"***[58] *fil-kaz ta' pussess ta' oggett li dwaru ma jkunx thallas id-dazju bi ksur tal-paragrafi (g) u (h) tal-Artikolu 62.*

*Dejjem dwar dan l-element tax-xjenza, din il-Qorti esprimiet ruha hekk fl-Appell Kriminali:* ***"Il-Pulizija vs. Louis Frendo"***[59]*:-*

*"...dan ir-rekwizit ifisser li meta wiehed jikkonsidra c-cirkostanzi kollha relattivi u partikolari ghall-kaz, dawn l-istess cirkostanzi ghandhom ikunu bizzejjed fihom infushom biex juru li f'dak il-kaz, il-possessur tal-oggetti in kwistjoni kien jaf, jew messu ragonevolment ikun jaf minn dawk ic-cirkostanzi, li d-dazju/levy fuq dawk l-oggetti ma kienx imhallas. Din hi t-tifsira ta' dan ir- rekwizit tax-xjenza fl-imsemmija artikoli tal-Kap. 37 "*

*u meta dawn ic-cirkostanzi juru bic-car li l-appellant kien jaf li d- dazju/levy ma kienx thallas :-*

*"...hawn jiskatta in operazzjoni l-Artikolu 77 tal-Kap. 37 li jitfa' l- oneru fuq l-appellant biex jipprova li d-dazju/ evy fuq dawk l-oggetti kien thallas. Fil-kaz odjern u f'kazijiet simili, kull ma trid taghmel il- prosekuzzjoni hu li tipprova (a) dawk l-oggetti dahlu Malta, (b) li "prima facie" jidher li id-dazju/levy fuqhom ma kienx thallas, u (c) li dawk l-oggetti kienu fil-pussess u kontroll shih tal-appellant."*

*L-import tal-artikolu 77 gie wkoll trattat fl-appell Kriminali* ***"Il- Pulizija vs. Joseph Said"***[60]*u fl-Appell Kriminali* ***"Il- Pulizija vs. Joseph Grech Sant"***[61] *fejn ukoll gie ribadit*

[58] Deciza fit-23 ta' Settembru, 1994
[59] Deciza fit-12 ta' Marzu, 1999
[60] Deciza fis-26 ta' Novembru, 1992

*il- principju li jekk tinqala' kwistjoni dwar jekk oggetti kienx thallas id- dazju fuqhom jew kinux importati skont il-ligi, il-prova relattiva tmiss lill-imputat. Anki fl-Appell Kriminali* ***"Il-Pulizija vs. Andrew Zammit et"***[62] *gie ritenut :-*

*"..hawnhekk il-Prosekuzzjoni m'ghandhiex bzonn tipprova li d-dazju ma thallasx jew li ma giex kawtelat, izda ghal kuntrarju , ......kien imiss lill-appellant jipprova illi d-dazju kien thallas jew li kellu raguni li kien thallas jew inkella b'xi mod kawtelat. L-oneru tal-prova hawn qieghed fuq l-appellant u hu hawn naqas. Kull ma trid taghmel il-prosekuzzjoni hawnhekk hu li ma jirrizultalhiex li thallas id-dazju. Minn hemm 'l quddiem l-oneru tal-prova jaqa' fuq l-appellant."*

*Illi fl-Appell Kriminali:* ***"Il-Pulizija vs. Anthony Callus"***[63] *gie ritenut li:-*

*"Issa fil-waqt li hu minnu li biex jirrizultaw l-.imputazzjonijiet mhux biss irid jigi pruvat il-pussess materjali tal-oggett mhux zdazjat, imma jrid ikun hemm ukoll il-provi tax-xjenza li dak l-oggett ma kienx thallas id-dazju jew it-taxxa tas-sisa fuqu. Pero' dan l-element tax-xjenza, anki jekk jigi michud mill-persuna suspettata, jista' jigi pruvat minn provi indizjarji li jkunu jindikaw li tali xjenza kien hemm jew suppost li kien hemm." (sottolinear ta' din il-Qorti).'* (Referenzi u dati tas-sentenzi citati fis-sentenza citata jinsabu fin-noti ta' qiegh il-pagna)

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti sejra issa tghaddi biex tqis il-provi li tressqu mill-prosekuzzjoni rigwardanti l-oggetti in kwistjoni. Meta xehed l-Ispettur Ian Abdilla fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) spjega li '*Sussegwentement fl-istess hin filghodu il-van Toyota Dyna bin-numru ta' registrazzjoni HQZ 083 gie miftuh u spezzjonat minn membri tal-Economic Crimes assistiti minn membri tad-Drug Squad peress li kellna informazzjoni li setghet tiddahhal Malta wkoll id-droga u sussegwentement instab li f'dan il-van kien hemm 99 master cases tad-ditta Business Royals sigaretti. Kif diga spjegajt master case ikun fiha 50 stikka u kull stikka jkun fiha 10 pakketti. Apparti dawn id-*

[61] Deciza fl-4 ta' Frar, 1994
[62] Deciza fil-31 ta' Lulju, 1998
[63] Deciza fit-13 ta' lulju, 2005

*99 master case Business Royals, kienu nstabu wkoll 4 master cases tad-ditta Tradition. Gie mfittex il-van kollu. Droga ma nstabitx...'* Xehed ukoll li '*F'dan l-istadju nixtieq formalmet nipprezenta bhala Dok IA11 103 kaxxi master cases tas-sigaretti konsisenti f'99 master case Business royals u 4 master cases Tradition u Toyota Dyna bin-numru ta' registrazzjoni HQZ 083. Dawn qed jigu mmarkati bhala Dok IA12.'*

Martin Debattista ghan-nom tad-Dipartiment tad-Dwana xehed fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) prezenta nota ta' qbid rigward disgha u disghin (99) kaxxa Business Royals u erba' (4) kaxxi Tradition u nota ta' qbid rigwardanti Vettura Toyota Dyna bin-numru ta' registrazzjoni HQZ 083. In-nota ta' qbid li tidher a fol 205 u mmarkata bhala MD2 bhala deskrizzjoni tal-oggetti maqbuda hemm imnizzel:

*'TABAKK MANIFATTURAT*

*99 Kaxxa, b'50 kartuna kull kaxxa, b'200 sigarett kull kartuna- BUSINESS ROYALS.*

*4 Kaxxi, b'50 kartuna kull kaaxxa, b'200 sigarett kull kartuna- TRADITION.'*

Filwaqt li taht 'kwantita' tnizzel '*5,150 Kartuna.*'

PC 782 Shaun Scicluna fis-seduta tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) spjega li '*Inzilna, inzilna fejn il-van. Il-van kien tal-marka Toyota, kulur abjad u fuq il-van kien hemm miktub il-kliem FX garage. In-numru ta' registrazzjoni tal-van huwa HQZ 083 u l-van kien issigillat. Ahna ftahna l-van quddiem il-prezenza ta' Anthony Cremona fejn hemm hekk kien hemm numru ta' kaxxi jghidulhom master cases tas-sigaretti. Dawn kienu ppakkjati go boroz suwed, garbage bags, qeghdin ippustjati fuq xulxin gol-van. Bdejna nohorgu l-kaxxi wahda wahda. Il-membri tad-drug squad immexija mis-surgent 1086 kienu mitluba jaghmlu search il-kaxxi fuq ix-xoghol relatat maghhom u bdejna nohorgu kaxxa u huma jaghmlu s-search. Dina l-procedura hadet madwar saghtejn u nofs. Spiccajna ghall-habta ta' l-erbgha nieqes kwart (3.45). Il-boroz ittiehdu mis-surgent 659 li huwa nkarigat mill-fingerprints. Huwa ha l-boroz is-suwed, il-garbage bags biex ikun jista' jezaminhom. Jiena xogholi kien l-aktar iffukat biex nghodd il-kaxxi, l-master cases fejn irrizulta li kien hemm disgha u disghin (99) master case tal-marka Business Royals u erba'*

*(4) master cases tal-marka Tradition. Jigifieri total kien hemm mija u tlieta (103) master cases.'* PC 737 Kurt Dylan Underwood fix-xhieda tieghu ta' nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehed li '*Waqt li l-pulizija tad-drogi bdew jaghmlu s-search fis-sigaretti li kien hemm, jiena bdejt nissorvelja dak li kien qed isir u bdejt nghodd il-kwantita' li kien hemm.*'

Illi l-Ispettur Nicholas Vella fis-seduta ta' nhar il-hamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) xehed ukoll li '*Xhin wasalna hemmhekk ftahna l-kaxxa ta' wara tal-vann fejn ikkonfermajna dak li stajt nara jiena l-kaxxi s-suwed kienu qeghdin fuq wara tal-vannu meta ftahna wahda mill-kaxxi ikkonfermajna li go fiha kien hemm sigaretti.*' Fir-relazzjoni ta' PS659 Jeffrey Hughes senjatament a fol 423 irrelata:

'*Illi gewwa l-kaxxa ta' wara tal-vettura kien hemm numru kbir ta' oggetti li kienu ta' daqs simili ghal xulxin u li kienu maghluqin f'boroz kbar ta' lewn iswed. L-esponent bl-ghajnuna tas-surgent 1392 Kevin Buhagiar li jahdem fis-sezzjoni tas' Scene of Crime' beda jitah kull borza sabiex jinhareg il-kontenut. Infatti dan il-process ha diversi sieghat. Gewwa dawn il-boroz gew misjuba kaxxi kbar tas-sigaretti bil-kliem 'Royals 10000 cigarettes in 20's ' kif ukoll kaxxi bil-kelma 'Tradition Filter Cigarettes' fuqhom. Gewwa dawn il-kaxxi gew misjuba diversi paketti ohra tas-sigaretti kollha ssigilati...*'

Fir-ritratti li jidhru a fol 429 u 430 f'dan l-istess rapport jidhru kartun bil-kliem Royals u b'emblema.

L-espert PS1392 Kevin Buhagiar fir-relazzjoni tieghu prezenta numru ta' ritratti, fosthom ir-ritratt bir-referenza FS131276- DOK 13 BXB 136 a fol 786 bid-deskrizzjoni '*Dehra tal-kontenut tal-vettura*' fejn jidhru bhal kaxxi kbar imgezwra f'basktijiet suwed, b'kaxxa minnhom imgezwra b'borza kannella. Fir-ritratt a fol 787 bir-referenza FS131276- DOK 13 BXB 137 tidher kaxxi f'borza imcarta fejn fuq il-kaxxa hemm stampa b'emblema bl-ittri BR u l-kliem 'Audere est facere'. F'ritratt a fol 788

tidher il-borza imqatta fejn hemm kaxxa bl-isem Business Royals. A fol 791 hemm zewg ritratti ta' kaxxa ta' certu qies bid-ditta fuq barra u bhal kaxxi izghar gewwa bil-kliem Business Royals. Fl-ewwel ritratt a fol 792 bir-referenza FS131276- DOK 13 BXB 145 hemm kaxxa fejn fost kliem iehor, hemm il-kliem 'Tradition' u 'filter cigarettes'. Filwaqt li fl-istess pagna, fir-ritratt bir-referenza FS131276 - DOK 13 BXB 146 hemm kaxxa izghar fejn hemm il-kelma 'Tradition' u kliem b'lingwa barranija. Filwaqt li a fol 793 fir-ritratt bir-referenza FS131276 Dok 13 BXB 147 jidhru diversi kaxxi tawwalin ta' sigaretti imferxin fil-vann. Fir-ritratti bir-referenza FS131276-DOK 13 BXB 150 u FS131276 - DOK 13 BXB 151 a fol 795 hemm numru ta' firem fuq tape. Id-deskrizzjoni tar-ritratti jaqra '*Close-up tas-sigill bil-firem ta' zewg surgenti u tas-suspettat*'. Dawn huma uhud minn bosta ritratti li gew esebiti.

PC 1138 Andrei Spiteri fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) spjega li '*In the meantime wasal is-surgent PS 524 u l-kollega tieghu 837 u gew hemmhekk u ftahna l-bieba tal-vann u sibna xi kaxxi u kollox ippakjat insomma. Kif ftahna l-kaxxi sibna xi sigaretti u affarijiet ohra mremblin fil-garbage bags. Infurmajna lill-Ispettur Nicky Vella minn tal-iskwadra taghna stess u infurmana biex narrestawhom dak il-hin fuq il-post. Arrestajniehom u tajniehom id-drittijiet taghhom.*' Il-Maggur 524 Paul Cassar li xehed fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) spjega li '*X'hin ftahna l-vann, kien hemm ammont ta' kaxxi maghluqin go boroz suwed tal-plastic. Meta ccekjajna fihom kien hemm xi pakketti tas-sigaretti f'kull kaxxa. Kull kaxxa kienet mimlija bil-pakketti tas-sigaretti.*' Mario Galea fis-seduta ta' nhar il-hamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) spjega li '*Jiena kont hadt sigaretti minghand dak iz-zmien kont l-ispettur is-Sur Abdilla kif ukoll il-vettura hadnihom over id-dwana m'ghand il-pulizija.*' Spjega li '*Is-sigaretti ghandhom fil-pussess tad-dwana mentri l-vettura giet rilaxxata lis-Sur Francis Xuereb...*' Huwa gie muri sett ta' ritratti faxxiklu KBI u ritratti minn BXB133 il'quddiem u wiegeb '*Il-vettura qed naghrafha. Hija l-istess wahda li hadt m'ghand il-pulizija. Hija l-istess numru, huwa l-istess numru wkoll. Dan il-kontenut ma rajtux hekk jien.*' Xehed ukoll '*Is-sigaretti dan qed naghraf li huwa Royals li huwa parti minn konsenja. Nerga' l-vettura li hija l-istess numru. Dan m'ghandux numru jigifieri.*'

Graziella Buttigieg ghan-nom tal-Kontrollur tad-Dwana fis-seduta tal-ghaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) xehdet li '*Ahna ghamilna eveluation ta' dawn is-*

*sigaretti. Il-valur taghhom jammonta ghal twenty nine thousand, eight hundred ninety three, twenty cents (39,893.20) imma mbaghad hemm involuti d-duty, tax, l-exiles taghna. Il-valur ta' kull pakkett huwa fifty eight (58) cents kull pakkett li dan nohudh minn database u din hija xi haga uniformi li meta jinqabdu sigaretti dejjem l-istess prezz huwa.*' A fol 455 gie prezentat dokument datat l-hmistax (15) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) iffirmati minn Mario Abela u Graziella Buttigieg bhala evaluation officers fejn hemm imnizzla kwantitajiet ta' 'Cartons', pakketti, sigaretti u CIF value. Minkejja li tnizzel '*No of cigarettes*' ma jirrizultax jekk fattwalment inhargux is-sigaretti mill-kaxxi biex ghalhekk jigi kkonfermat li l-kontenut kien filfatt sigaretti. A fol 456 giet prezentata bhal kopja ta' noti miktuba bl-idejn fejn hemm miktub fost kliem iehor:

'*Please evaluate:*

*99 M/cases x 10,000 cigs each Business Royals*

*4 M/cases x 10,000 cigs each Tradition*

*4 cartons x 200 cigs each Business Royals.*'

Ikkunsidrat;

Illi ghalhekk jirrizulta li minkejja li l-Prosekuzzjoni tellghet diversi xhieda li xehdu dwar sigaretti u kaxxi ta' sigaretti, ma gie prezenta l-ebda ritratti li juri l-kontenut ta' tali kaxxi ossia l-allegati sigaretti innifishom, kif lanqas ma gie nominat espert sabiex jistabilixxi l-kontenut tal-kaxxi in kwistjoni. Fil-kamp penali, il-prosekuzzjoni mistennija li tressaq l-ahjar prova.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Martin Cachia'**[64] gie kkunsidrat li:

'*Din il-Qorti ezaminat il-provi kollha prodotti quddiem l- ewwel Qorti u l-uniku suggeriment li dawn id-DVDs setghu kienu importati jigi mill-Ispettur Ian Abdilla li, fit-28 ta' Mejju 2003 xehed darbtejn quddiem l-ewwel Qorti. L- ewwel darba xehed biss li d-DVDs, CDs u Playstation games elevati mir-residenza ta' l-appellant "at face value dehru li setghu kienu counterfeit". Meta xehed it-tieni darba, qal hekk: "L-oggetti li ahna elevajna mir-residenza tal-imputat gew mghoddija lid-Dwana biex issir valuation taghhom. Nghid li dawn*

[64] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Lulju, 2006 (Appell Kriminali Numru. 155/2004)

*l-oggetti gew mghoddija lid- Dwana peress li ahna tlabna d-dokumenti lill-imputat u dan ma tahomlniex u ghalhekk issuspettajna li kien hemm evasion of duty. Fil-fehma tieghi mill-kwalita` taghhom deherli li dawn setghu gew importati. Fil-fehma tieghi ma kinux prodott lokali. Mistoqsi pero` jekk kellix ragun li nahseb ghaliex l-imputat ma setax xtrahom minghand grossista lokali nghid illi l-imputat fl-ebda hin ma gabilna d-dokumentazzjoni dwar ix-xiri taghhom". L-Ispettur Abdilla pero` ma spjegax x'wasslu biex jikkonkludi kif ikkonkluda, x'kien hemm partikolari f'dawn id-DVDs li geghlu jahseb li "setghu" kienu importati. Il-fatt imbaghad li l-appellant ma pproduciex dokumentazzjoni lill-Ispettur Abdilla ma jfissirx necessarjament illi kien xoghol importat u, jekk kien xoghol importat, li l-appellant kien jaf jew ragjonevolment seta' kien jaf li d-dazju fuqhom ma kienx thallas. Inoltre, ghalkemm id-DVDs gew mghoddija lid- Dwana, hadd mill-ufficjali tad-Dwana ma xehed dwar l- allegata provenjenza taghhom, cioe` jekk dawn id-DVDs kinux importati. Is-semplici konferma tal-letter to prosecute mhijiex certament prova li d-DVDs kienu importati. Anke Martin Bajada, li ezamina kull oggett, ma jsemmi xejn dwar li dawn kienu importati. Jigifieri l- prosekuzzjoni la ppruvat li d-DVDs in kwistjoni kienu importati u wisq anqas illi l-appellant kien jaf jew seta' ragjonevolment ikun jaf li d-dazju fuqhom ma kienx thallas. B'hekk ma skattatx in operazzjoni l-artikolu 77 tal- Kap. 37.'*

Illi b'qari tal-artikolu 77 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll tal-gurisprudenza citata jirrizuta li l-prova li trid taghmel il-prosekuzzjoni hi d-dazju ma thallas. Minn hemm il-quddiem, l-oneru tal-prova jinkombi fuq l-imputat biex jiprova jekk id-dazju li jmiss fuq l-oggetti giex imhallas, jekk l-oggetti kienux gew importati jew trasburdati jew zbarkati skont il-ligi jew dwar l-lok minn fejn kienu gew dawk l-oggetti. Biss pero' qabel ma tali oneru tal-prova jinxtehet fuq l-imputat, il-prosekuzzjoni la darba trid tiprova li ma rrizultax li thallas id-dazju, huwa necessarju li l-prosekuzzjoni tiprova x'inhu l-oggett li fuqu kellu jithallas id-dazju u li dan jaqa' taht l-ewwel skeda tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta. Mill-atti jirrizulta li numru ta' xhieda tal-prosekuzzjoni jaghmlu referenza ghal 'sigaretti' misjuba, biss pero minkejja li gew prezentati numru ta' ritratti fosthom ritratti ta' kaxxi bl-isem 'Business Royal' u 'Tradition' kif ukoll kaxxi izghar f'kaxxi akbar, ma giex prezentat ritratti dwar il-kontenut tal-kaxxi jigifieri ritratt ta' sigarett. Dan huwa relevanti fil-

kuntest tal-aggravji li qieghed iressaq l-appellant, u dan peress li stante li ma nhatarx espert sabiex jirrelata dwar il-kontenut, filfatt filwaqt li l-prosekuzzjoni tellghat lil PS659 Jeffrey Hughes li ghamel l-ezamijiet kimici ghaz-zvilupp tal-impronti fuq il-kaxxi u boroz tal-plastik u esebixxa r-relazzjoni tieghu u l-Qorti sussegwentement hatret lil Joseph Mallia biex jeleva l-impronti digitali tal-imputati u jaghmel ezami komparattiv, kien jispetta fuq il-prosekuzzjoni sabiex tipprezenta ritratti tal-kontenut tal-kaxxi u mhux biss ritratti ta' kaxxi. Una volta li jigi stabbilit il-kontenut tal-kaxxi, kien umbghad jispetta lill-imputati biex jipruvaw li d-dazju thallas.

Il-fatt li wiehed mill-ufficjali prosekutur prezenta formalment il-master cases li allegatament kienu jikkontjenu s-sigaretti ma jfissirx li ngiebet l-ahjar prova li l-Qorti tistenna li l-prosekuzzjoni tressaq. L-istess jinghad ghaz-zewg pakketti sigaretti Business Royals li l-Ispettur Ian Abdilla fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) spjega li '*Nibda biex nipprezenta bhala Dok IA15, esebit li ghandu r-referenza 13BXQ201 li huma zewg pakketti tas-sigaretti Business Royals. Dawn instabu mill-ufficjali tar-Rapid Intervention Unit fil-console tad-dghajsa Blue Dolphin I. Dawn qed jigu prezentati bhala Dok IA15*'. Dawn il-pakketti sigaretti li din il-Qorti qieghda tifhem li huma dawk li jidhru fir-ritratt bir-referenza FS131276- DOK 13 BXB 108 a fol 768 fejn anke jidhru zewg pakketti sigaretti a fol 776 fir-ritratt bir-referenza FS131276 - DOK 13 BXB 121, kif ukoll sussegwentement is-sejba tal-'*4 grosos tad-ditta Business Royals go dan il-konz u dawn gew elevati minni.*' instabu fuq id-dghajsa u mhux fil-vann mal-kumplament tal-kaxxi.

Illi l-Qorti kienet tistenna li fil-kaz odjern kienet tigi mahtura inkjesta magisterjali, fejn il-Magistrat Inkwirenti kien jahtar esperti sabiex tigi preservata l-evidenza u sabiex jigi kkonstatat u stabbilit l-oggett in mertu. Mill-atti jirrizulta li l-Magistrat Inkwirenti kient biss mitluba sabiex issir identifcation parade u dan kif jirrizulta mill-process verbal a fol 616 et sequitur. L-ewwel proviso tal-artikolu 546(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

'*Iżda fejn jirriżulta li l-fatt li dwaru ma tkunx saret investigazzjoni taħt dan is-subartikolu kien jikkostitwixxi reat li għalih kienet tingħata l-piena msemmija f'dan is-subartikolu, n-nuqqas li tinżamm investigazzjoni taħt dan is-subartikolu m'għandux, għal dik ir-raġuni biss, jippreġudika b'kull mod li jkun li jinbdew jew jitkomplew proċedimenti kriminali għal dak ir-reat jew l-ammissibilità ta' kull prova dwar dak ir-reat f'dawk il-procedimenti:*'

Ghalhekk fin-nuqqas li ssir Inkjesta Magisterjali, il-prosekuzzjoni setghet titlob sabiex l-evidenza tigi prezervata u titlob in-nomina ta' espert sabiex jezamina u jirrelata dwar il-kontenut tal-kaxxi. Fin-nuqqas ta' dan, il-prosekuzzjoni kellha almenu tipprezenta ritratti li juru l-kaxxi miftuha biex jintwera dak li wiehed jistenna li kien hemm gewwa l-kaxxi, ossia s-sigaretti.

Kif gie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Sp. Joseph Cordina) vs Roderic Tanti ta' 32 sena, iben John u Carmen nee Friggieri, imwieled tal-Pieta' fis-7 ta' Awissu, 1968, u li joqghod fl-indirizz 'Earls Court', Flat 5, J. F. Mark Street, San Gwann, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 336168 (M) Joseph Fenech ta' 46 sena bin Gregory u Beatrice nee Frendo, imwieled B'Kara fit-2 ta' Novembru, 1954, u li joqghod fl-indirizz 'Alexandra', Flat 5, Sacred Heart Ave. San Giljan, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 823954 (M) Christopher Cutajar ta' 27 sena, bin Paul u Mary nee Caruana, imwieled tal-Pieta' fil-15 ta' Settembru, 1973 u li joqghod fl-indirizz 'Marpa', Psaila Street, Birkirkara, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 494073 (M)'**[65] b'referenza ghall-proviso tal-artikolu 546(2)[66] tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

'*Dan il-proviso jaghmilha cara li biex isir procediment kriminali jew il-kontinwazzjoni ta' tali procediment kriminali mhux necessarju li ssir dejjem inkjesta Magisterjali. Fil- fatt hu ben maghruf u notorju li hafna mill-kawzi jitressqu l- Qorti biss a bazi ta' investigazzjoni tal-Pulizija u ma jkunux soggetti ghal inkjesta Magisterjali. F'dan il-kaz l-inkjesta saret. F'dan il-kaz ukoll il-Magistrat Inkwirenti ma hassx il-bzonn li jitqabbad espert biex jikkonstata l-*

65 Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-25 ta' Gunju, 2004 (Numru. 98/2001)

66 Is-sentenza citata tnizzel l-artikolu 546(2) minflokk l-artikolu 546(1)

*kontenut tal- fliexken. Fil-fatt il-bzonn li hass il-Magistrat Inkwirenti kien li jikkonserva dawk l-istess fliexken u ghaldaqstant ghal dan l-iskop tqabbdu espert tal-fotografija kif ukoll il- Perit Aquilina li kif ga ntqal ghamel id-debita nventarju ta' dak kollu li kkonstata. Ma jreggix, fl-opinjoni ta' din il- Qorti l-paragun li gabet id-Difiza bejn it-tipjip tal-haxixa u l-alkohol.* '

Ghalkemm din il-Qorti bir-ritratti prezentati u mill-provi prodotti tista' tipresumi li dak li hemm fil-kaxxi li jidhru fir-ritratti prezentati kienu fil-fatt sigaretti, prezunzjonijiet ma ghandhomx post fi proceduri penali. L-irwol tal-Qorti hija li tiddeciedi jekk hemmx htija o meno bil-provi esebiti fil-process biss u cioe' fuq il-provi li ghandha quddiemha u mhux fuq dak li tippresumi li jirrizulta. Ghalhekk din il-Qorti qieghda takkolja dan l-aggravju tal-appellant u tiddikjara li l-prosekuzzjoni ma rnexxielix tressaq l-ahjar prova li dak misjub kienu filfatt sigaretti fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant Michael Borg wahdu gie anke akkkuzat dwar erba' (4) kartuniet, b'mitejn (200) sigarett kull kartuna Business Royals li instabu fuq il-bastiment bl-isem mv Blue Dolphin 1. Din il-Qorti qieghda tifhem li dawn l-erba' (4) kartuniet huma l-istess kartuniet li dwarhom Kusnodo kien dahal f'*out of Court* settlement. L-Ispettur Anna Marie Micallef fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehdet li '*Konsegwentement wara dak li ntqal hawn hekk fil-Qorti u wara x-xhiea ta' Gusnoto u l-ammissjoni tieghu ta' dawk l- 4 grosos sigaretti, jiena kont ergajt*

*kellimtu, ergajt gibt l-interpetu, ergajt tajtu d-dritt tal-avukat u tajnieh id-drittijiet kollha. Rega rrifjuta li jikkonsulta ma avukat. Rigward dawk l-4 grossos sigaretti meta staqsejtu ghalfejn m'ghidtilniex bihom qabel, hu spjega l-fatt li qieghed go pajjiz barrani, dakinhar li kellimtu kienu ghadhom kemm gew arrestati, ma kienx jaf x'qed jigri u ma jigrix ezattament u hu kien nesiehom totalment dawk l-4 grosos sigaretti. Staqsejtu ghalfejn kien hadhom u hu kien qalli li kien hadhom biex jghaddiehom lil shabu l-Indonesjani wkoll li hemm max-Xatt u ghal dak l-Indonejsan li ma kienx hallsu Michael Borg biex jaghtih xi haga u jkollu s-siggaretti. Staqsejtu wkoll bhal ma ghandhom id-dritt tad-dwana jekk kienx lest li jissetilja l-ammont ta' dazju u hu acetta li jkun hemm settlement.*' Id-dokumentazzjoni rigwardanti dan il-ftehim jinsabu a fol 152 sa 154 fejn jirrizulta li Kusnodo hallas l-ammont ta' erba' mija u dsatax Ewro (€419). Ghalhekk la darba Kusnodo kien accetta responsabbilta' ta' dawk is-sigaretti wara li l-prosekuzzjoni kienet resqet lill-appellant b'dawk l-akkuzi, l-Ewwel Qorti ma setghetx issib htija ghal dawk l-erba' (4) grosos sigaretti li minkejja li instabu fuq il-bastiment Blue Dolphin 1, Kusnodo kien accetta responsabbilta dwarhom. In vista ta' dan, din il-Qorti mhijiex sejra tqis l-parti tal-aggravju tal-appellant rigwardanti l-erba' (4) kartuniet misjuba fil-pussess ta' Kusnodo u s-sottomissjonijiet fil-kuntest tal-kredibilita' o meno tax-xhud Kusnodo.

Minn naha l-ohra, ma jirrizultax li l-appellant qieghed jikkontesta l-ircevuta datata t-tnax (12) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) li tinstab a fol 139 fejn Michael Borg kien iffirma li fost oggetti ohra fl-investigazzjoni tittiehdu '2 *(two) packets of cigarettes* "*Business Royals*" *(ref. 13BXQ201).* Minkejja dan ma jirrizultax li nhargu imputazzjonijiet rigward iz-zewg pakketti sigaretti Business Royals li nstabu fid-dghajsa in kwistjoni u lanqas ma jirrizulta li l-appellant qieghed jikkontesta l-ircevuta datata t-tnax (12) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) li tinstab a fol 139 fejn Michael Borg kien iffirma li fost oggetti ohra fl-investigazzjoni tittiehdu '2 *(two) packets of cigarettes* "*Business Royals*" *(ref. 13BXQ201).*

Ikkunsidrat;

Illi stante li l-imputazzjonijiet migjuba huma, ghajr ghal dawk mahruga fuq talba tad-Direttur tad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura, intrinsikament relatati ma sejbien ta' allegati sigaretti, u stante li din il-Qorti qieghda ssib li ma giex pruvat fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni li dak misjub kien filfatt sigaretti, din il-Qorti ma tistax issib htija dwar dawk l-imputazzjoni. Filfatt filwaqt li l-imputazzjonijeit mahruga fuq talba tad-Direttur Generali (Dwana) u tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jirrigwardaw espressament is-sigaretti, l-ewwel imputazzjoni maqsuma f'zewg partijiet enumerati bhala 1. a) u b) li jirrigwardaw ghaqda ta' zewg persuni jew aktar bil-hsieb li jaghmlu reati kriminali li ghalihom jistghu jehlu l-piena ta' prigunerija ghal zmien erba' (4) snin jew iktar u fejn il-prosekuzzjoni niezlet '(liema reati jinkludu kutrabandu ta' sigaretti)' kif ukoll it-tieni parti (b) tal-ewwel imputzzjoni rigwardanti li l-imputati appartjenew ghal ghaqda imsemmija fl-artikolu 83A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta huma intrinsikament relatati mas-sejba tal-allegati sigaretti u ghalhekk gialadarba ma ngabitx l-ahjar prova tal-oggett in mertu, din il-Qorti ma tistax issib htija rigward dawn l-imputazzjonijiet.

Ikkunidrat ulterjorament;

Ghalkemm l-appellant Michael Borg qieghed jitlob li jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, mill-aggravji tal-appell tal-appellant Michael Borg jirrizulta li dawn jirrigwardaw is-sejba ta' sigaretti o meno u mhux rigwardanti l-imputazzjonijiet mahruga fuq talba tad-Direttur tad-Dipartiment tas-sajd u l-Akkwakultura, din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra ghajr li tikkonferma l-htiga tas-segwenti imputazzjonijiet:

6) *Fuq talba tad-Direttur tad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura, talli fil-11 ta' Lulju 2013, u fil-granet ta' qabel, il-bastiment tal-kategorija long liner bl-isem ta' Blue Dolphin I, bin-numru ta' l-identifikazzjoni MFA8053, li jtajjar bandiera Maltija u li l-kaptan tieghu huwa l-istess Michael Borg, li huwa wkoll sid il-*

*bastiment, kien involut f' illegalitajiet li ghat-tharis kontrihom responsabbli huwa responsabbli dan id-Dipartiment.*

*Tali attivitajiet involuti huma illegali stante l-provvedimenti tal-Artikolu 13 tal-Kapitolu 425 u tar-Regolamenti 3 u 4 tal-L.S. 425.08, u dan peress li nstabu abbord disa' hutiet tat-tip pixxispad b' rashom maqtghuha u dan bi ksur tal-artikoli 7 u 8 tal-2011-03, RECOMMENDATION BY ICCAT FOR MANAGEMENT MEASURES FOR MEDITERRANEAN SWORDFISH IN THE FRAMEWORK OF ICCAT, kif ukoll bi ksur ta' kondizzjoni imposta mid-Dipartiment permezz ta' "Permess tas-sajd specjali ghall-konz tal-pixxispad" ghal perjodi fis-sena 2013 fir-rigward tad-daqs u/jew it-tul tal-pixxispad.*

*Wkoll talli, id-Dipartiment la gie notifikat li l-bastiment hiereg ghas-sajd u lanqas ma gie informat li l-bastiment kien diehel lura l-port kif kellu jaghmel 4 sieghat qabel jidhol il-port, u dan kif huwa obbligu li jsir skond il-permess surriferit u l-kondizzjonijiet tieghu.*

Ikkunsidrat;

Illi fir-rigward tal-piena, tenut kont tal-kunsiderazzjonijiet maghmulha aktar il-fuq minn din il-Qorti fejn qieghda tirriforma d-decizjoni tal-Ewwel Qorti billi tirrevokaha fejn sabet htija tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra l-appellant Michael Borg ghajr ghal dawk mahruga fuq talba tad-Direttur tad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura, din il-Qorti sejra tirrevoka il-multi imposti mill-Ewwel Qorti. In oltre, il-Qorti qieghda filwaqt li tirrevoka fejn l-Ewwel Qorti ordnat il-konfiska tad-dghajsa 'Blue Dolphin I' kif ukoll is-somma ta' hames mitt ewo (500.00) rapprezentanti l-vettura HQZ 083, qieghda biss pero' tikkonferma fejn l-Ewwel Qorti ordnat il-konfiska tal-oggetti misjuba li fil-kaz tal-Ewwel Qorti irreferiet ghalihom bhala 'sigaretti'.

Ghalkemm fl-ittra li tidher a fol 112 u immarkata bhala Dok IA2 l-Avukat Edric Micallef Figallo bhala Ufficjal Legali junior tad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura ghan-nom ta' Dr Andreina Fenech Farrugia Agent Direttur tal-istess Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura fl-ittra datata s-sbatax (17) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) kien talab fost piena ohra z-zamma jew il-konfiska tal-bastiment tas-sajd, mis-sentenza appellata minkejja li l-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 35 tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jirrizultax jekk il-konfiska tal-bastiment kinitx ordnata abbazi tal-akkuzi li minnhom din il-Qorti qieghda tillibera lill-appellant fejn saret referenza fost artikoli ohra ghall-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 17(2) tal-Kapitolu 382 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 68 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta jew abbazi tal-imputazzjonijiet mahruga fuq talba tad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura li dwarhom din il-Qorti qieghda tikkonferma l-htija. Ghalhekk nonostante l-fatt li din il-Qorti qieghda ssib htija tal-akkuzi li nhargu fuq it-talba tad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura, stante li l-Ewwel Qorti ma jirrizultax li ordnat piena rigwardanti dawn l-akkuzi, din il-Qorti ma tistax f'dan l-istadju tordna piena ghal tali akkuzi u dan tenut kont tal-fatt li s-sentenza ma gietx appellata mill-Avukat Generali.

Il-Prosekuzzjoni kienet talbet li l-Qorti tordna l-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta esperti jew periti fil-proceduri kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Din l-Qorti filwaqt illi tikkonferma li l-Ewwel Qorti ma ordnatx hlas rigwardanti dan, tinnota li l-Ewwel Qorti b'lapsus calami iccitat l-artikolu 5333 minflokk l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Liema lapsus ma ghandu l-ebda effett fuq il-proceduri odjerni.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tilqa' limitatament l-appell kif ikkunsidrat u filwaqt li tikkonfema fejn l-Ewwel Qorti sabet htija tal-imputazzjonijiet mahruga fuq talba tad-Direttur tad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura li l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha tinnumera bhala s-6, 7 u 8 imputazzjonijiet, tirrevoka fejn l-Ewwel

Qorti sabet lill-imputat Michael Borg hati tal-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjoni u tilliberah minnhom.

In kwantu l-piena qieghda tirrevoka dik il-parti fejn ikkundannatu l-hlas ta' multa ta’ erba’ mija u tmienja u tmenin elf, sebgha u sebghin Ewro, sitta u tmenin centezmu (€488,077.86), li terz minnhom, u cioe’ mija u tnejn u sittin elf, sitt mija u tnejn u disghin Ewro, tnejn u sittin centezmu (€162,692.62) kienu dovuti bhala dejn civili lid-Dwana. Qieghda tirrevoka ukoll dik il-parti fejn ikkundannatu ukoll ghal multa ta’ tlitt mija u disgha u sebghin Ewro u tmien centezmi (€379.08), li terz minnhom, u cioe’ mija u sitta u ghoxrin Ewro, sitta u tletin centezmu (€126.36) kienu dovuti bhala dejn civili lid-Dwana.

In oltre, qieghda tirrevoka fejn l-Ewwel Qorti ordnat l-konfiska tad-dghajsa ‘Blue Dolphin I’ kif ukoll tas-somma ta’ hames mitt Ewro (€500.00) rappresentanti l-vettura HQZ 083. Qieghda biss pero, tikkonferma l-konfiska tal-oggetti maqbuda li l-Ewwel Qorti tirreferi ghalihom bhala 'sigaretti'.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur